ISSN 1725-5104

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 323

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 52

10 ta' Diċembru 2009

Werrej

I *Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja*

DIRETTIVI

★ **Direttiva tal-Kunsill 2009/157/KE tat-30 ta' Novembru 2009 dwar l-annimali tal-ispeċi tal-bovini ta' razza pura għat-tnissil** (1) ........ 1

II *Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja*

DEĊIŻJONIJIET

**Il-Kunsill**

2009/914/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 li temenda d-Deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv, stabbilit mill-Konvenzjoni ta' Schengen tal-1990, li temenda r-Regolament Finanzjarju dwar l-ispejjeż tal-installazzjoni u l-operazzjoni tal-funzjoni ta' sostenn tekniku għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (C.SIS)** ........ 6

2009/915/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 li temenda d-Deċiżjoni 2000/265/KE tas-27 ta' Marzu 2000 dwar it-twaqqif ta' regolament finanzjarju li jirregola l-aspetti li għandhom x'jaqsmu mal-budget tat-treġija mid-Deputat Segretarju Ġenerali tal-Kunsill, ta' kuntratti konklużi f'ismu, f'isem ċerti Stati Membri, li jirrelataw għall-installazzjoni u l-ħidma tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni għall-ambjent ta' Schengen, "SISNET"** ........ 9

(1) Test b'relevanza għaż-ŻEE

*(Ikompli fil-paġna ta' wara)*

**Prezz: 4 EUR**

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

FTEHIM

**Il-Kunsill**

★ **Informazzjoni dwar id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehimiet dwar l-Estradizzjoni u dwar l-Assistenza Legali Reċiproka bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika** ..................... 11

III *Atti adottati skont it-Trattat tal-UE*

ATTI ADOTTATI SKONT IT-TITOLU V TAT-TRATTAT TAL-UE

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/916/PESK tat-23 ta' Ottubru 2009 dwar l-iffirmar u l-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Seychelles dwar l-istatus tal-forzi mmexxijin mill-Unjoni Ewropea fir-Repubblika tas-Seychelles fil-qafas tal-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea Atalanta** ........................................................................ 12

**Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Seychelles dwar l-istatus tal-forzi mmexxijin mill-Unjoni Ewropea fir-Repubblika tas-Seychelles fil-qafas tal-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea Atalanta** ..... 14

ATTI ADOTTATI SKONT IT-TITOLU VI TAT-TRATTAT TAL-UE

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/917/ĠAI tat-30 ta' Novembru 2009 dwar l-użu tat-teknoloġija tal-informatika għall-finijiet doganali** ................................................................ 20

IV *Atti oħrajn*

ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

**Awtorità ta' Sorveljanza EFTA**

★ **Deċiżjoni tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA Nru 28/08/COL tat-23 ta' Jannar 2008 dwar l-Iskema tal-Injam ("Verdiskapningsprogrammet for tre") (In-Norveġja)** .......................... 31

MT

*Avviż lill-qarrejja (ara paġna 3 tal-qoxra)*

I

*(Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja)*

# DIRETTIVI

## DIRETTIVA TAL-KUNSILL 2009/157/KE

**tat-30 ta' Novembru 2009**

**dwar l-annimali tal-ispeċi tal-bovini ta' razza pura għat-tnissil**

**(verżjoni kodifikata)**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi il-Komunità Ekonomika Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 37 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Parlament Ewropew [1],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew [2],

Billi:

(1) Id-Direttiva tal-Kunsill 77/504/KEE tal-25 ta' Lulju 1977 fuq l-annimali tal-fart ta' razza pura għat-tnissil [3] ġiet emendata b'mod sostanzjali diversi drabi [4]. Fl-interess taċ-ċarezza u tar-razzjonalità, l-imsemmija Direttiva għandha tiġi kodifikata.

(2) Il-produzzjoni ta' l-ifrat tokkupa post importanti ħafna fl-agrikoltura tal-Komunità, u riżultati sodisfaċenti jiddependu ħafna fuq l-użu l-annimali għat-tnissil ta' razza pura.

(3) Id-differenzi fost l-Istati Membri fir-rigward ta' razzez u standards huma ta' tfixkil fil-kummerċ intra-Komunitarju. Jekk dawn id-differenzi jitneħħew u b'hekk titkabbar il-produttività agrikola f'dan is-settur, il-kummerċ intra-Komunitarju fl-annimali kollha għat-tnissil ta' razza pura għandu jiġi liberalizzat.

(4) Għandu jkun possibbli għall-Istati Membri li jinsistu għal ċertifikati ta' l-arblu tar-razza mfassla skond il-proċedura tal-Komunità li qed tiġi preżentata.

(5) Il-miżuri neċessarji għall-implimentazzjoni ta'din id-Direttiva għandhom jiġu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni konferiti lill-Kummissjoni [5].

(6) Din id-Direttiva hija bla ħsara għall-obbligi ta' l-Istati Membri dwar il-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali tad-Direttivi stabbiliti fl-Anness I Parti B,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva, għandhom japplikaw d-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "annimal tal-ispeċi tal-bovini ta' razza pura għat-tnissil" tfisser kull annimal tal-ispeċi tal-bovini, inkluż il-buflu, li l-ġenituri u n-nanniet tiegħu jiddaħħlu jew jiġu reġistrati f'reġistru tal-merħla ta' l-istess razza, u li hu nnifsu jkun imdaħħal jew reġistrat u eliġibbli għad-dħul f' dan il-ktieb tal-merħla;

(b) "reġistru tal-merħla" tfisser kull ktieb, reġistru, fajl jew mezz li jiġbor fih informazzjoni:

(i) li hi miżmuma minn organizzazzjoni ta' dawk li jgħammru jew assoċjazzjoni uffiċjalment rikonoxxuta fl-Istat Membru fejn l-organizzazzjoni jew l-assoċjazzjoni ta' dawk li jgħammru kienet ikkostitwita, jew minn dipartiment uffiċjali ta' l-Istat Membru kkonċernat; u

(1) Opinjoni tal-20 ta' April 2009 (għadha m'hijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
(2) Opinjoni tal-15 ta' Lulju 2009 (għadha m'hijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
(3) ĠU L 206, 12.8.1977, p. 8.
(4) Ara l-Anness I, Parti A.
(5) ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.

(ii) li fih l-annimali għat-tnissil ta' razza pura ta' razza partikolari tal-ispeċi tal-bovini jiddaħħlu u jkunu reġistrati b'referenza għall-antenati tagħhom.

*Artikolu 2*

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li dan li ġej ma jkunx projbit, ristrett jew impedut minħabba raġunijiet żootekniċi:

(a) il-kummerċ intra-Komunitarju fl-annimali tal-ispeċi tal-bovini ta' razza pura għat-tnissil;

(b) il-kummerċ intra-Komunitarju fis-semen u1 ova u embrijoni ta' l-annimali tal-ispeċi tal-bovini ta' razza pura għat-tnissil;

(ċ) l-istabbiliment ta' reġistri tal-merħla, dment li jkunu konformi mar-rekwiżiti stabbiliti skond l-Artikolu 6;

(d) ir-rikonoxximent ta' l-organizzazzjonijiet jew l-assoċjazzjonijiet li jżommu reġistru tal-merħla, skond l-Artikolu 6; u

(e) soġġetti għad-Direttiva tal-Kunsill 87/328/KEE tat-18 ta' Ġunju 1987 dwar l-aċċettazzjoni għall-iskopijiet ta' tgħammir ta' bhejjem ta' l-ifrat tar-refgħa ta' razza pura ([1]), il-kummerċ intra-Komunitarju fil-barrin użati għall-inseminazzjoni artifiċjali.

*Artikolu 3*

L-organizzazzjonijiet jew l-assoċjazzjonijiet ta' dawk li jgħammru rikonoxxuti uffiċjalment minn Stat Membru ma jistgħux jopponu d-dħul fir-reġistri tal-merħla tagħhom ta' annimali tal-ispeċi tal-bovini ta' razza pura għat-tnissil minn Stati Membri oħra dment li jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti skond l-Artikolu 6.

*Artikolu 4*

1. L-Istati Membri għandhom ifasslu u jżommu aġġornata lista ta' korpi kif imsemmi fl-Artikolu 1(b)(i), li huma rikonoxxuti uffiċjalment għall-għan li jżommu jew jistabbilixxu r-reġistri tal-merħla u jirrenduha disponibbli għall-Istati Membri l-oħra u għall-pubbliku.

2. Regoli dettaljati għall-applikazzjoni uniformi tal-paragrafu 1 jistgħu jiġu adottati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 7(2).

*Artikolu 5*

L-Istati Membri jistgħu jirrikjedu li l-annimali tal-ispeċi tal-bovini ta' razza pura għat-tnissil u s-semen u 1 ova u embrijoni minn dawn l-annimali jkunu akkumpanjati, fil-kummerċ intra-Komunitarju, minn ċertifikat ta' l-arblu tar-razza li jaqbel ma' kampjun imfassal skond il-proċedura imsemmija fl-Artikolu 7(2), partikolarment rigward il-prestazzjoni żooteknika.

*Artikolu 6*

Dan li ġej għandu jkun stabbilit skond il-proċedura imsemmija fl-Artikolu 7(2):

(a) il-metodi tal-monitoraġġ tal-prestazzjoni u l-metodi sabiex jiġi evalwat il-valur ġenetiku ta' l-ifrat;

(b) il-kriterji li jirregolaw ir-rikonoxximent ta' l-organizzazzjoniet u l-assoċjazzjoniet ta' min jgħammar;

(ċ) il-kriterji li jirregolaw l-istabbiliment ta' reġistri tal-merħla;

(d) il-kriterji li jirregolaw id-dħul fir-reġistri tal-merħla;

(e) id-dettalji li għandhom jidru fiċ-ċertifikat ta' l-arblu tar-razza.

*Artikolu 7*

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat Permanenti taż-Żooteknika stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 77/505/KEE tal-25 ta'Lulju 1977 li twaqqaf Kumitat Permanenti dwar iż-Żooteknika ([2]).

2. Fejn issir referenza għal dan l-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

Il-perjodu taż-żmien stabbilit fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' tliet xhur.

*Artikolu 8*

L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni, it-testi tad-dispożizzjonijiet prinċipali tal-liġi nazzjonali li jaddottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 9*

Id-Direttiva 77/504/KEE, kif emendata bl-atti elenkati fl-Anness I, Parti A, hi mħassra, bla ħsara għall-obbligi ta' l-Istati Membri rigward il-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali tad-Direttivi stabbiliti fl-Anness I, Parti B.

Referenzi għad-Direttiva mħassra għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal din id-Direttiva u għandhom jinqraw skond it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness II.

*Artikolu 10*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.*

Din id-Direttiva għandha tapplika mit-2 ta' Jannar 2010.

([1]) ĠU L 167, 26.6.1987, p. 54.

([2]) ĠU L 206, 12.8.1977, p. 11.

*Artikolu 11*

Din id-Direttiva hi indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Novembru 2009.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

S. O. LITTORIN

*ANNESS I*

**Parti A**

Direttiva mħassra flimkien mal-lista tal-emendi suċċessivi tagħha

(imsemmija fl-Artikolu 9)

| | |
|---|---|
| Direttiva tal-Kunsill 77/504/KEE<br>(ĠU L 206, 12.8.1977, p. 8) | |
| Direttiva tal-Kunsill 79/268/KEE<br>(ĠU L 62, 13.3.1979, p. 5) | |
| Att tal-Adeżjoni 1979, Anness I,<br>Punt II.A.65(ĠU L 291, 19.11.1979, p. 64 u p. 85) | |
| Direttiva tal-Kunsill 85/586/KEE<br>(ĠU L 372, 31.12.1985, p. 44) | Artikolu 4 biss |
| Direttiva tal-Kunsill (KEE) Nru. 3768/85<br>(ĠU L 362, 31.12.1985, p. 8) | Anness, punt 46 biss |
| Direttiva tal-Kunsill 91/174/KEE<br>(ĠU L 85, 5.4.1991, p. 37) | Artikolu 3 biss |
| Direttiva tal-Kunsill 94/28/KE<br>(ĠU L 178, 12.7.1994, p. 66) | Artikolu 11 biss |
| Att tal-Adeżjoni 1994, Anness I,<br>Punt V.F.I.A.60 (ĠU C 241, 29.8.1994, p. 155) | |
| Direttiva tal-Kunsill (KE) Nru. 807/2003<br>(ĠU L 122, 16.5.2003, p. 36) | Anness III, punt 23 biss |
| Direttiva tal-Kunsill (KE) Nru 2008/73/KE<br>(ĠU L 219, 14.8.2008, p. 40) | Artikolu 2 biss |

**Parti B**

Lista tal-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali

(imsemmija fl-Artikolu 9)

| Direttiva | Limitu ta' żmien għat-traspożizzjoni |
|---|---|
| 77/504/KEE | 1 ta' Jannar 1979 bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 7.<br>Rigward Artikolu 7, fir-rigward ta' kull wieħed mill-punti li din tkopri, fl-istess dati bħal dawk li għandhom ikunu konformi mad-disposizzjonijiet korrispondenti applikabbli fil-kummerċ intra-komunitarju, u partikolarment id-deċiżjonijiet li huma adottati b'suċċess permezz ta' l-Artikolu 6. |
| 85/586/KEE | 1 ta' Jannar 1986 |
| 91/174/KEE | 31 ta' Diċembru 1991 |
| 94/28/KE | 1 ta' Lulju 1995 |
| 2008/73/KE | 1 ta' Jannar 2010 |

*ANNESS II*

**Tabella ta' korrelazzjoni**

| Direttiva 77/504/KEE | Din id- Direttiva |
|---|---|
| Artikolu 1(a) | Artikolu 1(a) |
| Artikolu 1(b), l-ewwel u t-tieni inċiż | Artikolu 1(b)(i) u (ii) |
| Artikolu 2, l-ewwel paragrafu, l-ewwel sal-ħames inċiż | Artikolu 2(a) sa (e) |
| Artikolu 2, t-tieni paragrafu | — |
| Artikolu 3 | — |
| Artikolu 4 | Artikolu 3 |
| Artikolu 4a | Artikolu 4 |
| Artikolu 5 | Artikolu 5 |
| Artikolu 6(1), l-ewwel sal-ħames inċiż | Artikolu 6(a) sa (e) |
| Artikolu 6(2) | — |
| Artikolu 8(1) u (2) | Artikolu 7(1) u (2) |
| Artikolu 8(3) | — |
| — | Artikolu 8 |
| Artikolu 9 | — |
| — | Artikolu 9 |
| — | Artikolu 10 |
| Artikolu 10 | Artikolu 11 |
| — | Anness I |
| — | Anness II |

II

*(Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)*

# DEĊIŻJONIJIET

# IL-KUNSILL

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**tat-30 ta' Novembru 2009**

**li temenda d-Deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv, stabbilit mill-Konvenzjoni ta' Schengen tal-1990, li temenda r-Regolament Finanzjarju dwar l-ispejjeż tal-installazzjoni u l-operazzjoni tal-funzjoni ta' sostenn tekniku għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (C.SIS)**

(2009/914/KE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra l-Artikolu 119 tal-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen tal-14 ta' Ġunju 1985 bejn il-Gvernijiet tal-Istati tal-Unjoni Ekonomika tal-Benelux, tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja u tar-Repubblika Franċiża dwar l-abolizzjoni gradwali tal-kontrolli fil-fruntieri komuni tagħhom (il-Konvenzjoni ta' Schengen tal-1990) ([1]),

Billi:

(1) Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 119 tal-Konvenzjoni ta' Schengen tal-1990 jipprevedu li l-ispejjeż li jirriżultaw mill-installazzjoni u l-operazzjoni tas-C.SIS, imsemmijin fid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 92(3), għandhom jitħallsu b'mod konġunt mill-Partijiet Kontraenti.

(2) L-obbligi finanzjarji li jirriżultaw mill-installazzjoni u l-operazzjoni tas-C.SIS huma regolati minn Regolament Finanzjarju speċifiku, kif modifikat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv ta' Schengen tal-15 ta' Diċembru 1997, li temenda r-Regolament Finanzjarju dwar is-C.SIS ([2]) (minn hawn 'il quddiem "ir-Regolament Finanzjarju C.SIS");

(3) Ir-Regolament Finanzjarju C.SIS japplika għad-Danimarka, il-Finlandja u l-Isvezja, l-Islanda u n-Norveġja permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/777/KE ([3]), kif ukoll għar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika tal-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika tas-Slovakkja permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/471/KE ([4]), kif ukoll għall-Isvizzera permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/421/KE ([5]).

(4) Il-Bulgarija u r-Rumanija għandhom jiġu integrati fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tal-ewwel ġenerazzjoni (SIS 1+) f'data li għandha tiġi stabbilita mill-Kunsill f'konformità mal-Artikolu 4(2) tal-Att ta' Adeżjoni tal-2005, fil-qafas tas-SIS 1+.

(5) Minn dik id-data 'l quddiem, il-Bulgarija u r-Rumanija għandhom jipparteċipaw fir-Regolament Finanzjarju C.SIS.

(6) Huwa raġonevoli li l-Bulgarija u r-Rumanija jikkontribwixxu għall-ispejjeż storiċi tas-C.SIS. Madankollu, minħabba li huma ssieħbu fl-Unjoni Ewropea fl-2007, huwa kkunsidrat xieraq li huma għandhom jikkontribwixxu għall-ispejjeż storiċi skont l-installazzjoni tas-C.SIS mill-1 ta' Jannar 2007. Huwa wkoll ikkunsidrat raġonevoli li huma jikkontribwixxu għall-ispejjeż tal-operazzjoni mill-1 ta' Jannar 2010.

([1]) ĠU L 239, 22.9.2000, p. 19.
([2]) ĠU L 239, 22.9.2000, p. 444.
([3]) ĠU L 309, 9.12.2000, p. 24.
([4]) ĠU L 179, 7.7.2007, p. 46.
([5]) ĠU L 149, 7.6.2008, p. 74.

(7) Il-Liechtenstein għandu jipparteċipa fid-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen relatati mas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen minn data li għandha tiġi stabbilita mill-Kunsill skont l-Artikolu 10 tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Svizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen. Minn dik id-data, il-Liechtenstein għandu jipparteċipa fir-Regolament Finanzjarju tas-C.SIS.

(8) Huwa raġonevoli li l-Liechtenstein jikkontribwixxi għal spejjeż storiċi. Madankollu, billi l-Protokoll kien iffirmat fit-28 ta' Frar 2008, huwa kkunsidrat adatt li huwa jikkontribwixxi għal spejjeż storiċi relatati mal-installazzjoni tas-C.SIS mill-1 ta' Jannar 2008. Huwa kkunsidrat raġonevoli wkoll li huwa jikkontribwixxi għall-ispejjeż operattivi mill-1 ta' Jannar 2010.

(9) Fir-rigward tal-Islanda u n-Norveġja, din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen fis-sens tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Islanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn tal-aħħar mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen [1], li jaqgħu fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, il-punt G, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE dwar ċerti arranġamenti għall-applikazzjoni ta' dak il-Ftehim [2].

(10) Fir-rigward tal-Isvizzera, din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen fis-sens tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen [3], li jaqgħu fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, il-punt G, tad-Deċiżjoni 1999/437/KE, ikkunsidrat flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2008/146/KE [4] u 2008/149/ĠAI [5].

(11) Fir-rigward tal-Liechtenstein, din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen fis-sens tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Svizzera u l-Prinċipat ta' Liechtenstein, dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat ta' Liechtenstein fil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar l-assoċazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera mal- implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen, li jaqgħu fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, il-punt G, tad-Deċiżjoni 1999/437/KE kkunsidrat flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2008/261/KE [6] u 2008/262/ĠAI [7].

(12) Ir-Renju Unit qed jieħu sehem f'din id-Deċiżjoni, skont l-Artikolu 5 tal-Protokoll li jintegra l-acquis ta' Schengen fil-qafas tal-Unjoni Ewropea anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u l-Artikolu 8(2) tad-Deċizjoni tal-Kunsill 2000/365/KE tad-29 ta' Mejju 2000, dwar it-talba tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq biex jieħdu parti f'xi dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen [8].

(13) L-Irlanda qiegħda tieħu sehem f'din id-Deċiżjoni, f'konformità mal-Artikolu 5 tal-Protokoll li jintegra l-acquis ta' Schengen fil-qafas tal-Unjoni Ewropea anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunita' Ewropea, u l-Artikolu 6(2) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 rigward it-talba tal-Irlanda biex tieħu sehem f'xi dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen [9].

(14) Fir-rigward tar-Repubblika ta' Ċipru, din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi att li jibni fuq l-acquis ta' Schengen jew li huwa relatat miegħu b'xi mod ieħor fis-sens tal-Artikolu 3(2) tal-Att tal-Adeżjoni tal-2003.

---

(1) ĠU L 176, 10.7.1999, p. 36.
(2) ĠU L 176, 10.7.1999, p. 31.
(3) ĠU L 53, 27.2.2008, p. 52.
(4) Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/16/KE tat-28 ta' Jannar 2008 dwar il-konklużjoni f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 53, 27.2.2008, p. 1)
(5) Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/149/ĠAI tat-28 ta' Jannar 2008 dwar il-konklużjoni f'isem l-Unjoni Ewropea tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 53, 27.2.2008, p. 50)
(6) Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/261/KE tat-28 ta' Frar 2008 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u dwar l-applikazzjoni provviżorja ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Svizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera ma' l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 83, 26.3.2008, p. 3.).
(7) Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/262/ĠAI tat-28 ta' Frar 2008 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u dwar l-applikazzjoni provviżorja ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Svizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera ma' l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-acquis ta' Schengen (ĠU L 83, 26.3.2008, p. 5.).
(8) ĠU L 131, 1.6.2000, p. 43.
(9) ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20.

(15) Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi att li jibni fuq l-acquis ta' Schengen jew li huwa relatat miegħu b'xi mod ieħor fis-sens tal-Artikolu 4(2) tal-Att tal-Adeżjoni tal-2005,

IDDEĊIDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Fit-Titolu I, il-punt 3 tar-Regolament Finanzjarju C.SIS, għandhom jiżdiedu l-inċiżi li ġejjin:

"— fil-każ tal-Bulgarija u r-Rumanija, il-kontribuzzjoni għandha tiġi kkalkolata biss abbażi tal-ispejjeż li jirriżultaw mill-installazzjoni tas-C.SIS mill-1 ta' Jannar 2007. Huma għandhom jikkontribwixxu wkoll għall-ispejjeż tat-tħaddim tas-sistema C.SIS mill-1 ta' Jannar 2010;

— fil-każ tal-Liechtenstein, il-kontribuzzjoni għandha tiġi kkalkolata biss abbażi tal-ispejjeż li jirriżultaw mill-installazzjoni tas-C.SIS mill-1 ta' Jannar 2008. Il-Liechtenstein għandu jikkontribwixxi wkoll għall-ispejjeż operattivi tas-C.SIS mill-1 ta' Jannar 2010."

*Artikolu 2*

Fl-aħħar paragrafu tat-Titolu II, il-punt 2, u fit-tmien paragrafu tat-Titolu III, il-punt 2, il-benefiċjarju għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Ministère de l'Intérieur, Direction des systèmes d'information et de communications

(Ministeru tal-Intern, Dipartiment tas-Sistema ta' Informazzjoni u Komunikazzjoni) "

*Artikolu 3*

F'din id-Deċiżjoni, it-termini "franki" u "frank Franċiż" għandhom jiġu sostitwiti b' "euro".

*Artikolu 4*

L-emendi fir-rigward tal-Liechtenstein għandu jkollhom effett ladarba l-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Svizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein għall-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen ikun daħal fis-seħħ.

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni għandha tieħu effett mid-data tal-adozzjoni tagħha.

Din għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Novembru 2009.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

B. ASK

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tat-30 ta’ Novembru 2009

## li temenda d-Deċiżjoni 2000/265/KE tas-27 ta’ Marzu 2000 dwar it-twaqqif ta’ regolament finanzjarju li jirregola l-aspetti li għandhom x’jaqsmu mal-budget tat-treġija mid-Deputat Segretarju Ġenerali tal-Kunsill, ta’ kuntratti konklużi f’ismu, f’isem ċerti Stati Membri, li jirrelataw għall-installazzjoni u l-ħidma tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni għall-ambjent ta’ Schengen, “SISNET”

(2009/915/KE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra l-ewwel sentenza tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2(1) tal-Protokoll anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, li jintegra l-acquis ta’ Schengen fil-qafas tal-Unjoni Ewropea,

Billi:

(1) Id-Deputat Segretarju Ġenerali tal-Kunsill ġie awtorizzat mid-Deċiżjoni 1999/870/KE [1] u d-Deċiżjoni 2007/149/KE [2] biex jaġixxi, fil-kuntest tal-integrazzjoni tal-acquis ta’ Schengen fl-Unjoni Ewropea, bħala rappreżentant ta’ ċerti Stati Membri bil-għan li jikkonkludi kuntratti relatati mal-installazzjoni u l-funzjonament tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni għall-ambjent ta’ Schengen (“SISNET”) u li jiġġestixxi tali kuntratti, sakemm iseħħ it-trasferiment tagħha għal infrastruttura ta’ komunikazzjoni li tkun inkarigata minnha l-Komunità Ewropea;

(2) L-obbligi finanzjarji naxxenti minn dawk il-kuntratti jaqgħu taħt baġit speċifiku (minn hawn ’il quddiem “il-Baġit SISNET”) li jiffinanzja l-infrastruttura tal-komunikazzjoni msemmija f’dawk id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill.

(3) L-Istati Membri li ssieħbu mal-Unjoni Ewropea bl-Att tal-Adeżjoni tal-2005 għandhom jiġu integrati fl-ewwel ġenerazzjoni tas-Sistema ta’ Informazzjoni ta’ Schengen (SIS 1+) f’data li għad trid tiġi deċiża mill-Kunsill skont l-Artikolu 4(2) tal-Att tal-Adeżjoni tal-2005. Minn dik id-data, dawk l-Istati Membri għandhom jipparteċipaw fil-baġit.

(4) Liechtenstein għandu jipparteċipa fid-dispożizzjonijiet tal-acquis ta’ Schengen relatati mas-Sistema ta’ Informazzjoni ta’ Schengen mid-data li għandha tiġi stabbilita mill-Kunsill konformement mal-Artikolu 10 tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunita’ Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat ta’ Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat ta’ Liechtenstein għall-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunita’ Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera fl-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta’ Schengen. Minn dik id-data Liechtenstein għandu jipparteċipa fil-baġit.

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/265/KE hija b’dan emendata kif ġej:

1. Fl-Artikolu 25, għandhom jiġu inseriti il-paragrafi li ġejjin:

   “(1a) Mill-1 ta’ Jannar 2010, il-lista ta’ Stati msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi estiża għall-Bulgarija u r-Rumanija.

   (1b) Mill-1 ta’ Jannar 2010, il-lista ta’ Stati msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi estiża għall-Liechtenstein.”.

2. It-tielet subparagrafu tal-Artikolu 26 għandu jiġi mħassar.

3. L-Artikolu 28 għandu jiġi emendat kif ġej:

   (a) il-paragrafu 1 għandu jiġi sostitwit b’dan li ġej:

   “1. L-Istati msemmijin fl-Artikolu 25 għandhom jintalbu jħallsu 70 % tal-kontribuzzjoni tagħhom sal-1 ta’ April, u 30 % sal-1 ta’ Ottubru.”;

   (b) il-paragrafu 1a għandu jiġi mħassar;

   (c) il-paragrafu 3 għandu jiġi sostitwit b’dan li ġej:

   “3. B’deroga mill-paragrafu 1, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 49, il-Bulgarija u r-Rumanija għandhom iħallsu l-kontribuzzjonijiet rispettivi tagħhom kollha għall-2010 sal-31 ta’ Diċembru 2010. Liechtenstein għandu jħallas il-kontribuzzjoni rispettiva kollha tiegħu għall-2010 sal-31 ta’ Diċembru 2010.”;

   (d) il-paragrafu 4 għandu jiġi mħassar.

4. Il-ħames subparagrafu tal-Artikolu 37 għandu jiġi sostitwit b’dan li ġej:

   “Il-Kumitat Konsultattiv għandu jipprova jadotta l-opinjonijiet tiegħu permezz ta’ kunsens. Jekk dan il-kunsens mhuwiex possibbli, il-Kumitat Konsultattiv għandu jadotta l-opinjonijiet tiegħu permezz ta’ maġġoranza sempliċi tar-rappreżentanti tiegħu. Għandu jkun meħtieġ kworum ta’ 19 sabiex il-proċedimenti jkunu validi. F’każ ta’ parità ta’ voti, il-President għandu jkollu l-vot deċiżiv. Mid-data msemmija fl-Artikolu 25 (1a), għandu jkun meħtieġ kworum ta’ 21.”.

[1] ĠU L 337, 30.12.1999, p. 41.
[2] ĠU L 66, 6.3.2007, p. 19.

5. Il-punt (c) tal-Artikolu 49 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(c) l-aġġustament tal-kontribuzzjonijiet tal-Istati msemmijin fl-Artikolu 25, sabiex jiġi stabbilit il-proporzjon tal-ispejjeż tal-installazzjoni tas-SISNET li kien hemm qabel li jridu jitħallsu mill-Istat l-ieħor. Dan il-perċentwali għandu jiġi kkalkolat abbażi tal-proporzjon tar-riżorsi tal-VAT imħallas mill-Istat l-ieħor għat-total tar-riżorsi tal-VAT tal-Komunitajiet Ewropej għas-sena finanzjarja preċedenti. Jekk m'hija disponibbli l-ebda dataq dwar ir-riżorsi tal-VAT, l-aġġustament tal- kontribuzzjonijiet għandhom jiġu kkalkulati abbażi tas-sehem ta' kull Stat Membru kkonċernat fil-GDP totali tal-Istati Membri imsemmijin fl-Artikolu 25. Il-perċentwali tal-kontribuzzjoni għandu jkun is-suġġett ta' "nota ta' kreditu" lill-Istati msemmijin fl-Artikolu 25, għal ammont pro rata tas-sehem tagħhom kif ikkalkolat skont l-Artikolu 26.".

*Artikolu 2*

Fir-rigward ta' Liechtenstein, l-emendi previsti fl-Artikolu 1 għandu jkollhom effett ladarba jidħol fis-seħħ il-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunita' Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat ta' Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat ta' Liechtenstein għall-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunita' Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera fl-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandu jkollha effett mid-data tal-adozzjoni tagħha.

*Artikolu 4*

Din għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Magħmul fi Brussel, it-30 ta' Novembru 2009.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

B. ASK

# FTEHIM

# IL-KUNSILL

**Informazzjoni dwar id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehimiet dwar l-Estradizzjoni u dwar l-Assistenza Legali Reċiproka bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika**

Il-Ftehimiet dwar l-Estradizzjoni u dwar l-Assistenza Legali Reċiproka bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika, it-tnejn li huma ffirmati f'Washington DC fil-25 ta' Ġunju 2003 ([1]), jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2010, f'konformità mal-Artikolu 22 tal-Ftehim dwar l-Estradizzjoni u l-Artikolu 18 tal-Ftehim dwar l-Assistenza Legali Reċiproka.

([1]) ĠU L 181, 19 ta' Lulju 2003, p. 27.

III

*(Atti adottati skont it-Trattat tal-UE)*

# ATTI ADOTTATI SKONT IT-TITOLU V TAT-TRATTAT TAL-UE

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2009/916/PESK

**tat-23 ta' Ottubru 2009**

**dwar l-iffirmar u l-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Seychelles dwar l-istatus tal-forzi mmexxijin mill-Unjoni Ewropea fir-Repubblika tas-Seychelles fil-qafas tal-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea Atalanta**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 24 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Presidenza,

Billi:

(1) Fil-15 ta' Mejju 2008, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (KSNU) adotta r-Riżoluzzjoni 1814 (2008), li tappella lill-Istati u lill-organizzazzjonijiet reġjonali biex jieħdu azzjoni sabiex jipproteġu l-bastimenti li qed jieħdu sehem fit-trasport u t-twassil ta' għajnuna umanitarja lis-Somalja u f'attivitajiet awtorizzati min-Nazzjonijiet Uniti.

(2) Fit-2 ta' Ġunju 2008, il-KSNU adotta r-Riżoluzzjoni 1816 (2008) li tawtorizza, għal perijodu ta' sitt xhur mid-data tar-Riżoluzzjoni, lill-Istati li jikkoperaw mal-Gvern Federali ta' Transizzjoni tas-Somalja, biex jidħlu fl-ilmijiet territorjali tas-Somalja u biex jużaw, b'mod konsistenti mad-dritt internazzjonali rilevanti, il-mezzi kollha meħtieġa biex irażżnu l-atti ta' piraterija u ta' serq bl-armi fuq il-baħar. Dawk id-dispożizzjonijiet ġew imġedda għal perijodu ieħor ta' 12-il xahar bir-Riżoluzzjoni 1846 (2008) tal-KSNU, adottata fit-2 ta' Diċembru 2008.

(3) Fl-10 ta' Novembru 2008, il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2008/851/PESK dwar l-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja [1] (l-operazzjoni "Atalanta").

(4) L-Artikolu 11 tal-Azzjoni Konġunta 2008/851/PESK jipprevedi li l-istatus tal-forzi mmexxijin mill-UE u l-persunal tagħhom li huma stazzjonati fuq l-art fit-territorju ta' Stati terzi, jew li joperaw fl-ilmijiet territorjali jew interni ta' Stati terzi, għandu jiġi miftiehem konformement mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 24 tat-Trattat.

(5) Wara l-awtorizzazzjoni mill-Kunsill fit-18 ta' Settembru 2007, konformement mal-Artikolu 24 tat-Trattat, il-Presidenza, megħjuna mis-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli, innegozjat Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Seychelles dwar l-istatus tal-forza mmexxija mill-UE fir-Repubblika tas-Seychelles.

(6) Il-Ftehim għandu jiġi approvat,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Seychelles dwar l-istatus tal-forzi mmexxija mill-Unjoni Ewropea fir-Repubblika tas-Seychelles fil-qafas tal-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea Atalanta huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat jinnomina l-persuna jew persuni li jkollhom is-setgħa jiffirmaw il-Ftehim li jorbot lill-Unjoni Ewropea.

[1] ĠU L 301, 12.11.2008, p. 33.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha jkollha effett fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fil-Lussemburgu, it-23 ta' Ottubru 2009.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
T. BILLSTRÖM

TRADUZZJONI

# FTEHIM

## Bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Seychelles dwar l-istatus tal-forzi mmexxijin mill-Unjoni Ewropea fir-Repubblika tas-Seychelles fil-qafas tal-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea Atalanta

L-UNJONI EWROPEA (UE),

minn naħa waħda, u

IR-REPUBBLIKA TAS-SEYCHELLES, minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Istat Ospitanti",

min-naħa l-oħra,

Minn hawn 'il quddiem imsejħin flimkien il-"Partijiet",

WARA LI KKUNSIDRAW:

— Ir-Riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) (UNSCRs) 1814 (2008), 1838 (2008), 1846 (2008) u 1851 (2008),

— L-ittri tar-Repubblika tas-Seychelles datati t-2 ta' April 2009 u l-21 ta' Awwissu 2009 fejn titlob il-preżenza ta' forza navali tal-UE fit-territorju tagħha,

— L-Azzjoni Konġunta 2008/851/PESK tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea tal-10 ta' Novembru 2008 dwar l-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xatt tas-Somalja,

— Li dan il-Ftehim mhuwiex se jinċidi fuq id-drittijiet u l-obbligi tal-Partijiet taħt ftehimiet internazzjonali u strumenti oħrajn li jistabbilixxu qrati u tribunali internazzjonali, inkluż l-Istatut tal-Qorti Kriminali Internazzjonali,

FTIEHMU KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

### Kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet

1. Dan il-Ftehim għandu japplika għall-Forzi mmexxijin mill-Unjoni Ewropea u l-persunal tagħhom.

2. Dan il-Ftehim għandu japplika biss fit-territorju tal-Istat Ospitanti, inklużi l-ilmijiet u l-ispazju tal-ajru tiegħu.

3. Għall-fini ta' dan il-Ftehim:

(a) "Forzi mmexxijin mill-Unjoni Ewropea (EUNAVFOR)" għandha tfisser il-kwartieri ġenerali militari tal-UE u l-kontinġenti nazzjonali li jikkontribwixxu għall-operazzjoni tal-UE Atalanta, il-bastimenti tagħhom, l-inġenji tal-ajru tagħhom, it-tagħmir tagħhom u l-mezzi tat-trasport tagħhom;

(b) "operazzjoni" għandha tfisser it-tħejjija, l-istabbiliment, it-twettiq u l-appoġġ tal-missjoni militari segwenti għall-mandat li jirriżulta mir-Riżoluzzjonijiet 1814 (2008), 1838 (2008), 1846 (2008), 1851 (2008) tal-KSNU u kwalunkwe Riżoluzzjoni sussegwenti rilevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, il-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Liġi tal-Baħar u l-ittri ta' stedina mir-Repubblika tas-Seychelles, datata t-2 ta' April 2009 u l-21 ta' Awwissu 2009;

(c) "Kmandant tal-Operazzjoni" għandha tfisser il-Kmandant tal-Operazzjoni;

(d) "Kmandant tal-Forza tal-UE" għandha tfisser il-Kmandant fiż-żona tal-operazzjonijiet;

(e) "kwartieri ġenerali militari tal-UE" għandha tfisser il-kwartieri ġenerali militari u l-elementi tagħhom, irrispettivament minn fejn jinsabu, taħt l-awtorità tal-kmandanti militari tal-UE li jeżerċitaw il-kmand jew il-kontroll militari tal-operazzjoni;

(f) "kontinġenti nazzjonali" għandha tfisser l-unitajiet, il-bastimenti, l-inġenji tal-ajru u l-elementi, inklużi stakkamenti tal-protezzjoni tal-bastimenti abbord bastimenti merkantili, li huma l-proprjetà tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u ta' Stati terzi li qed jipparteċipaw fl-operazzjoni;

(g) "persunal tal-EUNAVFOR" għandha tfisser il-persunal ċivili u militari assenjat lill-EUNAVFOR, kif ukoll il-persunal skjerat għat-tħejjija tal-operazzjoni, il-persunal li qed jeskorta lill-persuni arrestati mill-EUNAVFOR u l-persunal fuq missjoni għal Stat Mittenti jew istituzzjoni tal-UE fil-qafas tal-operazzjoni, li jinsabu, ħlief kif ipprovdut mod ieħor f'dan il-Ftehim, fit-territorju tal-Istat Ospitanti, bl-eċċezzjoni tal-persunal impjegat lokalment u l-persunal impjegat minn kuntratturi kummerċjali internazzjonali;

(h) "persunal impjegat lokalment" għandha tfisser il-membri tal-persunal li jkunu ċittadini tal-Istat Ospitanti jew ikunu residenti permanenti fih;

(i) "faċilitajiet" għandha tfisser il-bini, l-akkomodazzjoni u l-art kollha meħtieġa għall-EUNAVFOR u għall-persunal tagħha;

(j) "Stat Mittenti" għandha tfisser Stat li jipprovdi kontinġent nazzjonali għall-EUNAVFOR, inklużi Stati Membri tal-Unjoni Ewropea u Stati terzi li jipparteċipaw fl-operazzjoni;

(k) "ilmijiet" għandha tfisser l-ilmijiet intern, l-ilmijiet tal-arċipelagu u l-baħar territorjali tal-Istat Ospitanti, kif ukoll l-ispazju tal-ajru fuq dawn l-ilmijiet;

(l) "korrispondenza uffiċjali" għandha tfisser kull korrispondenza relatata mal-operazzjoni u mal-funzjonijiet tagħha.

*Artikolu 2*

**Dispożizzjonijiet ġenerali**

1. L-EUNAVFOR u l-persunal tagħha għandhom jirrispettaw il-liġijiet u r-regolamenti tal-Istat Ospitanti u għandhom jastjenu minn kull azzjoni jew attività li tkun inkompatibbli mal-objettivi tal-operazzjoni.

2. L-EUNAVFOR għandha tinforma regolarment lill-gvern tal-Istat Ospitanti dwar l-għadd tal-membri tal-persunal tagħha stazzjonati fit-territorju tal-Istat Ospitanti u dwar l-identità tal-bastimenti, l-inġenji tal-ajru u l-unitajiet li joperaw fl-ilmijiet tal-Istat Ospitanti jew li jidħlu fil-portijiet tiegħu.

*Artikolu 3*

**Identifikazzjoni**

1. Il-membri tal-persunal tal-EUNAVFOR li jkunu fuq l-art fit-territorju tal-Istat Ospitanti għandhom dejjem iġorru magħhom il-passaport jew il-karta tal-identità militari tagħhom.

2. Il-vetturi, l-inġenji tal-ajru, il-bastimenti u l-mezzi l-oħrajn tat-trasport tal-EUNAVFOR għandu jkollhom fuqhom marki ta' identifikazzjoni u/jew pjanċi tar-reġistrazzjoni distintivi tal-EUNAVFOR, li dwarhom għandhom ikunu notifikati minn qabel l-awtoritajiet tal-Istat Ospitanti.

3. L-EUNAVFOR għandu jkollha d-dritt li turi l-bandiera tal-Unjoni Ewropea u marki distintivi, bħal ma huma insinji militari, titoli u simboli uffiċjali, fuq il-faċilitajiet, il-vetturi u l-mezzi l-oħrajn tat-trasport tagħha. L-uniformijiet tal-persunal tal-EUNAVFOR għandu jkollhom emblema distintiva tal-EUNAVFOR. Il-bnadar jew l-insinji nazzjonali tal-kontinġenti nazzjonali li jikkostitwixxu l-operazzjoni jistgħu jkunu murija fuq il-faċilitajiet, il-vetturi u l-mezzi l-oħrajn tat-trasport u l-uniformijiet tal-EUNAVFOR, skont id-deċiżjoni tal-Kmandant tal-Forza tal-UE.

*Artikolu 4*

**Qsim tal-fruntieri u moviment fit-territorju tal-Istat Ospitanti**

1. Bl-eċċezzjoni tal-persunal tal-bastimenti u l-inġenji tal-ajru tal-EUNAVFOR, il-persunal tal-EUNAVFOR m'għandux jidħol fit-territorju tal-Istat Ospitanti ħlief billi jippreżenta d-dokumenti previsti fl-Artikolu 3 (1). Huwa għandu jkun eżenti mir-regolamenti dwar il-passaporti u l-viża, l-ispezzjonijiet dwar l-immigrazzjoni u l-kontroll tad-dwana mad-dħul, mal-ħruġ jew fit-territorju tal-Istat Ospitanti.

2. Il-membri tal-persunal tal-EUNAVFOR għandhom ikunu eżenti mid-dispożizzjonijiet tal-Istat Ospitanti dwar ir-reġistrazzjoni u l-kontroll tal-barranin, iżda m'għandhom jiksbu l-ebda dritt għal residenza jew domiċilju permanenti fit-territorju tal-Istat Ospitanti.

3. Mad-dħul fl-ajruport jew il-post tal-Istat Ospitanti, l-EUNAVFOR għandha tirrispetta l-liġijiet u r-regolamenti dwar is-saħħa pubblika u s-saħħa ambjentali tal-Istat Ospitanti. Għal dan il-għan jista' jiġi konkluż arranġament implimentattiv kif imsemmi fl-Artikolu 18.

4. L-Istat Opsitanti għandu jiġi pprovdut, għal fini ta' informazzjoni, b'lista ġenerali tar-riżorsi tal-EUNAVFOR li jidħlu fit-territorju tiegħu. Dawn ir-riżorsi għandu jkollhom marka ta' identifikazzjoni tal-EUNAVFOR. L-assi u l-mezzi tat-trasport tal-EUNAVFOR li jidħlu fi, jgħaddu jew joħorġu mit-territorju tal-Istat Ospitanti b'appoġġ għall-operazzjoni għandhom ikunu eżenti minn kull rekwiżit li jipproduċu inventarji jew dokumentazzjoni oħra doganali, u minn kull spezzjoni.

5. Il-membri tal-persunal tal-EUNAVFOR, filwaqt li jirrispettaw il-liġijiet u r-regolamenti tal-Istat Ospitanti, jistgħu jsuqu vetturi bil-mutur, jinnavigaw bastimenti u jħaddmu inġenji tal-ajru fit-territorju tal-Istat Ospitanti bil-kondizzjoni li jkollhom liċenzji tas-sewqan, ċertifikati ta' kaptan ta' bastiment jew liċenzji ta' bdot validi nazzjonali, internazzjonali jew militari, kif meħtieġ.

6. Għall-finijiet tal-operazzjoni, l-Istat Ospitanti għandu jagħti lill-EUNAVFOR u lill-persunal tagħha l-libertà tal-moviment u tal-ivvjaġġar fit-territorju tiegħu, inkluż fl-ilmijiet u fl-ispazju tal-ajru tiegħu. Il-libertà tal-moviment fl-ilmijiet tal-Istat Ospitanti għandha tinkludi l-waqfien u l-ankoraġġ fi kwalunkwe ċirkostanza.

7. Għall-finijiet tal-operazzjoni, l-EUNAVFOR tista' twettaq fit-territorju tal-Istat Ospitanti, inkluż fl-ibħra territorjali u l-ispazju tal-ajru tiegħu, l-illanċjar, l-inżul jew it-teħid abbord ta' kwalunkwe inġenju tal-ajru jew tagħmir militari, bil-kunsens minn qabel tal-Istat Ospitanti u filwaqt li jiġu rispettati l-liġijiet u r-regolamenti tal-Istat Ospitanti. Dan il-kunsens jista' jingħata minn qabel għal perijodu speċifiku u għal post partikolari.

8. Għall-finijiet tal-operazzjoni, is-sottomarini tal-EUNAVFOR mhumiex meħtieġa li jinnavigaw fil-wiċċ u li juru l-bandiera tagħhom fil-baħar territorjali tal-Istat Ospitanti.

Għall-finijiet tal-operazzjoni, l-EUNAVFOR u l-mezzi tat-trasport li tikri jistgħu jużaw it-toroq, il-pontijiet, il-laneċ, l-ajruporti u l-portijiet pubbliċi mingħajr ma jħallsu dazji, imposti, pedaġġi, taxxi u tariffi simili. L-EUNAVFOR m'għandhiex tkun eżenti minn ħlasijiet raġonevoli għas-servizzi li tingħata fuq talba tagħha, bil-kondizzjonijiet li japplikaw għal dawk mogħtija lill-forzi armati tal-Istat Ospitanti.

*Artikolu 5*

**Privileġġi u immunitajiet tal-EUNAVFOR mogħtija mill-Istat Ospitanti**

1. Il-faċilitajiet tal-EUNAVFOR u l-bastimenti u l-inġenji tal-ajru tagħha għandhom ikunu invjolabbli. L-aġenti tal-Istat Ospitanti m'għandhomx jidħlu fihom mingħajr il-kunsens tal-Kmandant tal-Forza tal-UE.

2. Il-faċilitajiet tal-EUNAVFOR, it-tagħmir tagħhom u l-beni oħra fihom kif ukoll il-mezzi ta' trasport tagħhom għandhom ikunu ħielsa minn kull tfittxija, rekwiżizzjoni, sekwestru jew miżura ta' eżekuzzjoni.

3. L-EUNAVFOR, kif ukoll il-beni u r-riżorsi tagħha, irrispettivament minn fejn jinsabu u mid-detentur tagħhom, għandhom ikollhom immunità minn kull forma ta' proċess ġuridiku.

4. L-arkivji u d-dokumenti tal-EUNAVFOR għandhom ikunu dejjem invjolabbli, ikunu fejn ikunu.

5. Il-korrispondenza uffiċjali tal-EUNAVFOR għandha tkun invjolabbli.

6. Fir-rigward tal-merkanzija mixtrija u importata, is-servizzi pprovduti u l-faċilitajiet użati mill-EUNAVFOR għall-finijiet tal-operazzjoni, l-EUNAVFOR, kif ukoll il-fornituri jew il-kuntratturi tagħha, għandhom ikunu eżenti mill-imposti, it-taxxi u t-tariffi simili kollha nazzjonali, reġjonali u komunali. L-EUNAVFOR m'għandhiex tkun eżenti mill-imposti, it-taxxi jew it-tariffi li jirrappreżentaw ħlas għal servizzi mitluba u mwettqa.

7. L-Istat Ospitanti għandu jippermetti d-dħul u l-ħruġ tal-oġġetti għall-operazzjoni u jagħtihom eżenzjoni mid-dazji doganali, l-imposti, il-pedaġġi, it-taxxi u t-tariffi simili kollha ħlief għat-tariffi għal ħżin, ġarr u servizzi oħra mitluba u mwettqa.

*Artikolu 6*

**Privileġġi u immunitajiet tal-persunal tal-EUNAVFOR mogħtija mill-Istat Ospitanti**

1. Il-persunal tal-EUNAVFOR ma jista' jkun soġġett għall-ebda forma ta' arrest jew detenzjoni.

2. Id-dokumenti, il-korrispondenza u l-proprjetà tal-persunal tal-EUNAVFOR għandhom ikunu invjolabbli, ħlief fil-każ ta' miżuri ta' eżekuzzjoni awtorizzati skont il-paragrafu 6.

3. Il-persunal tal-EUNAVFOR għandu jgawdi l-immunità mill-ġurisdizzjoni kriminali tal-Istat Ospitanti fiċ-ċirkostanzi kollha.

L-immunità mill-ġurisdizzjoni kriminali tal-persunal tal-EUNAVFOR tista' tiġi rrinunċjata mill-Istat Mittenti jew l-istituzzjoni kkonċernata tal-UE, skont il-każ. Din ir-rinunzja għandha dejjem issir bil-miktub.

4. Il-persunal tal-EUNAVFOR għandu jgawdi immunità mill-ġurisdizzjoni ċivili u amministrattiva tal-Istat Ospitanti fir-rigward tal-kliem li jgħid jew jikteb u l-atti kollha li jwettaq fil-qadi tal-funzjonijiet uffiċjali tiegħu. Jekk jitressaq xi proċediment ċivili kontra l-persunal tal-EUNAVFOR quddiem kwalunkwe qorti tal-Istat Ospitanti, il-Kmandant tal-Forza tal-UE u l-awtorità kompetenti tal-Istat Mittenti jew tal-istituzzjoni tal-UE għandhom jiġu notifikati minnufih. Qabel it-tnedija tal-proċediment quddiem il-qorti, il-Kmandant tal-Forza tal-UE u l-awtorità kompetenti tal-Istat Mittenti jew tal-istituzzjoni tal-UE għandha tiċċertifika lill-qorti jekk l-att inkwistjoni twettaqx mill-persunal tal-EUNAVFOR fil-qadi tal-funzjonijiet uffiċjali tiegħu.

Jekk l-att twettaq fil-qadi ta' funzjonijiet uffiċjali, il-proċediment m'għandux jitnieda u għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 15. Jekk l-att ma jkunx twettaq fl-eżerċizzju ta' funzjonijiet uffiċjali, il-proċediment jista' jitkompla. Iċ-ċertifikazzjoni mill-Kmandant tal-Forzi tal-UE u l-awtorità kompetenti tal-Istat Mittenti jew l-istituzzjoni tal-UE hija vinkolanti fuq il-ġurisdizzjoni tal-Istat Ospitanti li ma jistax jikkontestaha.

Il-bidu ta' proċedimenti mill-persunal tal-EUNAVFOR għandu jipprekludih milli jinvoka l-immunità mill-ġurisdizzjoni fir-rigward ta' kull kontrotalba relatata direttament mat-talba prinċipali.

5. Il-persunal tal-EUNAVFOR ma jistax jiġi mġiegħel jixhed. Madankollu, l-EUNAVFOR u l-Istati Mittenti għandhom jaħdmu sabiex jiksbu dikjarazzjonijiet tax-xhieda jew affidavits mill-membri tal-persunal tal-EUNAVFOR involuti fi kwalunkwe inċident li fir-rigward tiegħu ġew trasferiti xi persuni skont ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istat Ospitanti dwar il-kondizzjonijiet tat-trasferiment tal-pirati ssuspettati u l-ħallelin armati u l-assi tagħhom mill-EUNAVFOR għall-Istat Ospitanti.

6. Ma tista' tittieħed l-ebda miżura ta' twettiq fir-rigward tal-persunal tal-EUNAVFOR, ħlief jekk jinfetaħ kontrih proċediment ċivili mhux relatat mal-funzjonijiet uffiċjali tiegħu. Il-proprjetà tal-persunal tal-EUNAVFOR, li tkun ċċertifikata mill-Kmandant tal-Forza tal-UE bħala meħtieġa għat-twettiq tal-funzjonijiet uffiċjali tiegħu, għandha tkun ħielsa mis-sekwestru għall-eżekuzzjoni ta' sentenza, deċiżjoni jew ordni. Fi proċedimenti ċivili l-persunal tal-EUNAVFOR m'għandu jkun soġġett għall-ebda restrizzjoni tal-libertà personali tiegħu jew għal xi miżuri oħra restrittivi.

7. L-immunità tal-persunal tal-EUNAVFOR mill-ġurisdizzjoni tal-Istat Ospitanti ma teżentahx mill-ġurisdizzjoni tal-Istati Mittenti korrispondenti.

8. Il-persunal tal-EUNAVFOR għandu fir-rigward tas-servizzi mwettqa għall-EUNAVFOR ikun eżenti mid-dispożizzjonijiet tas-sigurtà soċjali li jistgħu jkunu fis-seħħ fl-Istat Ospitanti.

9. Il-persunal tal-EUNAVFOR għandu jkun eżenti minn kwalunkwe forma ta' tassazzjoni fl-Istat Ospitanti kemm fuq ir-remunerazzjoni u l-emolumenti mħallsa lilu mill-EUNAVFOR jew mill-Istati Mittenti, kif ukoll fuq kull dħul li jirċievi minn barra l-Istat Ospitanti.

L-Istat Ospitanti għandu, konformement mal-liġijiet u r-regolamenti li jista' jadotta, jippermetti d-dħul ta' oġġetti għall-użu personali tal-persunal tal-EUNAVFOR u jeżentahom minn kull dazju doganali, taxxa u tariffa relatata ħlief għat-tariffi għal ħżin, ġarr u servizzi simili.

Il-bagalji personali tal-persunal tal-EUNAVFOR għandhom ikunu eżenti mill-ispezzjoni, sakemm ma jkunx hemm raġunijiet serji biex wieħed jaħseb li jkun fihom oġġetti li ma jkunux għall-użu personali tal-EUNAVFOR, jew oġġetti li l-importazzjoni jew l-esportazzjoni tagħhom tkun ipprojbita mil-liġi jew ikkontrollata bir-regolamenti ta' kwarantina tal-Istat Ospitanti. Tali spezzjoni għandha titwettaq biss fil-preżenza tal-persunal tal-EUNAVFOR ikkonċernat jew ta' rappreżentant awtorizzat tal-EUNAVFOR.

*Artikolu 7*

**Persunal impjegat lokalment**

Il-persunal impjegat lokalment għandu jgawdi privileġġi u immunitajiet biss safejn ammess mill-Istat Ospitanti. Madankollu, l-Istat Ospitanti għandu jeżerċita l-ġurisdizzjoni tiegħu fuq dak il-persunal b'tali mod li ma jfixkilx eċċessivament it-twettiq tal-funzjonijiet tal-operazzjoni.

*Artikolu 8*

**Ġurisdizzjoni kriminali**

L-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Mittenti għandu jkollhom id-dritt jeżerċitaw fit-territorju tal-Istat Ospitanti l-ġurisdizzjoni kriminali u s-setgħat dixxiplinarji kollha mogħtija lilhom mil-liġi tal-Istat Mittenti fir-rigward tal-persunal kollu tal-EUNAVFOR soġġett għal-liġi rilevanti tal-Istat Mittenti. Kull fejn huwa possibbli, l-Istat Ospitanti għandu jaħdem sabiex jiffaċilita l-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Mittenti.

*Artikolu 9*

**Uniformi u armi**

1. L-ilbies ta' uniformi għandu jkun soġġett għar-regoli adottati mill-Kmandant tal-Forza tal-UE.

2. Fuq il-baħar, il-persunal militari tal-EUNAVFOR, u l-persunal tal-pulizija li jkunu qed jeskortaw lill-persuni arrestati mill-EUNAVFOR, jistgħu jġorru armi u munizzjoni bil-kondizzjoni li jkunu awtorizzati jagħmlu dan bl-ordnijiet li jkollhom, strettament limitati għal neċessitajiet operattivi.

3. Fit-territorju terrestri tas-Seychelles, il-persunal tal-EUNAVFOR jistgħu jġorru armi, jekk awtorizzati jagħmlu dan bl-ordnijiet li jkollhom, fiż-żona tagħhom u filwaqt li jkunu fi transitu bejn dawn iż-żoni jew il-bastimenti u l-inġenji tal-ajru tagħhom u meta jkunu qed jeskortaw lill-pirati ssuspettati detenuti. Fi kwalunkwe okkażjoni oħra, l-armi jistgħu jinġarru biss b'awtorizzazzjoni minn qabel taħt l-Att tas-Seychelles dwar l-Armi u l-Munizzjon.

*Artikolu 10*

**Appoġġ mill-Istat Ospitanti u għoti ta' kuntratti**

1. L-Istat Ospitanti għandu jaċċetta, jekk jintalab, li jgħin lill-EUNAVFOR issib faċilitajiet adatti.

2. Skont il-mezzi u l-kapaċitajiet tiegħu, l-Istat Ospitanti għandu jipprovdi, mingħajr ħlas, faċilitajiet li tagħhom ikun il-proprjetarju, safejn dawn il-faċilitajiet jintalbu għat-twettiq ta' attivitajiet amministrattivi u operattivi tal-EUNAVFOR bl-eċċezzjoni ta' ħlasijiet ta' utilità u karburant.

3. Fil-limiti tal-mezzi u l-kapaċitajiet tiegħu, l-Istat Ospitanti għandu jgħin fit-tħejjija, l-istabbiliment, it-twettiq u s-sostenn tal-operazzjoni. L-assistenza u s-sostenn għall-operazzjoni mill-Istat Ospitanti għandhom jingħataw bl-istess kondizzjonijiet tal-assistenza u s-sostenn mogħtijin lill-forzi armati tal-Istat Ospitanti.

4. Il-liġi applikabbli għall-kuntratti konklużi mill-EUNAVFOR fl-Istat Ospitanti għandha tkun stabbilita fil-kuntratt.

5. Il-kuntratt jista' jistipula li l-proċedura tar-riżoluzzjoni ta' disputi imsemmija fl-Artikolu 15(3) u (4) għandha tkun applikabbli għal disputi li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-kuntratt.

6. L-Istat Ospitanti għandu jiffaċilita l-implimentazzjoni tal-kuntratti konklużi mill-EUNAVFOR ma' entitajiet kummerċjali għall-finijiet tal-operazzjoni.

*Artikolu 11*

**Modifika tal-faċilitajiet**

1. Fil-waqt li tirrispetta l-liġijiet u r-regolamenti tal-Istat Ospitanti, il-EUNAVFOR għandha tkun awtorizzata li tibni, tbiddel jew inkella timmodifika l-faċilitajiet skont il-ħtiġijiet operattivi tagħha.

2. L-Istat Ospitanti m'għandu jitlob mill-EUNAVFOR l-ebda kumpens għal tali bini, bdil jew modifiki.

*Artikolu 12*

**Persunal deċedut tal-EUNAVFOR**

1. Il-Kmandant tal-Forza tal-UE għandu jkollu d-dritt li jieħu f'idejh u li jagħmel l-arranġamenti adatti għar-ripatrijazzjoni ta' kwalunkwe membru deċedut tal-persunal tal-EUNAVFOR, kif ukoll tal-proprjetà personali tiegħu.

2. M'għandha ssir l-ebda awtopsja fuq kwalunkwe membru deċedut tal-EUNAVFOR mingħajr il-qbil tal-Istat tan-nazzjonalità tal-persuna deċeduta kkonċernat u mingħajr il-preżenza ta' rappreżentant tal-EUNAVFOR u/jew l-Istat tan-nazzjonalità tal-persuna deċeduta kkonċernat.

3. L-Istat Ospitanti u l-EUNAVFOR għandhom jikkooperaw b'kull mezz possibbli biex jiżguraw li l-membru deċedut tal-persunal tal-EUNAVFOR jiġi ripatrijat malajr kemm jista' jkun.

*Artikolu 13*

**Sigurtà tal-EUNAVFOR u pulizija militari**

1. L-Istat Ospitanti għandu jieħu l-miżuri kollha xierqa biex jiżgura s-sikurezza u s-sigurtà tal-EUNAVFOR u l-persunal tagħha.

2. Il-Kmandant tal-Forza tal-UE jista' joħloq unità ta' pulizija militari sabiex tinżamm l-ordni fil-faċilitajiet tal-EUNAVFOR.

3. L-unità tal-pulizija militari tista' wkoll, f'konsultazzjoni u kooperazzjoni mal-pulizija militari jew il-pulizija tal-Istat Ospitanti, taġixxi barra minn dawk il-faċilitajiet sabiex tiżgura ż-żamma tal-ordni u d-dixxiplina fost il-persunal tal-EUNAVFOR.

4. Il-persunal tal-EUNAVFOR li jgħaddi mit-territorju tal-Istat Ospitanti biex jiskorta lill-persuni arrestati mill-EUNAVFOR għandu jkun awtorizzat li japplika l-miżuri restrittivi meħtieġa fir-rigward ta' dawn il-persuni.

*Artikolu 14*

**Komunikazzjoni**

1. L-EUNAVFOR tista' tinstalla u topera stazzjonijiet tar-radju mittenti u riċeventi, kif ukoll sistemi satellitari. Hija għandha tikkoopera mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Ospitanti biex jiġi evitat kull konflitt fl-użu tal-frekwenzi adatti. L-Istat Ospitanti għandu jagħti l-aċċess għall-ispettru tal-frekwenzi mingħajr ħlas filwaqt li jirrispetta l-liġijiet u r-regolamenti tal-Istat Ospitanti.

2. L-EUNAVFOR għandu jkollha d-dritt għal komunikazzjoni, mingħajr kwalunkwe restrizzjoni, bir-radju (inkluż radju satellitari, mobbli jew portabbli), bit-telefon, bit-telegrafu, bil-faks u b'mezzi oħrajn, kif ukoll id-dritt li tinstalla t-tagħmir meħtieġ biex tiżgura l-komunikazzjoni meħtieġa ġewwa u bejn il-faċilitajiet tal-EUNAVFOR, inkluż id-dritt li tqiegħed kejbils u linji fissi għall-finijiet tal-operazzjoni.

3. Fil-faċilitajiet tagħha stess l-EUNAVFOR tista' tagħmel l-arranġamenti meħtieġa sabiex tiżgura t-trasmissjoni tal-posta indirizzata lill-EUNAVFOR jew lill-persunal tagħha jew li tkun qed tintbagħat mill-EUNAVFOR jew mill-persunal tagħha.

*Artikolu 15*

**Talbiet għal indennizz f'każ ta' mewt, korriment, dannu jew telf**

1. L-EUNAVFOR u l-persunal tal-EUNAVFOR m'għandhom ikunu responsabbli għal ebda dannu jew telf ta' proprjetà ċivili jew tal-gvern ikkawżat minn azzjoni meħuda mill-EUNAVFOR waqt funzjonijiet uffiċjali jew ikkawżati minn attivitajiet marbuta ma' inkwiet ċivili jew mal-protezzjoni tal-EUNAVFOR.

2. Bil-ħsieb li tintlaħaq soluzzjoni bonarja, it-talbiet għal indennizz għal ħsara jew telf ta' proprjetà ċivili jew tal-gvern mhux koperti mill-paragrafu 1, kif ukoll talbiet għal indennizz f'każ ta' mewt jew korriment ta' persuni u ħsara jew telf ta' proprjetà tal-EUNAVFOR, għandhom jitressqu lill-EUNAVFOR permezz tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Ospitanti, safejn ikunu konċernati t-talbiet imressqa minn persuni ġuridiċi jew fiżiċi mill-Istat Ospitanti, jew lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Ospitanti, safejn ikunu konċernati t-talbiet imressqa mill-EUNAVFOR.

3. Meta ma tkunx tista' tinstab soluzzjoni bonarja, it-talba għal indennizz għandha tintbagħat lil kummissjoni ta' indennizz magħmula fuq bażi indaqs minn rappreżentanti tal-EUNAVFOR u rappreżentanti tal-Istat Ospitanti. Is-soluzzjoni tat-talbiet għandha jintlaħaq bi qbil komuni.

4. Meta ma tkunx tista' tinstab soluzzjoni fil-kummissjoni ta' indennizz, id-disputa għandha:

(a) għal talbiet sal-ammont ta' EUR 40 000, tiġi riżolta b'mezzi diplomatiċi bejn l-Istat Ospitanti u r-rappreżentanti tal-UE;

(b) għal talbiet akbar mill-ammont imsemmi fil-punt a), titressaq quddiem tribunal ta' arbitraġġ, li d-deċiżjonijiet tiegħu għandhom ikunu vinkolanti.

5. It-tribunal ta' arbitraġġ għandu jkun magħmul minn tliet arbitri, li wieħed minnhom ikun maħtur mill-Istat Ospitanti, ieħor ikun maħtur mill-EUNAVFOR u t-tielet wieħed ikun maħtur bi qbil komuni mill-Istat Ospitanti u l-EUNAVFOR. Jekk waħda mill-partijiet ma taħtarx arbitru fi żmien xahrejn, jew jekk ma jkunx jista' jintlaħaq qbil bejn l-Istat Ospitanti u l-EUNAVFOR dwar il-ħatra tat-tielet arbitru, l-arbitru inkwistjoni għandu jinħatar mill-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej.

Għandu jiġi konkluż arranġament amministrattiv bejn il-Kmandant tal-Forza jew tal-Operazzjoni tal-UE u l-awtoritajiet amministrattivi tal-Istat Ospitanti sabiex jiġu determinati t-termini tar-referenza tal-kummissjoni ta' indennizz u tat-tribunal ta' arbitraġġ, il-proċedura applikabbli fi ħdan dawn il-korpi u l-kondizzjonijiet li bihom għandhom jiġu ppreżentati t-talbiet.

*Artikolu 16*

**Kollegament u disputi**

1. Il-kwistjonijiet kollha marbutin mal-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim għandhom jiġu eżaminati konġuntament ma' rappreżentanti tal-EUNAVFOR u l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Ospitanti.

2. Jekk ma jkunx hemm soluzzjoni minn qabel, id-disputi li jikkonċernaw l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim għandhom jiġu riżolti esklużivament b'mezzi diplomatiċi bejn rappreżentanti mill-UE u mill-Istat Ospitanti.

*Artikolu 17*

**Dispożizzjonijiet oħra**

1. Kull meta dan il-Ftehim jirreferi għall-privileġġi, l-immunitajiet u d-drittijiet tal-EUNAVFOR u tal-persunal tagħha, il-Gvern tal-Istat Ospitanti għandu jkun responsabbli għall-implimentazzjoni tagħhom u għall-konformità magħhom min-naħa tal-awtoritajiet lokali kkonċernati tal-Istat Ospitanti.

2. L-ebda dispożizzjoni ta' dan il-Ftehim m'hi maħsuba jew m'għandha tinftiehem li tidderoga minn kull dritt li jista' jkollu Stat Membru tal-UE jew kwalunkwe Stat ieħor li jikkontribwixxi għall-EUNAVFOR bis-saħħa ftehimiet oħrajn.

*Artikolu 18*

**Arranġamenti implimentattivi**

Għall-finijiet tal-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim, il-kwistjonijiet operattivi, amministrattivi u tekniċi jistgħu jkunu s-suġġett ta' arranġamenti separati li jiġu konklużi bejn il-Kmandant tal-Forza jew tal-Operazzjoni tal-UE u l-awtoritajiet amministrattivi tal-Istat Ospitanti.

*Artikolu 19*

**Dħul fis-seħħ u terminazzjoni**

1. Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fil-jum meta jiġi ffirmat u għandu jibqa' fis-seħħ sad-data tat-tluq tal-aħħar element tal-EUNAVFOR u tal-aħħar membri tal-persunal tal-EUNAVFOR, kif ikun innotifikat mill-EUNAVFOR. Kwalunkwe parti tista' tittermina dan il-Ftehim fi żmien aktar bikri billi tagħti bil-miktub notifika ta' sitt xhur.

2. Minkejja l-paragrafu 1, id-dispożizzjonijiet li jinsabu fl-Artikoli 4(8), 5(1-3), 5(6), 5(7), 6(1), 6(3), 6(4), 6(6), 6(8-10), 10(2), 11, 13(1), 13(2) u 15 għandhom jitqiesu li applikaw mid-data tal-insedjament tal-ewwel persunal tal-EUNAVFOR jekk dik id-data kienet qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

3. Dan il-Ftehim jista' jiġi emendat permezz ta' ftehim bil-miktub bejn il-Partijiet.

4. It-terminazzjoni ta' dan il-Ftehim m'għandhiex tinċidi fuq id-drittijiet jew l-obbligi li jirriżultaw mill-eżekuzzjoni ta' dan il-Ftehim qabel tali tmiem.

Magħmul f'Victoria, Seychelles, duplikatament bl-Ingliż, dan l-għaxar jum ta' Novembru 2009.

*Għall-Unjoni Ewropea* *Għar-Repubblika tas-Seychelles*

# ATTI ADOTTATI SKONT IT-TITOLU VI TAT-TRATTAT TAL-UE

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2009/917/ĠAI

**tat-30 ta' Novembru 2009**

**dwar l-użu tat-teknoloġija tal-informatika għall-finijiet doganali**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 30(1)(a) u l-Artikolu 34(2)(c) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-inizjattiva tar-Repubblika Franċiża,

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Parlament Ewropew ([1]),

Billi:

(1) L-amministrazzjonijiet doganali huma responsabbli, flimkien ma' awtoritajiet kompetenti oħra, fil-fruntieri esterni tal-Komunità u ġewwa t-territorju tagħha, għall-prevenzjoni, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati mhux biss kontra r-regoli Komunitarji, iżda wkoll kontra l-liġijiet nazzjonali.

(2) Ix-xejra li qed tiżviluppa lejn traffikar illegali ta' kull tip tikkostitwixxi theddida serja għas-saħħa, il-moralità u s-sigurtà pubbliċi.

(3) Huwa neċessarju li tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-amministrazzjonijiet doganali, billi jiġu stabbiliti proċeduri li taħthom l-amministrazzjonijiet doganali jkunu jistgħu jaġixxu konġuntament u jiskambjaw data personali u data oħra dwar attivitajiet ta' traffikar illegali, bl-użu ta' teknoloġija ġdida għall-ġestjoni u t-trasmissjoni ta' tali informazzjoni, b'kont meħud tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI tas-27 ta' Novembru 2008 dwar il-protezzjoni ta' data personali pproċessata fil-qafas tal-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja f'materji kriminali ([2]) u l-prinċipji li jinsabu fir-Rakkomandazzjoni Nru R (87) 15 tal-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa tas-17 ta' Settembru 1987 li tirregola l-użu tad-data personali fis-settur tal-pulizija (minn issa msejjħa "r-Rakkomandazzjoni Nru R (87) 15").

(4) Hu wkoll neċessarju li tissaħħaħ il-komplementarjetà mal-azzjonijiet fil-kuntest tal-kooperazzjoni mal-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol) u l-Unità ta' Kooperazzjoni Ġudizzjarja tal-Unjoni (Eurojust), billi dawn il-korpi jingħataw aċċess għas-Sistema ta' Informazzjoni Doganali, inkluż il-bażi ta' data ta' identifikazzjoni ta' fajls doganali, sabiex iwettqu l-kompiti tagħhom fil-mandat tagħhom.

(5) L-aċċess permezz tal-qari għas-Sistema ta' Informazzjoni Doganali għandu jippermetti lill-Europol jagħmel verifika reċiproka tal-informazzjoni miksuba b'mezzi oħrajn mal-informazzjoni disponibbli f'dawk il-bażijiet ta' data, li jidentifika rabtiet ġodda li sa issa ma kinux identifikabbli u għalhekk li jipproduċi analiżi aktar komprensiva. L-aċċess permezz tal-qari għall-bażi ta' data ta' identifikazzjoni ta' fajls doganali għandu jippermetti lill-Europol li jiskopri konnessjonijiet bejn każijiet ta' investigazzjonijiet kriminali, li sa issa ma kinux magħrufa mill-Europol u li għandhom dimensjoni ġewwa u barra l-Unjoni Ewropea.

(6) L-aċċess permezz tal-qari għas-Sistema ta' Informazzjoni Doganali għandu jippermetti lill-Europol sabiex jikseb informazzjoni immedjata meħtieġa għal ħarsa ġenerali inizjali preċiża li tippermetti li jiġu identifikati u megħluba l-ostakli legali u li jinkisbu riżultati aħjar fil-prosekuzzjoni. L-aċċess permezz tal-qari għall-bażi ta' data ta' identifikazzjoni ta' fajls doganali jippermetti lill-Europol jirċievi informazzjoni dwar investigazzjonijiet li jkunu għaddejja u dawk konklużi fi Stati Membri differenti u għalhekk li jittejjeb l-appoġġ tal-awtoritajiet ġudizzjarji fl-Istati Membri.

(7) Peress li l-amministrazzjonijiet doganali jridu jimplimentaw id-dispożizzjonijiet kemm Komunitarji kif ukoll non-Komunitarji fil-ħidma tagħhom ta' kuljum, hemm meħtieġ li jkun żgurat li d-dispożizzjonijiet dwar l-assistenza reċiproka u l-kooperazzjoni amministrattiva jevolvu parallelament. Għaldaqstant għandu jittieħed kont tad-dispożizzjonijiet rigward is-Sistema ta' Informazzjoni Doganali u tal-bażi ta' data għall-identifikazzjoni ta' fajls doganali fir-Regolament (KE) Nru 766/2008 ([3]).

([1]) L-Opinjoni tal-24 ta' Novembru 2009 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

([2]) ĠU L 350, 30.12.2008, p. 60.

([3]) Ir-Regolament (KE) Nru 766/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 515/97 dwar għajnuna reċiproka bejn l-awtoritajiet amministrattivi tal-Istati Membri u l-kooperazzjoni bejn dawn tal-aħħar u l-Kummissjoni biex ikun assigurat l-applikar korrett tal-liġi dwar materji doganali u agrikoli (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 48).

(8) L-Istati Membri jirrikonoxxu l-vantaġġ li l-użu sħiħ tal-bażi ta' data ta' identifikazzjoni ta' fajls doganali ser jipprovdi għall-koordinazzjoni u t-tisħiħ tal-ġlieda kontra l-kriminalità tarsnkonfini u għalhekk jimpenjaw ruħhom li jdaħħlu d-data f'dik il-bażi ta' data sal-akbar livell possibbli.

(9) L-esperjenza miksuba sa mid-dħul fis-seħħ tal-Konvenzjoni tas-26 ta' Lulju 1995 dwar l-użu tat-teknoloġija tal-informatika għall-finijiet doganali (minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Konvenzjoni SID") ([1]) uriet li l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni Doganali esklussivament għall-finijiet ta' lemħa u ta' rappurtar, ta' sorveljanza diskreta jew ta' kontrolli speċifiċi ma jippermettix li jinkiseb interament l-objettiv tas-sistema, li hu li tassisti fil-prevenzjoni, fl-investigazzjoni u fil-prosekuzzjoni ta' ksur gravi tal-liġijiet nazzjonali.

(10) Analiżi strateġika għandha tgħin lil dawk responsabbli fl-ogħla livell biex jiddeterminaw il-proġetti, l-objettivi u l-linji ta' politika għall-ġlieda kontra l-frodi, biex ifasslu l-attivitajiet u japplikaw ir-riżorsi meħtieġa biex jinkisbu l-objettivi operattivi stabbiliti.

(11) Analiżi operattiva tal-attivitajiet, ir-riżorsi u l-intenzjonijiet ta' ċerti persuni jew negozji li ma jikkonformawx jew li jidhru li ma jikkonformawx mal-liġijiet nazzjonali għandha tgħin lill-awtoritajiet doganali biex jieħdu l-miżuri adatti f'każijiet speċifiċi biex jinkisbu l-objettivi fir-rigward tal-ġlieda kontra l-frodi.

(12) Għaldaqstant il-Konvenzjoni SID għandha tiġi sostitwita.

(13) Din id-Deċiżjoni tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

(14) Din id-Deċiżjoni tal-Kunsill ma żżommx lill-Istati Membri milli japplikaw ir-regoli kostituzzjonali tagħhom fir-rigward tal-aċċess pubbliku għal dokumenti uffiċjali,

IDDEĊIDA KIF ĠEJ:

KAPITOLU I

## STABBILIMENT TA' SISTEMA TA' INFORMAZZJONI DOGANALI

*Artikolu 1*

1. Sistema ta' informazzjoni konġunta u awtomatika għal skopijiet doganali (minn hawn 'il quddiem imsejħa "Sistema ta' Informazzjoni Doganali" jew "is-Sistema") hija b'dan stabbilita.

2. L-objettiv tas-Sistema ta' Informazzjoni Doganali, skont din id-Deċiżjoni, għandu jkun li tassisti fil-prevenzjoni, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' ksur serju tal-liġijiet nazzjonali billi tagħmel id-data disponibbli iktar rapidament, u b'hekk isaħħah l-effettività tal-proċeduri ta' koperazzjoni u ta' kontroll tal-amministrazzjonijiet doganali tal-Istati Membri.

KAPITOLU II

## DEFINIZZJONIJIET

*Artikolu 2*

Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni:

1. "liġijiet nazzjonali" tfisser il-liġijiet jew ir-regolamenti ta' Stat Membru, li l-applikazzjoni tagħhom taqa' interament jew parzjalment taħt il-kompetenza tal-amministrazzjoni doganali ta' dak l-Istat Membru, fir-rigward ta':

(a) il-moviment ta' merkanzija soġġett għal miżuri ta' projbizzjoni, restrizzjoni jew kontroll, b'mod partikolari dawk il-miżuri koperti bl-Artikoli 30 u 296 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ("it-Trattat tal-KE");

(b) miżuri biex jikkontrollaw il-movimenti ta' flus kontanti fil-Komunità, fejn tali miżuri huma skont l-Artikolu 58 tat-Trattat tal-KE;

(c) it-trasferiment, il-konverżjoni, id-dissimulazzjoni jew it-travestiment tal-beni jew tar-rikavat akkwistat jew miksub direttament jew indirettament permezz ta' traffiku internazzjonali illegali ta' droga jew bi ksur ta':

(i) il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi ta' Stat Membru li l-applikazzjoni tagħhom taqa' interament jew parzjalment taħt il-kompetenza tal-amministrazzjoni doganali ta' dak l-Istat Membru, rigward il-moviment transkonfini tal-merkanzija soġġett għal miżuri ta' projbizzjoni, restrizzjoni jew kontroll, b'mod partikolari, dawk il-miżuri msemmijin fl-Artikoli 30 u 296 tat-Trattat tal-KE, kif ukoll id-dazji tas-sisa mhux armonizzati;

(ii) il-korp tad-dispożizzjonijiet Komunitarji u d-dispożizzjonijiet implimentattivi assoċjati li jirregolaw l-importazzjoni, l-esportazzjoni, it-transitu u l-preżenza tal-merkanzija nnegozjata bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi, u bejn l-Istati Membri fil-każ tal-merkanzija li ma jkollhiex status Komunitarju fit-tifsira tal-Artikolu 23 tat-Trattat tal-KE jew merkanzija soġġetta għal kontrolli jew investigazzjonijiet addizzjonali għall-finijiet tal-istabbiliment tal-istatus Komunitarju tagħhom;

(iii) it-totalita' tad-dispożizzjonijiet adottati fil-livell Komunitarju taħt il-politika agrikola komuni u r-regoli speċifiċi adottati rigward merkanzija li tirriżulta mill-ipproċessar ta' prodotti agrikoli; jew

([1]) ĠU C 316, 27.11.1995, p. 33.

(iv) il-korp tad-dispożizzjonijiet adottati fil-livell Komunitarju għad-dazji tas-sisa armonizzati u għat-taxxa fuq il-valur miżjud rigward l-importazzjoni flimkien mad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jimplimentawhom, jew dawk li ntużaw f'dak il-kuntest;

2. "data personali" tfisser kwalunkwe informazzjoni relatata ma' persuna fiżika identifikata jew identifikabbli ("suġġett tad-data"), fejn persuna identifikabbli hija waħda li tista' tiġi identifikata, direttament jew indirettament, b'mod partikolari b'referenza għal numru ta' identifikazzjoni jew għal fattur wieħed jew aktar speċifiku għall-identità fiżika, fiżjoloġika, mentali, ekonomika, kulturali jew soċjali tagħha;

3. "Stat Membru fornitur" tfisser l-Istat Membru li jintroduċi punt ta' data fis-Sistema ta' Informazzjoni Doganali;

4. "analiżi operattiva" tfisser analiżi tal-operazzjonijiet li jikkostitwixxu jew li jidhru li jikkostitwixxu ksur tal-liġijiet nazzjonali permezz tal-fażijiet li ġejjin:

(a) il-ġbir ta' informazzjoni, inkluża d-data personali;

(b) l-evalwazzjoni tal-affidabbiltà tas-sors tal-informazzjoni u tal-istess informazzjoni;

(c) ir-riċerka, il-preżentazzjoni u l-interpretazzjoni metodiċi tar-rabtiet bejn din l-informazzjoni jew bejn din l-informazzjoni u data sinifikanti oħra;

(d) il-formulazzjoni ta' osservazzjonijiet, ipoteżijiet jew rakkomandazzjonijiet li jistgħu jkunu sfruttati b'mod dirett bħala informazzjoni dwar ir-riskji mill-awtoritajiet kompetenti biex jipprevjenu u jidentifikaw operazzjonijiet oħra li jiksru l-liġijiet nazzjonali u/jew biex ikunu identifikati bi preċiżjoni l-persuni jew in-negozji implikati f'tali operazzjonijiet;

5. "analiżi strateġika" tfisser ir-riċerka u l-preżentazzjoni tax-xejriet ġenerali fil-ksur tal-liġijiet nazzjonali permezz ta' evalwazzjoni tat-theddida, l-iskala u l-impatt ta' ċerti tipi ta' operazzjonijiet li jiksru l-liġijiet nazzjonali, bil-ħsieb li jiġu determinati l-prijoritajiet, li jkun hemm stampa aħjar tal-fenomenu jew tat-theddida, li l-azzjonijiet ta' prevenzjoni u identifikazzjoni tal-frodi jiġu riorjentati u li tiġi riveduta l-organizzazzjoni tas-servizzi. Għall-analiżi strateġika tista' tintuża biss dik id-data li tneħħewlha l-fatturi ta' identifikazzjoni.

KAPITOLU III

## FUNZJONAMENT U UŻU TAS-SISTEMA TA' INFORMAZZJONI DOGANALI

*Artikolu 3*

1. Is-Sistema ta' Informazzjoni Doganali għandha tikkonsisti f'bażi ta' data ċentrali aċċessibbli permezz ta' terminals f'kull Stat Membru. Din għandha tinkludi esklussivament data meħtieġa biex jikseb l-għan tagħha kif iddikjarat fl-Artikolu 1(2), inkluża data personali, fil-kategoriji li ġejjin:

(a) il-komoditajiet;

(b) il-mezzi ta' trasport;

(c) in-negozji;

(d) il-persuni;

(e) ix-xejriet ta' frodi;

(f) il-ħiliet disponibbli;

(g) oġġetti miżmuma, sekwestrati jew ikkonfiskati;

(h) kontanti miżmuma, sekwestrati jew ikkonfiskati.

2. Il-Kummissjoni għandha tassigura l-ġestjoni teknika tal-infrastruttura tas-Sistema ta' Informazzjoni Doganali skont ir-regoli previsti mid-dispożizzjonijiet implimentattivi adottati mill-Kunsill.

Il-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar l-amministrazzjoni lill-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 27.

3. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika lill-Kumitat imsemmi l-arranġamenti prattiċi addottati għall-ġestjoni teknika.

*Artikolu 4*

1. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw il-punti li għandhom jiddaħħlu fis-Sistema ta' Informazzjoni Doganali li jikkorrispondu għal kull waħda mill-kategoriji msemmijin fl-Artikolu 3(1), safejn dan huwa neċessarju biex jinkiseb l-għan tas-Sistema. Fl-ebda każ m'għandha tiddaħħal data personali fil-kategorija msemmija fil-punt (e) tal-Artikolu 3(1).

2. Rigward il-kategoriji msemmijin fil-punti (a) sa (d) tal-Artikolu 3(1), il-punti ta' informazzjoni mdaħħlin fir-rigward ta' persuni għandhom jinkludu mhux aktar minn:

(a) il-kunjom, il-kunjom ta' xebba, l-isem/ismijiet, il-kunjomijiet ta' qabel u l-psewdonomi;

(b) id-data u l-post tat-twelid;

(c) iċ-ċittadinanza;

(d) is-sess;

(e) in-numru u l-post u d-data tal-ħruġ tad-dokumenti ta' identità (passaporti, karti tal-identità, liċenzji tas-sewqan);

(f) l-indirizz;

(g) kwalunkwe karatteristika fiżika objettiva u permanenti partikolari;

(h) ir-raġuni għad-dħul tad-data;

(i) l-azzjoni ssuġġerita;

(j) kodiċi ta' twissija li jindika xi passat fejn il-persuna kienet armata, vjolenti jew li ħarbet mill-awtoritajiet;

(k) in-numru ta' reġistrazzjoni tal-mezz tat-trasport.

3. Rigward il-kategorija msemmija fil-punt (f) tal-Artikolu 3(1), il-punti ta' informazzjoni mdaħħlin fir-rigward ta' persuni għandhom jinkludu mhux aktar mill-kunjomijiet u l-ismijiet tal-esperti.

4. Rigward il-kategoriji msemmija fil-punt (g) u (h) tal-Artikolu 3(1), il-punti ta' informazzjoni mdaħħlin fir-rigward ta' persuni għandhom jinkludu mhux aktar minn:

(a) il-kunjom, il-kunjom ta' xebba, l-isem/ismijiet, il-kunjomijiet ta' qabel u l-psewdonomi;

(b) id-data u l-post tat-twelid;

(c) iċ-ċittadinanza;

(d) is-sess;

(e) l-indirizz.

5. Fl-ebda każ m'għandha tiġi mdaħħla fir-Sistema ta' Informazzjoni Doganali data personali elenkata fl-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni Qafas 2008/977/ĠAI tas-27 ta' Novembru 2008.

*Artikolu 5*

1. Id-data tal-kategoriji msemmijin fl-punti (a) sa (g) tal-Artikolu 3(1) għandha tiddaħħal fis-Sistema ta' Informazzjoni Doganali esklussivament għall-fini ta' lemħa u ta' rappurtar, ta' sorveljanza diskreta, ta' verifiki speċifiċi u ta' analiżi strateġika jew operattiva.

Id-data fil-kategorija msemmija fil-ount (h) Artikolu 3(1) għandha tiddaħħal fis-Sistema ta' Informazzjoni Doganali esklussivament għall-fini ta' analiżi strateġika jew operattiva.

2. Għall-fini tal-azzjonijiet msemmijin fil-paragrafu 1, id-data personali li taqa' fi kwalunkwe waħda mill-kategoriji msemmijin fl-Artikolu 3(1) tista' tiddaħħal fis-Sistema ta' Informazzjoni Doganali biss jekk, hemm indikazzjonijiet reali, b'mod partikolari abbażi ta' attivitajiet illegali preċedenti, li jissuġġerixxu li l-persuna kkonċernata wettqet, qiegħda twettaq, jew ser twettaq ksur serju tal-liġijiet nazzjonali.

*Artikolu 6*

1. Jekk l-azzjonijiet msemmijin fl-Artikolu 5(1) jitwettqu, l-informazzjoni li ġejja tista', kollha jew parti minnha, tinġabar u tiġi ttrasferita lill-Istat Membru fornitur:

(i) il-fatt li l-komodità, il-mezzi ta' trasport, in-negozju jew il-persuna in kwistjoni kienu lokalizzati;

(ii) il-post, il-ħin u r-raġuni għall-kontroll;

(iii) ir-rotta u d-destinazzjoni tal-vjaġġ;

(iv) il-persuni li jakkumpanjaw il-persuna in kwistjoni jew l-okkupanti tal-mezzi ta' trasport użati;

(v) il-mezzi ta' trasport użati;

(vi) il-merkanzija trasportata;

(vii) iċ-ċirkostanzi li nstabu fihom il-komodità, il-mezzi ta' trasport, in-negozju jew il-persuna.

Meta tinġabar din l-informazzjoni waqt operazzjoni ta' sorveljanza diskreta jridu jittieħdu passi biex ikun żgurat li n-natura sigrieta tas-sorveljanza ma tkunx ippreġudikata.

2. Fil-kuntest tal-kontrolli speċifiċi msemmija fl-Artikolu 5 (1), il-persuni, il-mezzi tat-trasport u l-oġġetti jistgħu jkunu mfittxija safejn ikun permissibli u skont il-liġijiet, ir-regolamenti u l-proċeduri tal-Istat Membru fejn isseħħ it-tfittxija. Jekk il-kontrolli speċifiċi ma jkunux awtorizzati mil-liġi ta' Stat Membru, huma jkunu awtomatikament mibdula f'lemħa u rappurtar jew f'sorveljanza diskreta minn dak l-Istat Membru.

*Artikolu 7*

1. L-aċċess dirett għal data mdaħħla fis-Sistema ta' Informazzjoni Doganali għandu jkun riżervat għall-awtoritajiet nazzjonali nominati minn kull Stat Membru. Dawk l-awtoritajiet nazzjonali għandhom ikunu amministrazzjonijiet doganali, iżda jistgħu jinkludu wkoll awtoritajiet kompetenti oħra, skont il-liġi, ir-regolamenti, u l-proċeduri tal-Istat Membru in kwistjoni, biex jaġixxu b'mod li jiksbu l-għan imsemmi fl-Artikolu 1(2).

2. Kull Stat Membru għandu jibgħat lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 27 lista tal-awtoritajiet kompetenti tiegħu li ġew innominati f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, biex ikollhom aċċess dirett għas-Sistema ta' Informazzjoni Doganali filwaqt li jiddikjara, għal kull awtorità, għal liema data hija jista' jkollha aċċess u għal liema finijiet.

3. Minkejja l-paragrafi 1 u 2, il-Kunsill jista', b'deċiżjoni unanima, jippermetti aċċess għas-Sistema ta' Informazzjoni Doganali lil organizzazzjonijiet internazzjonali jew reġjonali. Fit-teħid ta' din id-deċiżjoni, il-Kunsill għandu jieħu kont ta' kwalunkwe arranġament reċiproku u kwalunkwe opinjoni rigward l-adegwatezza ta' miżuri ta' protezzjoni tad-data mill-Awtorità ta' Sorveljanza Konġunta msemmija fl-Artikolu 25.

*Artikolu 8*

1. L-Istati Membri, l-Europol u l-Eurojust jistgħu jużaw biss data miksuba mis-Sistema ta' Informazzjoni Doganali biex jiksbu l-objettiv imsemmi fl-Artikolu 1(2). Madankollu, jistgħu jużawha għal finijiet amministrattivi jew finijiet oħra b'awtorizzazzjoni minn qabel, u soġġetta għal kwalunkwe kondizzjoni imposta mill-Istat Membru li daħħal id-data fis-Sistema. Tali użu ieħor simili għandu jkun f'konformità mal-liġijiet, ir-regolamenti u l-proċeduri tal-Istat Membru li jfittex li jużaha f'konformità mal-Artikolu 3(2) tad-Deċiżjoni Qafas 2008/977/ĠAI, u għandu jittieħed kont tal-Prinċipju 5.2.i tar-Rakkomandazzjoni Nru R (87) 15.

2. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 1 u 4 ta' dan l-Artikolu, tal-Artikolu 7(3) u tal-Artikoli 11 u 12, id-data miksuba mis-Sistema ta' Informazzjoni Doganali għandha tintuża biss mill-awtoritajiet nazzjonali f'kull Stat Membru nominat mill-Istat Membru in kwistjoni, li huma kompetenti, skont il-liġijiet, ir-regolamenti u l-proċeduri ta' dak l-Istat Membru, biex jaġixxu biex jinkiseb l-objettiv imsemmi fl-Artikolu 1(2).

3. Kull Stat Membru għandu jibgħat lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 27 lista tal-awtoritajiet kompetenti li hu nnomina b'konformità mal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

4. Id-data miksuba mis-Sistema ta' Informazzjoni Doganali, b'awtorizzazzjoni minn qabel tal-Istat Membru li daħħalha fis-Sistema, u soġġetta għal kwalunkwe kondizzjoni li hu impona, għandha tiġi ttrasferita lill-awtoritajiet nazzjonali oħrajn minbarra dawk nominati taħt il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, lil terzi pajjiżi, u lil organizzazzjonijiet internazzjonali u reġjonali li jixtiequ jagħmlu użu minnha. Kull Stat Membru għandu jieħu miżuri speċjali biex jiżgura s-sigurtà ta' din id-data meta tkun qed tiġi ttrasferita lil servizzi li qegħdin barra mit-territorju tiegħu. Id-dettalji ta' dawn il-miżuri iridu jiġu kkomunikati lill-Awtorità ta' Sorveljanza Konġunta msemmija fl-Artikolu 25.

*Artikolu 9*

1. Id-dħul tad-data fis-Sistema ta' Informazzjoni Doganali għandha tkun irregolata mil-liġijiet, ir-regolamenti u l-proċeduri tal-Istat Membru li qed iforniha sakemm din id-Deċiżjoni ma tistabbilixxix dispożizzjonijiet aktar stretti.

2. L-użu ta' data miksuba mis-Sistema ta' Informazzjoni Doganali, inkluż it-twettiq tal-azzjonijiet kollha msemmija fl-Artikolu 5(1) u suġġerita mill-Istat Membru li forna d-data, għandu jkun regolat mil-liġijiet, ir-regolamenti u l-proċeduri tal-Istat Membru li juża din id-data, sakemm din id-Deċiżjoni ma tistabbilixxix dispożizzjonijiet aktar stretti.

*Artikolu 10*

1. Kull Stati Membru għandu jinnomina amministrazzjoni doganali kompetenti li jkollha responsabbiltà nazzjonali għas-Sistema ta' Informazzjoni Doganali.

2. L-amministrazzjoni imsemmija fil-paragrafu 1, għandha tkun responsabbli għall-funzjonament korrett ta' Sistema ta' Informazzjoni Doganali fit-territorju tal-Istat Membru u għandha tieħu l-miżuri meħtieġa biex tassigura konformità ma' din id-Deċiżjoni.

3. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lil xulxin bl-amministrazzjoni msemmija fil-paragrafu 1.

*Artikolu 11*

1. Il-Europol, fil-limiti tal-mandat tiegħu u għat-twettiq tal-kompiti tiegħu, għandu d-dritt li jkollu aċċess għad-data mdaħħla fis-Sistema ta' Informazzjoni Doganali f'konformità mal-Artikoli 1, 3 sa 6, 15 sa 19 u li jfittex dik id-data.

2. Fejn tfittxija mill-Europol tiżvela l-eżistenza ta' qbil bejn informazzjoni pproċessata mill-Europol u entrata fis-Sistema ta' Informazzjoni Doganali, l-Europol, permezz tal-kanali ddefiniti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/371/ĠAI tas-6 ta' April 2009 li tistabbilixxi Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol) ([1]), għandu jinforma b'dan lill-Istat Membru li għamel l-entrata.

3. L-użu ta' informazzjoni miksuba minn tfittxija fis-Sistema ta' Informazzjoni Doganali huwa soġġett għall-kunsens tal-Istat Membru li jkun introduċa d-data fis-Sistema. Jekk dak l-Istat Membru jawtorizza l-użu ta' din l-informazzjoni, it-trattament tagħha għandu jkun irregolat mid-Deċiżjoni 2009/371/ĠAI. L-Europol jista' jittrasferixxi din l-informazzjoni lil pajjiżi terzi u lil korpi terzi biss bil-kunsens tal-Istat Membru li jkun daħħal id-data fis-Sistema.

4. L-Europol jista' jitlob aktar informazzjoni mill-Istati Membri kkonċernati, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni 2009/371/ĠAI.

5. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 3 u 4, m'huwiex il-kompitu tal-Europol li jikkollega l-partijiet tas-Sistema ta' Informazzjoni Doganali li għandu aċċess għalihom ma' sistema kompjuterizzata għall-ġbir u l-ipproċessar tad-data użata mill-Europol jew fi ħdanha u li jittrasferixxi d-data li hemm fiha f'sistema oħra bħal din, kif ukoll li jniżżel jew li jikkopja b'xi mod ieħor kwalunkwe parti tas-Sistema ta' Informazzjoni Doganali;

L-Europol għandu jillimita l-aċċess għad-data mdaħħla fis-Sistema ta' Informazzjoni Doganali għall-persunal debitament awtorizzat tal-Europol.

([1]) ĠU L 121, 15.5.2009, p. 37.

L-Europol għandu jippermetti lill-Korp ta' Sorveljanza Konġunta, stabbilit bl-Artikolu 34 tad-Deċiżjoni 2009/371/ĠAI, biex jirrevedi l-attivitajiet tal-Europol fl-eżerċizzju tad-dritt tiegħu għal aċċess għal u l-konsultazzjoni ta' data mdaħħla fis-Sistema ta' Informazzjoni Doganali.

6. Xejn f'dan l-Artikolu ma għandu jiġi interpretat li jkollu effett fuq id-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni 2009/371/ĠAI dwar il-protezzjoni tad-data u r-responsabbiltà għal kwalunkwe pproċessar mhux awtorizzat jew skorrett ta' tali data mill-persunal tal-Europol, jew li jkollu effett fuq is-setgħat tal-Korp ta' Sorveljanza Konġunta stabbilit skont dik id-Deċiżjoni.

*Artikolu 12*

1. Il-membri nazzjonali tal- Eurojust, id-deputati tagħhom, l-assistenti u l-persunal awtorizzat speċifikament, fil-limiti tal-mandat tagħhom u għat-twettiq tal-kompiti tal-Eurojust, għandhom id-dritt li jkollhom aċċess għad-data mdaħħla fis-Sistema ta' Informazzjoni Doganali b'konformità mal-Artikoli 1, 3 sa6, 15 sa 19 u li jikkonsultaha.

2. F'każ li tfittxija minn membru nazzjonali tal-Eurojust, id-deputati tagħhom, l-assistenti jew l-persunal awtorizzat speċifikament jiżvela l-eżistenza ta' qbil bejn l-informazzjoni pproċessata mill-Eurojust u entrata fis-Sistema ta' Informazzjoni Doganali, dan għandu jinforma lill-Istat Membru li għamel l-entrata. L-informazzjoni miksuba waqt konsultazzjoni bħal din ma tistax tiġi kkomunikata lil pajjiżi jew lil korpi terzi jekk mhux bil-kunsens tal-Istat Membru li jkun għamel l-entrata.

3. Xejn f'dan l-Artikolu m'għandu jiġi interpretat bħala li jaffettwa d-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/426/ĠAI tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar it-tisħiħ tal-Eurojust u li temenda d-Deċiżjoni 2002/187/ĠAI li tistabbilixxi l-Eurojust bil-għan li tiġi msaħħa l-ġlieda kontra l-kriminalità serja [1] dwar il-protezzjoni tad-data u r-responsabbiltà għal kwalunkwe pproċessar mhux awtorizzat jew skorrett ta' tali data min-naħa tal-membri nazzjonali tal-Eurojust, id-deputati tagħhom, l-assistenti u l-persunal awtorizzat speċifikament, jew li jkollha effett fuq is-setgħat tal-Korp ta' Sorveljanza Konġunta stabbilit skont dik id-Deċiżjoni.

4. L-ebda parti mis-Sistema ta' Informazzjoni Doganali li għaliha għandhom aċċess il-membri nazzjonali tal-Eurojust, id-deputati tagħhom, l-assistenti u l-persunal awtorizzat speċifikament ma għandha tkun konnessa ma' sistema tal-informatika għall-ġbir u l-ipproċessar tad-data użata mill-Eurojust jew fi ħdanha, u l-ebda data li tinsab f'dawn tal-ewwel ma għandha tkun trasferita lil tat-tieni, u l-ebda parti tas-Sistema ta' Informazzjoni Doganali ma tista' tkun imniżżla.

5. L-aċċess għad-data mdaħħla fis-Sistema ta' Informazzjoni Doganali għandu jkun limitat għall-membri nazzjonali tal-Eurojust, id-deputati tagħhom, l-assistenti u l-persunal awtorizzat speċifikament u m'għandux ikun estiż għal persunal ieħor tal-Eurojust.

KAPITOLU IV

**MODIFIKA TAD-DATA**

*Artikolu 13*

1. Huwa biss l-Istat Membru fornitur li għandu jkollu d-dritt li jimmodifika, jissupplimenta, jikkoreġi jew iħassar data li jkun daħħal fis-Sistema ta' Informazzjoni Doganali.

2. Jekk Stat Membru fornitur jinnota, jew tinġibidlu l-attenzjoni, li d-data li daħħal hija fattwalment ineżatta jew ġiet imdaħħla, jew hija maħżuna kuntrarjament għal din id-Deċiżjoni, huwa għandu jemenda, jissupplimenta, jikkoreġi jew iħassar id-data, kif adatt, u jinforma lill-Istati Membri l-oħrajn, lill-Europol u lill-Eurojust b'dan.

3. Jekk Stati Membru, l-Europol jew l-Eurojust ikollu provi li jindikaw li xi element tad-data huwa fattwalment ineżatt jew ġie introdott jew huwa maħżun fis-Sistema ta' Informazzjoni Doganali kuntrarjament għal din id-Deċiżjoni, huwa għandu jinforma malajr kemm jista' jkun b'dan lill-Istat Membru fornitur. Dan tal-aħħar għandu jivverifika d-data kkonċernata u, jekk neċessarju, jikkoreġi jew iħassar il-punt mingħajr dewmien. L-Istat Membru fornitur għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra, lill-Europol, u lill-Eurojust dwar kwalunkwe retifika jew taħsira li hu jwettaq.

4. Jekk, meta jdaħħal data fis-Sistema ta' Informazzjoni Doganali, Stat Membru jinnota li r-rapport tiegħu jikkontradixxi rapport preċedenti dwar il-kontenut jew l-azzjoni meħtieġa, hu għandu immedjatament jinforma lill-Istat Membru li għamel ir-rapport preċedenti b'dan. Iż-żewġ Stati Membri għandhom jippruvaw jirrisolvu l-kwistjoni. F'każ ta' diżgwid, ikun validu l-ewwel rapport, iżda dawk l-elementi tar-rapport il-ġdid li mhumiex f'kontradizzjoni mal-ewwel rapport għandhom jiddaħħlu fis-Sistema.

5. Soġġett għal din id-Deċiżjoni, meta, fi kwalunkwe Stat Membru, qorti jew awtorità kompetenti oħra f'dak l-Istat Membru, tieħu deċiżjoni definittiva li timmodifika, tissupplimenta, tirrettifika jew tħassar data fis-Sistema ta' Informazzjoni Doganali, l-Istati Membri jimpenjaw lilhom infushom reċiprokament biex jinfurzaw din id-deċiżjoni. F'każ ta' kunflitt bejn dawn id-deċiżjonijiet ta' qrati jew awtoritajiet kompetenti oħrajn fi Stati Membri differenti, inklużi dawk imsemmijin fl-Artikolu 23(1), dwar ir-rettifika jew it-tħassir, l-Istat Membru li daħħal id-data inkwistjoni għandu jħassarha mis-Sistema.

KAPITOLU V

**ŻAMMA TAD-DATA**

*Artikolu 14*

1. Id-data mdaħħla fis-Sistema ta' Informazzjoni Doganali għandha tinżamm biss għaż-żmien neċessarju biex jinkiseb l-objettiv li għalih kienet iddaħħlet. Il-ħtieġa għaż-żamma tagħha għandha tkun riveduta mill-inqas darba fis-sena mill-Istat Membru fornitur.

(1) ĠU L 138, 4.6.2009, p. 14.

2. L-Istat Membru fornitur jista', fil-perijodu ta' reviżjoni, jiddeċiedi li jżomm din id-data sar-reviżjoni li jkun imiss jekk din iż-żamma hija meħtieġa għall-objettivi li għalihom kienet iddaħħlet. Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 22 u 23, jekk m'hemmx deċiżjoni biex tinżamm din id-data, awtomatikament għandha tkun trasferita għall-parti tas-Sistema ta' Informazzjoni Doganali li għaliha jkun hemm aċċess limitat skont il-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu.

3. Is-Sistema ta' Informazzjoni Doganali għandha tinforma awtomatikament lill-Istat Membru fornitur, dwar it-trasferiment skedat tad-data mis-Sistema ta' Informazzjoni Doganali taħt il-paragrafu 2, u għandha tagħmel dan xahar minn qabel.

4. Id-data trasferita skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandha tibqa' tinżamm għal sena fis-Sistema ta' Informazzjoni Doganali iżda, mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 22 u 23, għandha tkun aċċessibbli biss għal rappreżentant tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 27 jew għall-awtoritajiet superviżorji msemmija fl-Artikolu 24 u 25(1). Matul dak il-perijodu huma jistgħu jikkonsultataw id-data biss għall-finijiet ta' verifika tal-eżattezza u l-legalità tagħha, u wara din id-data trid titħassar.

KAPITOLU VI

## ĦOLQIEN TA' BAŻI TA' DATA TA' IDENTIFIKAZZJONI TA' FAJLS DOGANALI

### *Artikolu 15*

1. Is-Sistema ta' Informazzjoni Doganali għandha tinkludi data skont dan il-Kapitolu, barra d-data li tinkludi skont l-Artikolu 3, f'bażi ta' data speċjali (minn hawn 'il quddiem imsejha "il-bażi ta' data ta' identifikazzjoni ta' fajls doganali"). Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu u tal-Kapitoli VII u VIII, id-dispożizzjonijiet kollha ta' din id-Deċiżjoni għandhom japplikaw ukoll għall-bażi ta' data ta' identifikazzjoni ta' fajls doganali. Madnakollu, l-eċċezzjoni fl-Artikolu 21(2) ma għandhiex tapplika.

2. L-għan tal-bażi ta' data ta' identifikazzjoni ta' fajls doganali għandu jkun li tagħti s-setgħa lill-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għat-tmexxija ta' investigazzjonijiet doganali nominati skont l-Artikolu 7, meta jinfetaħ fajl dwar jew investigazzjoni ta' persuna jew negozju wieħed/waħda jew aktar u għall-Europol u l-Eurojust, biex jidentifikaw l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra li qed jinvestigaw jew li investigaw dawn il-persuni jew negozji, sabiex, permezz tal-informazzjoni dwar l-eżistenza ta' fajls ta' investigazzjoni, jilħqu l-għan imsemmi fl-Artikolu 1(2).

3. Għall-finijiet tal-bażi ta' data ta' identifikazzjoni ta' fajls doganali, kull Stat Membru għandu jibgħat lill-Istati Membri l-oħrajn, lill-Europol, ill-Eurojust u lill-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 27 lista ta' ksur serju tal-liġijiet nazzjonali tiegħu.

Din il-lista għandha tinkludi biss dak il-ksur li hu punibbli:

(a) b'tiċħid tal-libertà jew ordni ta' detenzjoni ta' tul massimu ta' mill-inqas 12-il xahar, jew

(b) b'multa ta' mill-inqas EUR 15 000.

4. Jekk l-Istat Membru li jieħu d-data mill-bażi ta' data ta' identifikazzjoni ta' fajls doganali jeħtieġ aktar informazzjoni dwar il-fajl ta' investigazzjoni maħżun dwar persuna jew negozju, dan għandu jitlob l-assistenza tal-Istat Membru fornitur abbażi tal-istrumenti fis-seħħ relatati mal-assistenza reċiproka.

KAPITOLU VII

## L-OPERAT U L-UŻU TA' BAŻI TA' DATA TA' IDENTIFIKAZZJONI TA' FAJLS DOGANALI

### *Artikolu 16*

1. Id-data minn fajls ta' investigazzjoni ser tiddaħħal fil-bażi ta' data ta' identifikazzjoni ta' fajls doganali unikament għall-finijiet imniżżlin fl-Artikolu 15(2). Id-data għandha tkopri biss il-kategoriji li ġejjin:

(a) persuna jew negozju li huwa jew kien suġġett ta' fajl ta' investigazzjoni miftuħ minn awtorità kompetenti ta' Stat Membru, u li:

   (i) f'konformità mal-liġi nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat, hu suspettat li qed jikkommetti jew ikkommetta, jew qed tipparteċipa jew ipparteċipa fit-twettiq ta' ksur serju tal-liġijiet nazzjonali, jew;

   (ii) kien is-suġġett ta' rapport li jistabbilixxi li dan il-ksur seħħ; jew

   (iii) kien is-suġġett ta' sanzjoni amministrattiva jew legali għal dan il-ksur;

(b) il-qasam ikkonċernat mill-fajl ta' investigazzjoni;

(c) l-isem, in-nazzjonalità u l-informazzjoni fejn tista' tkun ikkuntattjata l-awtorità tal-Istat Membru li tittratta l-każ, flimkien man-numru ta-fajl.

Id-data msemmija fil-punti (a) sa (c) għandha tiddaħħal f'reġistru ta' data separatament għal kull persuna jew negozju. Konnessjonijiet bejn ir-reġistri tad-data m'għandux ikun permess.

2. Id-data personali msemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 1 għandha tikkonsisti biss f'dawn li ġejjin:

(a) għall-persuni: il-kunjom, il-kunjom ta' xebba, l-isem/ismijiet, il-kunjomijiet anterjuri u l-psewdonomi, id-data u l-post tat-twelid, iċ-ċittadinanza u s-sess;

(b) għan-negozji: l-isem tan-negozju, l-isem użat li taħtu jitwettaq il-kummerċ, l-indirizz, l-identifikatur tal-uffiċċju u tal-VAT, in-numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa tas-sisa.

3. Id-data għandha tkun introdotta għal perijodu limitat skont l-Artikolu 19.

*Artikolu 17*

Stat Membru m'għandux ikun obbligat li jintroduċi skont l-Artikolu 16 fi kwalunkwe każ partikolari jekk, u għal dak iż-żmien li, dan jista' jkun ta' ħsara għall-ordni pubbliku jew interessi essenzjali oħra, speċjalment minħabba li dan jippreżenta theddida immedjata u serja għas-sigurtà pubblika tiegħu jew għas-sigurtà pubblika ta' Stat Membru ieħor jew ta' pajjiż terz; jew fejn interessi essenzjali oħrajn ta' importanza ugwali huma involuti; jew fejn tali entrati jistgħu joħolqu dannu serju lid-drittijiet ta' individwi jew jippreġudikaw investigazzjoni li tkun għaddejja.

*Artikolu 18*

1. Id-dħul ta' data fid-bażi ta' data ta' identifikazzjoni ta' fajls doganali u l-konsultazzjoni tagħha għandu jkun eskussivament riżervat għall-awtoritajiet imsemmija fl-Artikolu 15(2).

2. Kull konsultazzjoni li tikkonċerna l-bażi ta' data ta' identifikazzjoni ta' fajls doganali għandha tkopri d-data personali li ġejja:

(a) għall-persuni: l-isem, u/jew il-kunjom, u/jew il-kunjom, u/jew il-kunjom ta' xebba, u/jew il-kunjomijiet preċedenti, u/jew il-psewdonomi, u/jew id-data tat-twelid;

(b) għan-negozji: isem tan-negozju, u/jew l-isem użat li taħtu jitwettaq in-negozju u/jew l-indirizz, u/jew l-identifikatur tal-VAT u/jew in-numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa tas-sisa.

KAPITOLU VIII

**PERIJODU TAŻ-ŻAMMA TAD-DATA FIL-BAŻI TA' DATA TA' IDENTIFIKAZZJONI TA' FAJLS DOGANALI**

*Artikolu 19*

1. L-iskadenzi għaż-żamma tad-data għandhom ikunu determinati skont il-liġijiet, ir-regolamenti u l-proċeduri tal-Istat Membru li jdaħħal id-data. Madankollu, l-iskadenzi li ġejjin, li jibdew mid-data li fiha d-data ddaħħlet fil-fajl, ma jistgħux jinqabżu:

(a) id-data dwar fajls ta' investigazzjoni kurrenti m'għandhiex tinżamm għal iktar minn tliet snin jekk ma kienx stabbilit li kien seħħ ksur f'dak il-periojodu ta' żmien. Id-data għandha titħassar qabel ma jiskadi l-perijodu ta' tlett snin jekk ikunu għaddew 12-il xahar minn l-aħħar att investigattiv;

(b) id-data dwar fajls ta' investigazzjoni li stabbilixxew li seħħ ksur iżda li għadhom ma wasslux għal kundanna jew impożizzjoni ta' multa m'għandhomx jinżammu għal perijodu ta' iktar minn 6 snin;

(c) id-data dwar fajls ta' investigazzjoni li wasslu għal kundanna jew multa m'għandhomx jinżammu għal perijodu ta' iktar minn 10 snin.

2. Fl-istadji kollha ta' investigazzjoni kif imsemmi fil-punti (a) sa (c) tal-paragrafu 1, kif persuna jew negozju fl-ambitu tal-Artikolu 16 jiġi eliminat minn investigazzjoni skont il-liġijiet u r-regolamenti tal-Istat Membru fornitur, kull data konnessa ma' dik il-persuna jew negozju għandha titħassar immedjatament.

3. Id-data għandha titħassar awtomatikament mill-bażi ta' data ta' identifikazzjoni ta' fajls doganali mid-data li fiha jiskadu l-perijodi massimi ta' żmien ta' żamma tad-data stabbiliti fil-paragrafu 1.

KAPITOLU IX

**PROTEZZJONI TAD-DATA PERSONALI**

*Artikolu 20*

Id-Deċiżjoni Qafas 2008/977/ĠAI għandha tapplika għall-protezzjoni tal-iskambju ta' data f'konformità ma' din id-Deċiżjoni sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 21*

1. Id-data tista' tkun idduplikata biss għal raġunijiet tekniċi, sakemm tali dupplikazzjoni tkun meħtieġa għal finijiet ta' tiftix ta' informazzjoni mwettaq mill-awtoritajiet imsemmija fl-Artikolu 7.

2. Bla ħsara għall-Artikolu 8(1), id-data personali imdaħħla minn Stati Membri oħra ma tistax tkun ikkuppjata mis-Sistema ta' Informazzjoni Doganali għal fajls oħra ta' data nazzjonali ħlief fil-każ ta' kopji fis-sistemi ta' ġestjoni tar-riskju użati biex jorjentaw il-kontrolli doganali fil-livell nazzjonali jew fil-każ ta' kopji fis-sistema ta' analiżi operattiva użati biex l-azzjonijiet ikunu kkoordinati. Tali kopji jistgħu jsiru sal-punt meħtieġ għal każijiet jew investigazzjonijiet speċifiċi.

3. Fiż-żewġ każijiet eċċezzjonali msemmijin fil-paragrafu 2, huma biss l-analisti awtorizzati mill-awtoritajiet nazzjonali ta' kull Stat Membru li għandu jkollhom is-setgħa li jipproċessaw id-data personali miksuba mis-Sistema ta' Informazzjoni Doganali fil-qafas ta' sistema ta' ġestjoni tar-riskju użata mill-awtoritajiet nazzjonali għat-twettiq ta' kontrolli doganali jew ta' sistema ta' analiżi operattiva użata għall-koordinazzjoni tal-azzjonijiet.

4. Kull Stat Membru għandu jibgħat lil Stati Membri oħra u lill-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 27 lista tad-dipartimenti tal-ġestjoni tar-riskju li l-analisti tagħhom huma awtorizzati li jikkupjaw u jipproċessaw id-data personali mdaħħla fis-Sistema ta' Informazzjoni Doganali.

5. Id-data personali kkupjata mis-Sistema ta' Informazzjoni Doganali għandha tinżamm biss għat-tul ta' żmien meħtieġ biex jintlaħaq l-għan li għalih tkun ġiet ikkupjata. Il-ħtieġa taż-żamma tagħha għandha tkun riveduta mill-anqas darba kull sena mill-Istat Membru li jkun ikkupjaha. L-iskadenza għall-ħżin ma tistax taqbeż l-għaxar snin. Id-data personali li mhix meħtieġa għat-tkomplija tal-analiżi operattiva għandha titħassar minnufih jew jitneħħa kwalunkwe fattur ta' identifikazzjoni.

*Artikolu 22*

Id-drittijiet ta' persuni fir-rigward tad-data personali fis-Sistema ta' Informazzjoni Doganali, b'mod partikolari d-dritt tagħhom għal aċċess, rettifika, tħassir jew imblukkar għandu jiġi eżerċitat f'konformità mal-liġijiet, ir-regolamenti u l-proċeduri tal-Istat Membru li jimplimenta d-Deċiżjoni Qafas 2008/977/ĠAI fejn huma invokati dawn id-drittijiet. L-aċċess għandu jkun miċħud sal-punt li fih tali ċaħda tkun neċessarja u proporzjonata biex ma tiġi mxikla ebda investigazzjoni nazzjonali kurrenti, jew matul il-perijodu ta' sorveljanza diskreta jew ta' lemħ u rappurtar. Meta ssir valutazzjoni tal-applikabbiltà ta' eżenzjoni, għandu jittieħed kont tal-interessi leġittimi tal-persuna kkonċernata.

*Artikolu 23*

1. Fit-territorju ta' kull Stat Membru, kwalunkwe persuna tista', skont il-liġijiet, ir-regolamenti u l-proċeduri tal-Istati Membru in kwistjoni, tressaq azzjoni jew, jekk adatt, tressaq talba quddiem il-qrati jew l-awtorità kompetenti taħt il-liġijiet, ir-regolamenti u l-proċeduri ta' dak l-Istat Membru dwar data personali dwarha stess fis-Sistema ta' Informazzjoni Doganali, biex:

(a) tirrettifika jew tħassar data personali fattwalment mhux eżatta;

(b) tirrettifika jew tħassar data personali mdaħħla jew maħżuna fis-Sistema ta' Informazzjoni Doganali opposta għal din id-Deċiżjoni;

(c) tikseb aċċess għal data personali;

(d) timblokka data personali;

(e) tikseb kumpens skont l-Artikolu 30(2).

2. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 31, l-Istati Membri kkonċernati reċiprokament jimpenjaw ruħhom li jinfurzaw id-deċiżjonijiet finali li ttieħdu minn qorti, jew awtorità kompetenti oħra, skont il-punti (a) sa (c) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

*Artikolu 24*

Kull Stat Membru għandu jinnomina awtorità nazzjonali ta' sorveljanza jew awtoritajiet responsabbli għall-protezzjoni tad-data biex iwettqu sorveljanza indipendenti ta' tali data inkluża fis-Sistema ta' Informazzjoni Doganali f'konformità mad-Deċiżjoni Qafas 2008/977/ĠAI.

*Artikolu 25*

1. Għandha tiġi stabbilita Awtorità ta' Sorveljanza Konġunta, komposta minn żewġ rappreżentanti mill-awtorità jew awtoritajiet nazzjonali ta' sorveljanza indipendenti ta' kull wieħed mill-Istati Membri.

2. L-Awtorità ta' Sorveljanza Konġunta għandha tissorvelja u tiżgura l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni u d-Deċiżjoni Qafas 2008/977/ĠAI fejn jikkonċerna l-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni Doganali.

3. Għal dan l-għan, l-Awtorità ta' Sorveljanza Konġunta għandha tkun kompetenti biex tissorvelja t-tħaddim tas-Sistema ta' Informazzjoni Doganali, biex teżamina kwalunkwe diffikultà ta' applikazzjoni jew interpretazzjoni li tista' tinqala' waqt it-tħaddim tagħha, biex tistudja problemi li jistgħu jinqalgħu dwar l-eżerċizzju ta' sorveljanza indipendenti mill-awtoritajiet nazzjonali ta' sorveljanza tal-Istati Membri, jew fl-eżerċizzju ta' drittijiet ta' aċċess minn individwi għas-Sistema, u tfassal proposti sabiex jinstabu soluzzjonijiet konġunti għall-problemi.

4. Biex teżerċita r-responsabbiltajiet tagħha, l-Awtorità ta' Sorveljanza Konġunta għandu jkollha aċċess għas-Sistema ta' Informazzjoni Doganali.

5. Rapporti mfassla mill-Awtorità ta' Sorveljanza Konġunta għandhom jintbagħtu lill-awtoritajiet li lilhom l-awtoritajiet nazzjonali ta' sorveljanza jibagħtu r-rapporti tagħhom, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

*Artikolu 26*

1. Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data għandu jissorvelja l-attivitajiet tal-Kummissjoni fir-rigward tas-Sistema ta' Informazzjoni Doganali. Id-dmirijiet u s-setgħat imsemmija fl-Artikoli 46 u 47 tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data [1] għandhom għaldaqstant japplikaw.

2. L- Awtorità ta' Sorveljanza Konġunta u l-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data, kull wieħed jaġixxi fil-kamp ta' applikazzjoni tal-kompetenzi rispettivi tiegħu, għandhom jikkooperaw fil-qafas tar-responsabbiltajiet tagħhom u għandhom jiżguraw superviżjoni koordinata tas-Sistema ta' Informazzjoni Doganali, inkluż għall-ħruġ ta' rakkomandazzjonijiet relevanti.

3. L- Awtorità ta' Sorveljanza Konġunta u l-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data, għandhom jiltaqgħu għal dak il-fini mill-inqas darba fis-sena. L-ispejjeż u s-servizzi ta' appoġġ ta' dawn il-laqgħat għandhom jithallsu mill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data.

---

[1] ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.

KAPITOLU X

**QAFAS ISTITUZZJONALI**

*Artikolu 27*

1. Għandu jiġi stabbilit Kumitat li jikkonsisti minn rappreżentanti mill-amministrazzjonijiet doganali tal-Istati Membri. Il-Kumitat għandu jieħu d-deċiżjonijiet tiegħu b'mod unanimu fejn jikkonċerna d-dispożizzjonijiet tal-punt (a) tal-paragrafu 2 u b'maġġoranza ta' żewġ terzi fejn jikkonċerna d-dispożizzjonijiet tal-punt (b) tal-paragrafu 2. Hu għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu b'unanimità.

2. Il-Kumitat għandu jkun responsabbli:

(a) għall-implimentazzjoni u l-applikazzjoni korretta ta' din id-Deċiżjoni, mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-awtoritajiet imsemmija fl-Artikoli 24, 25(1) u 26;

(b) għall-funzjonament tajjeb tas-Sistema ta' Informazzjoni Doganali, rigward l-aspetti tekniċi u operattivi. Il-Kumitat għandu jieħu l-passi neċessarji biex jiżgura li l-miżuri stabbiliti fl-Artikoli 14 u 28 jiġu implementati tajjeb fir-rigward tas-Sistema ta' Informazzjoni Doganali.

Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, il-Kumitat jista' jkollu aċċess dirett għal, u użu ta' data mis-Sistema ta' Informazzjoni Doganali.

3. Il-Kumitat għandu jirrapporta kull sena lill-Kunsill, skont it-Titolu VI tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dwar l-effiċjenza u l-effettività tas-Sistema ta' Informazzjoni Doganali, u jagħmel rakkomandazzjonijiet kif meħtieġ. Dak ir-rapport għandu jintbagħat lill-Parlament Ewropew għal informazzjoni.

4. Il-Kummissjoni għandha tieħu sehem fil-proċedimenti tal-Kumitat.

KAPITOLU XI

**SIGURTÀ TAS-SISTEMA TA' INFORMAZZJONI DOGANALI**

*Artikolu 28*

1. Għandhom jittieħdu l-miżuri amministrattivi meħtieġa kollha biex tinżamm is-sigurtà:

(a) mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri dwar it-terminals ta' Sistema ta' Informazzjoni Doganali li jinsabu fl-Istati rispettivi tagħhom u mill-Europol u l-Eurojust;

(b) mill-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 27 dwar is-Sistema ta' Informazzjoni Doganali u t-terminals li jinsabu fl-istess postijiet tas-Sistema u li huma użati għal finijiet tekniċi u l-ispezzjonijiet meħtieġa fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.

2. B'mod partikolari l-awtoritajiet kompetenti, l-Europol, l-Eurojust u l-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 27 għandhom jieħdu miżuri biex:

(a) jipprevjenu kwalunkwe persuna mhux awtorizzata milli jkollha aċċess għall-installazzjonijiet użati għall-ipproċessar tad-data;

(b) jipprevjenu data u mezzi li jwasslu d-data milli jinqraw, ikunu kkupjati, immodifikati jew imħassra minn persuni mhux awtorizzati;

(c) jipprevjenu d-dħul mhux awtorizzat ta' data kif ukoll kull konsultazzjoni, modifika jew tħassir mhux awtorizzati tad-data;

(d) jipprevjenu li jkun hemm aċċess għal data fis-Sistema ta' Informazzjoni Doganali minn persuni mhux awtorizzati permezz ta' apparat ta' trasmissjoni tad-data;

(e) jiggarnatixxu li, b'rispett għall-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni Doganali, persuni awtorizzati għandhom dritt ta' aċċess biss għal data li dwarha għandhom kompetenza;

(f) jiggarantixxu li jkun possibbli li jkun spezzjonat u stabbilit liema awtoritajiet jistgħu jirċievu data b'apparat ta' trasmissjoni tad-data;

(g) jiggarantixxu li jkun possibbli li jkun sorveljat u stabbilit a posteriori liema data ġiet imdaħħla fis-Sistema ta' Informazzjoni Doganali, meta u minn min, u biex tkun sorveljata l-interrogazzjoni;

(h) jipprevjenu kull qari, ikkupjar, immodifikar jew tħassir mhux awtorizzat ta' data waqt it-trasmissjoni tad-data u t-trasport tal-mezzi li jwasslu d-data.

3. Il-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 27 għandu jissorvelja l-mistoqsijiet tas-Sistema ta' Informazzjoni Doganali għall-fini ta' sorveljanza li r-riċerki li saru kienu permessi u li saru minn utenti awtorizzati. Mill-inqas 1 % tar-riċerki kollha għandhom jiġu ċċekjati. Għandu jinżamm rekord ta' dawn ir-riċerki u ta' dan l-iċċekjar fis-Sistema u dan għandu jintuża biss għall-iskop imsemmi hawn fuq minn dak il-Kumitat u mill-awtoritajiet ta' sorveljanza msemmija fl-Artikoli 24 u 25. Dan għandu jitħassar wara sitt xhur.

*Artikolu 29*

L-amministrazzjoni doganali kompetenti msemmija fl-Artikolu 10(1) għandha tkun responsabbli għall-miżuri ta' sigurtà mniżżlin fl-Artikolu 28, rigward it-terminals allokati fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat, il-funzjonijiet ta' reviżjoni mniżżlin fl-Artikolu 14(1) u (2) u l-Artikolu 19, kif ukoll, barra minn hekk, għall-applikazzjoni korretta ta' din id-Deċżjoni safejn huwa meħtieġ skont il-liġijiet, ir-regolamenti u l-proċeduri ta' dak l-Istat Membru.

KAPITOLU XII

**RESPONSABBILTAJIET U OBBLIGI**

*Artikolu 30*

1. Kull Stat Membru għandu jiżgura li d-data li huwa jkun daħħal fis-Sistema ta' Informazzjoni Doganali f'konformità mal-Artikoli 3, 4(1) u 8 tad-Deċiżjoni Qafas 2008/977/ĠAI hija preċiża, aġġornata, kompleta, affidabbli u mdaħħla legalment.

2. Kull Stat Membru għandu jkun responsabbli skont il-liġi nazzjonali tiegħu għal kwalunkwe dannu kkawżat lil persuna minħabba l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni Doganali. Dan għandu japplika wkoll għal dannu kkawżat minn Stat Membru li jdaħħal data mhux preċiża jew li jdaħħal jew jaħżen data illegalment.

3. Jekk Stat Membru riċevitur iħallas kumpens għal dannu kkawżat mill-użu ta' data mhux preċiża mdaħħla fis-Sistema ta' Informazzjoni Doganali minn Stat Membru ieħor, dan l-aħħar Stat Membru għandu jħallas lura lill-Istat Membru riċevitur l-ammont imħallas f'danni, b'kont meħud ta' kwalunkwe tort li jista' jkollu l-Istat Membru riċevitur.

4. L-Europol u l-Eurojust għandhom ikunu responsabbli skont l-atti li stabbilewhom.

*Artikolu 31*

1. L-ispejjeż marbutin mal-akkwist, l-istudju, l-iżvilupp u l-manutenzjoni tal-infrastruttura informatika ċentrali (hardware), is-software u l-konnessjonijiet ta' netwerks ddedikati, u marbutin ma' servizzi ta' produzzjoni, appoġġ u taħriġ, li ma jistgħux jinfirdu mill-tħaddim tas-Sistema ta' Informazzjoni Doganali għall-fini tal-applikazzjoni tar-regoli doganali u agrikoli tal-Komunità, kif ukoll l-ispejjeż marbutin mal-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni Doganali mill-Istati Membri fit-territorji tagħhom, inklużi spejjeż ta' komunikazzjoni għandhom jinġarru mill-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej.

2. L-ispejjeż relatati mal-manteniment tal-istazzjonijiet/terminals nazzjonali ta' ħidma involuti fl-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni għandhom jinġarru mill-Istati Membri.

KAPITOLU XIII

**IMPLIMENTAZZJONI U DISPOŻIZZJONIJIET FINALI**

*Artikolu 32*

L-informazzjoni fornuta kif previst f'din id-Deċiżjoni għandha tkun skambjata direttament bejn l-awtoritajiet tal-Istati Membri.

*Artikolu 33*

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-liġi nazzjonali tagħhom hija konformi ma' din id-Deċiżjoni sas-27 ta' Mejju 2011.

*Artikolu 34*

1. Din id-Deċiżjoni tissostitwixxi l-Konvenzjoni SID, kif ukoll il-Protokoll tat-12 ta' Marzu 1999 magħmul fuq bażi tal-Artikolu K.3 tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea dwar il-kamp ta' applikazzjoni ta' laundering minn rikavati fil-Konvenzjoni dwar l-użu tat-teknoloġija tal-informatika għall-finijiet doganali u l-inklużjoni tan-numru tar-reġistrazzjoni tal-mezzi ta' trasport fil-Konvenzjoni ([1]) u l-Protokoll tat-8 ta' Mejju 2003 stabbilit skont l-Artikolu 34 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, li jemenda, f'dak li jirrigwarda l-ħolqien ta' database ta' identifikazzjoni ta' fajls doganali, il-Konvenzjoni dwar l-użu tat-teknoloġija tal-informatika għall-finijiet doganali ([2]), b'effet mis-27 ta' Mejju 2011.

2. Konsegwentement, il-Konvenzjoni SID u l-Protokolli msemmijin fil-paragrafu 1 għandhom jiġu mħassra b'effett mid-data tal-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 35*

Sakemm mhuwiex previst mod ieħor f'din id-Deċiżjoni, il-miżuri ta' implimentazzjoni tal-Konvenzjoni SID u l-protokolli msemmija fl-Artikolu 34(1) għandhom jiġu mħassra b'effett mis-27 ta' Mejju 2011.

*Artikolu 36*

1. Din id-Deciżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

2. Hija għandha tapplika mis-27 ta' Mejju 2011.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Novembru 2009.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

B. ASK

([1]) ĠU C 91, 31.3.1999, p. 2.
([2]) ĠU C 139, 13.6.2003, p. 2.

IV

*(Atti oħrajn)*

# ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

# AWTORITÀ TA' SORVELJANZA EFTA

## DEĊIŻJONI TAL-AWTORITÀ TA' SORVELJANZA TAL-EFTA

**Nru 28/08/COL**

**tat-23 ta' Jannar 2008**

**dwar l-Iskema tal-Injam ("Verdiskapningsprogrammet for tre") (In-Norveġja)**

L-AWTORITÀ TA' SORVELJANZA TAL-EFTA [1],

Wara li kkunsidrat il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea [2], b'mod partikolari l-Artikoli 61 sa 63 u l-Protokoll 26 tiegħu,

Wara li kkunsidrat il-Ftehim bejn l-Istati tal-EFTA dwar l-Istabbiliment ta' Awtorità ta' Sorveljanza u Qorti tal-Ġustizzja [3], b'mod partikolari l-Artikolu 24 tiegħu,

Wara li kkunsidrat l-Artikolu 1(2) tal-Parti I u l-Artikoli 4(4), 6, 7(5), 13 u 14 tal-Parti II tal-Protokoll 3 għall-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti,

Wara li kkunsidrat il-Linji Gwida tal-Awtorità dwar l-Għajnuna mill-Istat [4] dwar l-applikazzjoni u l-interpretazzjoni tal-Artikoli 61 u 62 tal-Ftehim taż-ŻEE, b'mod partikolari t-taqsimiet dwar l-għajnuna reġjonali u l-għajnuna għar-riċerka u l-iżvilupp,

Wara li kkunsidrat ir-Regolamenti ta' eżenzjoni ta' kategorija dwar l-għajnuna għat-taħriġ u dwar l-għajnuna għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju ("SME") kif ukoll ir-Regolament dwar l-għajnuna *de minimis* [5],

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni Nru 147/06/COL tal-Awtorità tas-17 ta' Mejju 2006 sabiex jingħata bidu għall-proċedura ta' investigazzjoni formali pprovduta fl-Artikolu 1(2) tal-Parti I tal-Protokoll 3 għall-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti,

Wara li stiednet lill-partijiet interessati biex iressqu l-kummenti tagħhom skond l-Artikolu 6 tal-Parti II tal-Protokoll 3 għall-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti, [6]

(1) Minn hawn 'il quddiem se tissejjaħ "l-Awtorità".
(2) Minn hawn 'il quddiem se jissejjaħ "il-Ftehim taż-ŻEE".
(3) Minn hawn 'il quddiem se jissejjaħ "il-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti".
(4) Regoli Proċedurali u Sostantivi fil-Qasam tal-Għajnuna mill-Istat – Il-Linji Gwida dwar l-applikazzjoni u l-interpretazzjoni tal-Artikoli 61 u 62 tal-Ftehim taż-ŻEE u tal-Artikolu 1 tal-Parti I tal-Protokoll 3 għall-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti, adottati u maħruġa mill-Awtorità fid-19 ta' Jannar 1994, ippubblikati fil-ĠU L 231, 3.9.94, p. 1, Suppliment taż-ŻEE Nru 32, 3.9.1994, p. 1. Il-Linji Gwida kienu emendati l-aħħar bid-Deċiżjoni Nru 154/07/COL tal-Awtorità tat-3 ta' Mejju 2007. Minn hawn 'il quddiem se jissejħu il-"Linji Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat".
(5) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 68/2001 tat-12 ta' Jannar 2001 dwar it-tħaddim tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-UE dwar l-għajnuna għat-taħriġ (ĠU L 10, 13.1.2001, p. 20); Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 70/2001 tat-12 ta' Jannar 2001 dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 87 u 88 tat-Trattat tal-KE għall-għajnuna tal-Istat lill-impriżi żgħar u ta' daqs medju (ĠU L 10, 13.1.2001, p. 33); u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1998/2006 tal-15 ta' Diċembru 2006 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat dwar l-għajnuna *de minimis* (ĠU L 379, 28.12.2006, p. 5). Dan ir-Regolament tal-aħħar jissostitwixxi r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 69/2001 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE rigward għajnuna *de minimis* (ĠU L 10, 13.1.2001, p. 30) u l-Kapitolu 12 fil-Linji Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat (adottati bid-Deċiżjoni Nru 54/96/COL tal-Awtorità tal-15 ta' Mejju 1996, ĠU L 245, 26.9.1996, p. 28). Ir-Regolamenti kollha li ssemmew aktar 'il fuq ġew inkorporati fl-Anness 15 għall-Ftehim taż-ŻEE (fil-punti 1(d)-(f)).
(6) ĠU C 272, 9.11.2006, p. 19, u s-Suppliment taż-ŻEE Nru 55, 9.11.2006.

Billi:

# I. IL-FATTI

## 1. Il-proċedura

B'ittra li ġġib id-data tal-1 ta' Frar 2005 (Avveniment nru: 307555) l-Awtorità rċeviet ilment (l-"Ilment") minn assoċjazzjoni kummerċjali għall-industrija Norveġiża tal-ġebel u tal-konkrit, "*byggutengrenser.no*" (l-"Entità li qed tagħmel l-ilment"). Fl-Ilment, li kien kemm riċevut kif ukoll irreġistrat mill-Awtorità fit-3 ta' Frar 2005, l-Entità li qed tagħmel l-ilment tallega li l-Istat Norveġiż qed jagħti għajnuna mill-Istat lill-industrija tal-kostruzzjoni bl-injam fuq il-bażi ta' "*Verdiskapningsprogrammet for tre*", li jissejjaħ ukoll "*Treprogrammet*" (li minn hawn 'il quddiem se jissejjaħ l-"Iskema tal-Injam").

B'ittra li ġġib id-data tas-17 ta' Mejju 2006 u wara diversi skambji ta' korrispondenza ([7]), l-Awtorità informat lill-awtoritajiet Norveġiżi li, fir-rigward tal-Iskema tal-Injam, kienet iddeċidiet li tagħti bidu għall-proċedura stabbilita fl-Artikolu 1(2) tal-Parti I tal-Protokoll 3 għall-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti.

B'ittra li ġġib id-data tat-3 ta' Lulju 2006 mill-Missjoni tan-Norveġja għall-Unjoni Ewropea, li inkludiet ittri mibgħuta mill-Ministeru tal-Amministrazzjoni u tar-Riforma Governattivi u mill-Ministeru tal-Agrikoltura u tal-Ikel, it-tnejn li huma jġibu d-data tas-26 ta' Ġunju 2006, l-awtoritajiet Norveġiżi ressqu xi kummenti. L-Awtorità rċeviet u rreġistrati l-ittri kienu fl-4 ta' Lulju 2006 (Avveniment Nru: 380386, li minn hawn 'il quddiem se jissejħu il-"Kummenti mill-awtoritajiet Norveġiżi dwar id-Deċiżjoni sabiex jingħata bidu għall-proċedura ta' investigazzjoni formali").

Id-Deċiżjoni Nru 147/06/COL biex jingħata bidu għall-proċedura ta' investigazzjoni formali kienet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment taż-ŻEE tiegħu. ([8]) L-Awtorità stiednet lill-partijiet interessati biex iressqu l-kummenti tagħhom. L-Awtorità ma rċeviet l-ebda kumment mingħand partijiet interessati.

Fl-aħħarnett, matul il-Ħarifa tal-2007, l-Awtorità u l-awtoritajiet Norveġiżi kellhom kuntatt informali permezz kemm tat-telefown kif ukoll tal-posta elettronika rigward l-Iskema tal-Injam. L-informazzjoni li rċeviet l-Awtorità f'dan il-kuntest kienet ikkonsolidata mill-awtoritajiet Norveġiżi f'ittra li ntbagħtet elettronikament fl-10 ta' Diċembru 2007 mill-Ministeru tal-Amministrazzjoni u tar-Riforma Governattivi (Avveniment nru: 456845).

## 2. Deskrizzjoni tal-miżura proposta

### 2.1. *L-għan u l-amministrazzjoni tal-Iskema tal-Injam deskritti f'xogħlijiet leġiżlattivi preparatorji*

Il-White Paper tal-1998-99

L-għan tal-Iskema tal-Injam ġie stabbilit f'*White Paper* mill-Gvern lill-Parlament dwar il-ħolqien ta' valur u ta' opportunitajiet fis-settur forestali (St. meld. nr. 17 (1998-99 "*Verdiskapning og miljø – muligheter i skogssektoren*") – li minn hawn 'il quddiem se tissejjaħ il-"*White Paper*").

L-għan tal-*White Paper* huwa li tistabbilixxi politika ġenerali għal użu razzjonali u sostenibbli tar-riżorsi forestali u li żżid il-kontribut tas-settur forestali għall-ekonomija nazzjonali u għall-iżvilupp ġenerali tas-soċjetà Norveġiża. Il-*White Paper* ipproponiet l-introduzzjoni ta' diversi miżuri sabiex tintlaħaq din il-mira – waħda minnhom kienet l-Iskema tal-Injam. F'dan ir-rigward, il-*White Paper* ipproponiet l-istabbiliment ta' skema ta' ħames snin bil-għan li toħloq valur fis-settur tax-xogħol tal-injam u fin-negozju tal-ipproċessar (tal-injam). B'mod aktar speċifiku, il-*White Papers* stipulat li l-għan tal-Iskema tal-Injam għandu jkun li żżid il-ħolqien ta' valur fil-foresterija u fin-negozju tal-ipproċessar (tal-injam), kif ukoll li żżid il-kontribut tas-settur forestali sabiex jintlaħqu mudelli ta' produzzjoni u ta' konsum aktar sostenibbli. ([9]) F'dak ir-rigward, l-attenzjoni tal-Iskema tal-Injam għandha tkun iffokata fuq (i) it-titjib tal-ipproċessar tax-xogħol tal-injam; (ii) iż-żieda fl-użu tax-xogħol tal-injam; u (iii) it-titjib tar-relazzjonijiet fuq livelli differenti tal-kummerċ bejn is-settur forestali u s-suq. ([10]) Il-*White Paper* iddikjarat ukoll li l-iskema l-ġdida għandha tiffoka fuq l-identifikazzjoni tal-possibbiltajiet fl-oqsma tal-iżvilupp u tad-disinn tal-prodotti u tal-arkitettura u li l-iskema għandha tiftaħ it-triq sabiex ix-xogħol tal-injam jkun jista' jitqies bħala materjal għall-bini attraenti b'firxa wiesgħa ta' użi. ([11]) Fl-aħħarnett, fuq livell aktar ġenerali, il-*White Paper* ġibdet l-attenzjoni għall-fatt li l-għan li jiżdied il-valur fin-negozju tal-ipproċessar għax-xogħol tal-injam għandu jintlaħaq f'ambitu domestiku. ([12])

Rakkomandazzjoni (1998-1999) u Rapport ta' Grupp ta' Ħidma

Il-qafas għall-istabbiliment tal-Iskema tal-Injam kien stabbilit f'aktar dettall f'rakkomandazzjoni minn kumitat permanenti Parlamentari indirizzata lill-Parlament (Innst. S. nr. 208 (1998-1999)), li ġġib id-data tat-3 ta'Ġunju 1999 (li minn hawn 'il quddiem se tissejjaħ ir-"Rakkomandazzjoni"). Ir-Rakkomandazzjoni tissuġġerixxi li għandu jiġi stabbilit grupp ta' ħidma sabiex ikunu identifikati l-istrateġiji kif ukoll il-ħtiġiet implimentattivi u ta' finanzjament tal-iskema l-ġdida.

Ftit wara, f'Lulju 1999, kien stabbilit "Grupp ta' Ħidma", magħmul, partikolarment, minn rappreżentanti mill-Ministeru tal-Agrikoltura, minn assoċjazzjonijiet kummerċjali għas-sidien tal-foresti u għall-produtturi tal-injam, minn istituzzjonijiet ta' riċerka u żvilupp kif ukoll minn rappreżentanti mis-settur tal-kummerċ bl-imnut. Fl-14 ta' April 2000 il-Grupp ta' Ħidma ħareġ rapport (ir-"Rapport tal-Grupp ta' Ħidma") dwar il-kontenut, l-organizzazzjoni u l-finanzjament tal-Iskema tal-Injam.

([7]) Għal informazzjoni aktar dettaljata dwar tali korrispondenza, qed issir referenza għad-Deċiżjoni Nru 147/06/COL biex jingħata bidu għall-proċedura ta' investigazzjoni formali, li sommarju tagħha qed jiġi ppubblikat fil-ĠU C 272, 9.11.2006, p. 19, u fis-Suppliment taż-ŻEE Nru 55, 9.11.2006. Id-deċiżjoni sħiħa qed tiġi ppubblikata fuq is-sit web tal-Awtorità: www.eftasurv.int

([8]) Id-dettalji tal-pubblikazzjoni huma ċċitati fin-nota ta' qiegħ il-paġna 7 t'aktar 'il fuq.

([9]) It-Taqsima 7.3.3 tal-*White Paper*.

([10]) It-Taqsima 7.3.3 tal-*White Paper*.

([11]) It-Taqsima 2.4.1 tal-*White Paper*.

([12]) It-Taqsima 6.1.1 tal-*White Paper*. Rigward l-attenzjoni ffokata fuq l-industrija Norveġiża, it-Taqsima 6.1.1 tal-*White Paper* tiddikjara wkoll (traduzzjoni tal-Awtorità): "Sabiex jiżdied il-ħolqien ta' valur, huwa importanti li jitqiesu kemm il-possibbiltà li jitnaqqsu l-ispejjeż fuq il-livell tal-ipproċessar u tal-bejgħ kif ukoll dak li jiġu miżjuda u jittejbu l-użu/esplojtazzjoni tax-xogħol tal-injam prodott fin-Norveġja."

Ir-Rapport tal-Grupp ta' Ħidma jfakkar il-miri u l-għanijiet tal-Iskema tal-Injam li jissemmew fil-*White Paper*. Ir-Rapport tal-Grupp ta' Ħidma jispeċifika wkoll li l-iskema għandha tkun limitata għall-katina tal-ipproċessar bejn is-settur forestali u l-industrija tal-ipproċessar mekkaniku tal-injam imma għandha tinkludi wkoll il-provvista tal-materja prima lill-industrija tal-ipproċessar tal-injam (eż. biex tittejjeb l-kwalità, għal preċiżjoni u għal konsenji affidabbli). [13] Ir-Rapport tal-Grupp ta' Ħidma jiddikjara wkoll li huwa għan li l-Iskema tal-Injam tkun iffokata fuq ir-riżorsi tal-injam Norveġiżi u li t-titjib isir fin-negozju Norveġiż tal-ipproċessar (tal-injam).

Ir-Rapport tal-Grupp ta' Ħidma jipproponi li r-responsabbiltà għall-amministrazzjoni u għall-implimentazzjoni tal-Iskema tal-Injam ikunu f'idejn (i) "*Statens nærings- og distriktsutviklingsfond*", li ġeneralment tissejjaħ "*SND*" (li mill-1 ta' Jannar 2004 kienet organizzata mill-ġdid u ngħatat isem ġdid, jiġifieri "*Innovasjon Norge*"); u (ii) grupp ta' ġestjoni (il-"Grupp ta' Ġestjoni"), magħmul minn rappreżentanti minn diversi ministeri u tal-operaturi tas-suq, maħtura mill-Ministeru tal-Agrikoltura. [14]

Skond ir-Rapport tal-Grupp ta' Ħidma, fuq livell prattiku, il-kompiti tal-Grupp ta' Ġestjoni għandhom jiffokaw fuq l-evalwazzjoni u l-iżvilupp tal-iskema (inkluż li jkun żgurat involviment mill-katina ta' valur u jiġi vverifikat li l-attivitajiet jikkorrispondu għall-għan u għall-istrateġiji tal-iskema) filwaqt li Innovasjon Norge għandha tkun l-entità responsabbli għall-implimentazzjoni tal-iskema. [15] Għal dak il-għan, Innovasjon Norge kienet awtorizzata tapprova u talloka l-finanzjament kollu fl-iskema.

Waqt il-proċedura ta' investigazzjoni formali, l-awtoritajiet Norveġiżi għamluha ċara li l-prinċipji sottostanti r-rutini ġenerali ta' ħidma ta' Innovasjon Norge (sabiex ikunu amministrati skemi oħra ta' għajnuna) kienu applikati fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-Iskema tal-Injam. [16] Għalhekk Innovasjon Norge tat għotjiet taħt l-Iskema tal-Injam fuq il-bażi ta' (i) il-"Politika Superjuri" ta' Innovasjon Norge; [17] (ii) il-Linji Gwida Interni taż-ŻEE ta' Innovasjon Norge; (iii) l-ewwel ittra annwali ta' allokazzjoni mill-Ministeru tal-Agrikoltura; [18] (iv) il-proċeduri ġenerali fil-Ktieb tal-Istruzzjonijiet għal persuni li qed jimmaniġġjaw il-każi ta' Innovasjon Norge; u (v) il-Linji Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat tal-Awtorità. [19] Minn perspettiva prattika, l-aktar importanti minn dawn huma l-prinċipji stabbiliti fil-Linji Gwida Interni taż-ŻEE, li wkoll jifformaw il-bażi tal-maġġoranza vasta tal-kummenti li għaddew l-awtoritajiet Norveġiżi.

Il-Linji Gwida Interni taż-ŻEE ġew żviluppati minn Innovasjon Norge fuq il-bażi tal-iskemi tal-għajnuna eżistenti Norveġiżi amministrati minnha. Dawn jinkludu spjegazzjoni tal-kunċett ta' għajnuna mill-Istat fit-tifsira tal-Artikolu 61(1) tal-Ftehim ŻEE, siltiet mil-Linji Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat u mir-regoli dwar l-għajnuna *de minimis* kif ukoll tabella li tistabbilixxi l-intensitajiet tal-għajnuna għall-iskemi eżistenti. [20] Il-Linji Gwida Interni taż-ŻEE ġew kontinwament aġġornati u għalhekk quddiem l-Awtorità tressqu ħames verżjonijiet differenti. [21]

L-awtoritajiet Norveġiżi ddikjaraw li filwaqt li r-Rapport tal-Grupp ta' Ħidma ma jinkludix kundizzjonijiet li jridu jiġu sodisfatti sabiex il-proġetti jkunu eliġibbli għal sostenn, tali kundizzjonijiet ġew żvilpati fil-Linji Gwida Interni taż-ŻEE. Filwaqt li fir-Rapport tal-Grupp ta' Ħidma mhemm l-ebda referenza espliċita għal-Linji Gwida Interni taż-ŻEE, l-awtoritajiet Norveġiżi ddikjaraw li r-referenza fir-Rapport tal-Grupp ta' Ħidma għall-istabbiliment ta' "*prinċipji u prattiki*" (fil-limiti tad-dritt taż-ŻEE) sabiex tkun implimentata l-Iskema tal-Injam għandha tinftiehem

(13) It-Taqsima 1.4 tar-Rapport tal-Grupp ta' Ħidma tiddikjara li l-Iskema tal-Injam ma tkoprix il-kultura, l-infrastruttura, it-trasport, l-oqsma u l-prodotti forestali għal finijiet ta' dekorazzjoni ekoloġika u ta' bijo-enerġija li l-Gvern għandu jindirizzahom permezz ta' miżuri oħrajn. It-Taqsima 2.1 tar-Rapport tal-Grupp ta' Ħidma tiddefinixxi l-katina tal-valuri bbażata fuq il-foresti (jew fuq is-settur forestali) bħala l-operaturi kollha involuti miz-zokk sa l-utent aħħari. "Foresta" tkopri l-lat tal-provvista (is-sidien tal-foresti u l-assoċjazzjonijiet tagħhom) u l-livell kummerċjali (l-intraprendituri forestali, inkluż it-trasport tal-ħamrija, il-kejl tal-injam ippreparat u l-fatturat, ix-xogħol tal-kultura forestali, l-ippjanar operattiv, eċċ.). "Produzzjoni" tkopri l-ipproċessar kollu tal-injam ippreprat fi prodotti adattati għall-utenti aħħarija imma b'attenzjoni ffokata fuq il-katina tal-ipproċessar mekkaniku tal-injam (li tkopri x-xogħol tradizzjonali fis-segeriji u fil-karpenterija u l-ipproċessar ulterjuri f'bibien, twieqi, taraġ u elementi oħra tal-bini kif ukoll il-produzjoni ta' għamara tal-injam, ta' djar tal-injam u ta' prodotti magħmula bl-idejn). Is-"suq" tkopri l-utenti aħħarija imma tinkludi wkoll livelli kummerċjali differenti u l-operaturi l-oħra fis-sistema ta' produzzjoni bbażata fuq il-foresti, bħas-sottokuntratturi tal-prodotti u tas-servizzi lill-industrija tal-foresterija u lill-industrija bbażata fuq il-foresti.

(14) It-Taqsimiet 1.5, 6.2 u 6.3 tar-Rapport tal-Grupp ta' Ħidma. Minn Mejju 2003, il-kompożizzjoni tal-grupp kienet tinkludi wkoll rappreżentanti minn sorsi alternattivi ta' finazjament u mill-uffiċċju tal-Governatur tal-Kontea.

(15) Ir-rapporti annwali dwar l-attivitajiet u l-iżvilupp tal-iskema jridu jitressqu quddiem il-Ministeru tal-Agrikoltura u jikkostitwixxu l-bażi kemm għall-preparazzjoni tal-baġit kif ukoll tal-Linji Gwida għal Innovasjon Norge (preċedentement SND); ara t-Taqsimiet 1.5, 6.2 u 6.3 tar-Rapport tal-Grupp ta' Ħidma.

(16) Ara l-Kummenti mill-awtoritajiet Norveġiżi dwar id-Deċiżjoni biex jingħata bidu għall-proċedura ta' investigazzjoni formali.

(17) Il-Politika Superjuri hija dokument ta' gwida li jistabbilixxi ċerti limiti esterni għall-għotja ta' finanzjament minn Innovasjon Norge (bħall-esklużjoni tal-għotja ta' għajnuna operattiva u ta' għajnuna għall-esportazzjoni) u tamar li l-finanzjament irid jingħata fil-limiti stabbiliti mill-ftehimiet internazzjonali li għalihom hija parti n-Norveġja.

(18) L-ittra ta' allokazzjoni li ġġib id-data tas-6 ta' Ottubru 2000 tinkludi informazzjoni dwar il-baġit għall-implimentazzjoni tal-Iskema tal-Injam filwaqt li tirreferi għall-għan, għas-settur u għall-gruppi fil-mira tal-iskema.

(19) L-awtoritajiet Norveġiżi semmew ukoll il-liġi li tirregola lil Innovasjon Norge u t-"Termini Standard" tagħha biex jingħata finanzjament għal żvilupp li jinkludu regoli amministrattivi dwar, fost l-oħrajn, il-limiti ta' żmien, id-dokumentazzjoni, il-miżuri ta' kontroll u l-irkupru tal-finanzjament.

(20) Ġew inklużi wkoll dispożizzjonijiet dwar l-akkumulazzjoni, ir-rati ta' referenzi u l-kalkolu tal-għajnuna.

(21) Il-verżjonijiet jġibu d-dati ta' Jannar 2000; Awwissu 2001; Ġunju 2003; Settembru 2004; u Lulju 2005 u ma jvarjawx sostanzjalment waħda mill-oħra. Għal fini ta' sempliċità, l-użu tat-terminu "Linji Gwida Interni taż-ŻEE" f'dan li ġej jirreferi għat-test tal-aktar verżjoni reċenti u jsiru kummenti dwar it-test fil-verżjonijiet preċedenti biss fejn ikun rilevanti (minħabba devjazzjonijiet jew test addizzjonali).

bħala referenza għal-Linji Gwida Interni taż-ŻEE. ([22]) Skond l-awrtoritajiet Norveġiżi, il-Linji Gwida Interni taż-ŻEE, b'dan il-mod, saru parti integrali mill-Iskema tal-Injam. ([23]) Il-persuni li jimmaniġġjaw il-każi ta' Innovasjon Norge ġew ordnati jivvalutaw l-applikazzjonijiet fuq il-bażi tas-sett speċifiku ta' regoli fil-Linji Gwida Interni taż-ŻEE li huma jqisu li huma xierqa. Jekk iqisu li ma tkun involuta l-ebda għajnuna mill-Istat, il-proġett ikun jista' jiġi ffinanzjat 100 %. ([24])

### 2.2. *Il-bażi legali u l-baġits annwali*

Mill-baġits tal-Istat għas-snin rilevanti, jidher li l-Iskema tal-Injam hija ffinanzjata mill-Ministeru tal-Agrikoltura u tal-Ikel permezz ta' għotjiet annwali direttament mill-baġit tal-Istat. Il-finanzjament għall-Iskema tal-Injam kien ipprovdut fil-proposta tal-Gvern lill-Paralment li kienet tinkludi l-baġit tal-Istat għas-sena 2000 (St. prp. nr. 1 (1999-2000)), fejn il-finanzjament għall-Iskema tal-Injam kien inkluż fil-Kapitolu 1142 bħala l-punt 71. ([25]) Kull baġit tal-Istat għas-snin sussegwenti alloka ammonti għall-Iskema tal-Injam. ([26])

L-ewwel ittra annwali ta' allokazzjoni mill-Ministeru tal-Agrikoltura lil Innovasjon Norge talloka l-finanzjament lil Innovasjon Norge u tawtorizza l-ħlas tiegħu skond il-għan, is-settur u l-gruppi fil-mira kif ġie stabbilit fir-Rapport tal-Grupp ta' Ħidma. ([27])

B'ittra li ġġib id-data tad-29 ta' Settembru 2005, aġġornata b'ittra li ġġib id-data tat-3 ta' Lulju 2006, l-awtoritajiet Norveġiżi informaw lill-Awtorità li l-baġits għall-Iskema tal-Injam għas-snin finanzjarji mill-2000 sa l-2005 kienu kif ġej:

**Il-baġit annwali**

| Sena | Baġit f'miljuni ta' NOK | Kunsensi f'miljuni ta' NOK |
|---|---|---|
| 2000 | 17 | 8,8 |
| 2001 | 25 | 25,7 |
| 2002 | 20 | 18,2 |
| 2003 | 36 | 39,3 |
| 2004 | 35 | 28,4 |
| 2005 | 33 | 39,5 |
| Total | 166 | 159,9 |

L-għotjiet tħallsu fi żmien tliet snin mis-sena meta ngħata l-kunsens (*"tilsagn"*) u meta r-riċevent ikkompleta l-proġett. Jekk il-baġit għal sena partikolari ma ntefaqx kollu, l-ammont li kien jifdal kienet jgħaddi għas-sena sussegwenti. B'hekk, il-valur totali tal-kunsensi fi kwalunkwe sena partikolari jista' jkun ogħla milll-ammont allokat mill-baġit għall-istess sena.

### 2.3. *Ir-riċeventi tas-sostenn taħt l-Iskema tal-Injam*

Ir-Rapport tal-Grupp ta' Ħidma jipprovdi li l-Iskema tal-Injam għandha tkun immirata lejn kumpaniji u operaturi oħrajn bi proġetti konkreti li jaqgħu fl-istrateġiji u fl-oqsma tax-xogħol tal-iskema u li jikkontribwixxu għal ħolqien ta' valur miżjud. ([28])

L-awtoritajiet Norveġiżi speċifikaw ukoll li l-Iskema tal-Injam hija miftuħa għall-industriji rilevanti kollha (li jissejħu *"industriji mekkaniċi bbażati fuq l-injam"*) u għall-industriji li jistgħu jagħtu kontribut sabiex jintlaħqu l-miri taħt l-Iskema tal-Injam, bħall-industriji li jesploraw l-użu tal-injam flimkien ma' materjali oħrajn. ([29]) F'dawn il-parametri, l-iskema hija miftuħa għal "persuni, kumpaniji, awtoritajiet u unjins privati, irrispettivament mill-istruttura jew mill-organizzazzjoni tal-kumpanija" kif ukoll għal *"istituzzjonijiet ta' riċerka u edukattivi"*, irrispettivament mill-pajjiż fejn ikunu stabbiliti. ([30])

### 2.4. *L-ispejjeż eliġibbli u l-intensità tal-għajnuna*

L-ispejjeż eliġibbli

L-awtoritajiet Norveġiżi ddikjaraw li l-għotjiet taħt l-Iskema tal-Injam ngħataw lil proġetti li "[…] jagħtu kontribut sabiex jintlaħqu l-miri fl-istrateġiji u fl-oqsma tax-xogħol tal-programm" u li jikkawżaw l-innovazzjoni. Mir-Rapport tal-Grupp ta' Ħidma jidher li sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-Iskema tal-Injam għandhom jintużaw it-tliet strateġiji li ġejjin. Kull waħda

([22]) It-Taqsima 1.3 tar-Rapport tal-Grupp ta' Ħidma jiddikjara li l-finanzjament irid jingħata skond ir-regoli taż-ŻEE u t-Taqsima 7.1 tiddikjara li "Il-leġiżlazzjoni dwar l-għajnuna mill-Istat tal-Ftehim taż-ŻEE trid tiġi segwita. Il-programm irid jistabbilixxi l-prinċipji u l-prattiki tiegħu f'dawn ir-regolamenti." Ara wkoll il-Kummenti tal-awtoritajiet Norveġiżi dwar id-Deċiżjoni biex jingħata bidu għall-proċedura ta' investigazzjoni formali.

([23]) Ara l-Kummenti tal-awtoritajiet Norveġiżi dwar id-Deċiżjoni biex jingħata bidu għall-proċedura ta' investigazzjoni formali u l-e-mail li ġġib id-data tat-18 ta' Jannar 2008 mill-awtoritajiet Norveġiżi (Avveniment Nru 461470).

([24]) Ara wkoll is-sottosezzjoni dwar il-ko-finanzjament u l-finanzjament ta' 100 % tal-ispejjeż tal-proġetti fit-taqsima I-2.4 t'aktar 'l isfel.

([25]) Ara wkoll il-baġit rivedut (St. prp. nr. 61 (1999-2000)). L-iskema tal-Injam issejħet b'modi differenti inklużi *"Treprogrammet"* u *"Verdiskapningsprogrammet for tre"* jew permezz tar-Rakkomandazzjoni oriġinali mill-Kumitat Permanenti lill-Parlament (Innst. S. nr. 208 (1998-1999)).

([26]) 2001: St. prp. nr. 1 (2000-2001) u l-baġit rivedut (St. prp. nr. 84 (2000-2001)); 2002: St. prp. nr. 1 (2001-2002) u l-baġit rivedut (St. prp. nr. 1 Tillegg nr. 4 (2001-2002)); 2003: St. prp. nr. 1 (2002-2003) u l-baġit rivedut (St. prp. nr. 65 (2002-2003)); 2004: St. prp. nr. 1 (2003-2004) u l-baġit rivedut (St. prp. nr. 63); 2005: St. prp. nr. 1 (2004-2005) u l-baġit rivedut (St. prp. nr. 65 (2004-2005)). Fl-ewwel erba' snin (2000-2003, biż-żewġ snin inklużi), il-finanzjament għall-Iskema tal-Injam kien allokat taħt il-punt 71 fil-Kapitolu 1142 tal-baġit tal-Istat, filwaqt li fl-aħħar sentejn (l-2004 u l-2005), il-finanzjament għall-Iskema tal-Injam kien allokat taħt il-punt 71 fil-Kapitolu 1149 tal-baġit tal-Istat.

([27]) L-ittra li ġġib id-data tas-6 ta' Ottubru 2000 li l-awtoritajiet Norveġiż ressqu quddiem l-Awtorità bħala d-dokument mehmuż 3 għall-Kummenti tal-awtoritajiet Norveġiżi dwar id-Deċiżjoni biex jingħata bidu għall-proċedura ta' investigazzjoni formali.

([28]) It-Taqsima 4.6 tar-Rapport tal-Grupp ta' Ħidma.

([29]) Ara l-ittra li ġġib id-data tad-29 tas-Settembru 2005 mill-awtoritajiet Norveġiżi lill-Awtorità, inkluża f'ittra li ġġib id-data tat-3 ta' Ottubru 2005 mill-Missjoni Norveġiża għall-UE (Avveniment Nru 345465).

([30]) Ara l-ittra li ġġib id-data tad-29 tas-Settembru 2005, iċċitata aktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 29 u l-Kummenti tal-awtoritajiet Norveġiżi dwar id-Deċiżjoni biex jingħata bidu għall-proċedura ta' investigazzjoni formali.

mill-istrateġiji għandha tiġi implimentata permezz tal-attivitajiet speċifikati taħt kull strateġija. ([31]) Għalhekk, l-ispejjeż ta' tali attivitajiet huma eliġibbli għal finanzjament taħt l-Iskema tal-Injam.

(i) L-istrateġija tat-tfassil tal-profili u tal-komunikazzjoni (jiġifieri, biex jinħolqu involviment u rieda tajba sabiex tiġi żviluppata l-katina tal-valuri, jiġu attratti kompetenza, persuni u kapital, jiżdiedu l-viżibbiltà u t-tfassil attiv tal-profili tal-foresta u tax-xogħol tal-injam u jkun hemm attenzjoni ffokata fuq il-vantaġġi tal-injam bħala materjal u tinxtered l-informazzjoni).

Il-miżuri li għandhom jintużaw sabiex tkun implimentata din l-istrateġija jinkludu kampanja li tirrappreżenta lin-negozju forestali/tal-injam b'mod pożittiv, it-tixrid tal-informazzjoni permezz ta' ġurnali tad-disinn/tal-arkitettura bl-injam bħala profil u l-provvista ta' informzzjoni lil utenti professjonali, universitajiet u istituzzjonijiet ta' tagħlim u konsumaturi. Miżuri oħrajn jinkludu l-istabbiliment ta' portal tal-Internet u netwerk sabiex l-informazzjoni tiġi ggwidata mill-katina tal-valuri kollha filwaqt li jagħmilha wkoll ta' riżors ta' informzzjoni ġenerali kif ukoll l-istabbiliment ta' punti ta' tlaqqigħ kemm fuq il-livell nazzjonali kif ukoll dak reġjonali jaqdu l-ħtiġiet ta' gruppi ta' riċerka u żvilupp, arkitetti, disinjaturi, gruppi orjentati lejn l-IT, riċerkaturi tat-tendenzi, innovaturi u investituri, eċċ.

(ii) L-istrateġija tal-iżvilupp tal-prodott u tal-prodotti l-ġodda (li tkopri r-realizzazzjoni ta' possibbiltajiet, ideat u inizjattivi ġodda, fejn jingħata kontribut għall-innovazzjoni u għal kreazzjonijiet ġodda).

Il-miżuri li għandhom jintużaw jinkludu programmi ta' żvilupp strutturali, l-istabbiliment ta' fora għan-negozji diretti lejn il-kumpaniji ż-żgħar, proġetti ta' innovazzjoni konnessi ma' istituzzjonijiet differenti tat-tagħlim, kompetizzjonijiet ta' disinn/arkitettura, l-iżvilupp ta' prodotti ġodda fis-segmenti l-ġodda tas-swieq (bħas-suq tar-rikreazzjoni; faċilitajiet/infrastruttura għaż-"żoni pubbliċi"; prodotti tal-injam għall-kura tas-saħħa, eċċ..) u proġetti ta' żvilupp li jiffokaw fuq il-ġenerazzjoni tal-profitti fil-katina tal-valuri (bħall-materja prima, il-prodotti sekondarji, is-sengħa tal-injam, u s-sengħa elettronika). Miżuri oħrajn jinkludu l-istabbiliment ta' forum u ta' strutturi għall-iżvilupp ta' prodotti ġodda u tal-innovazzjoni, il-proġetti tal-istudenti għall-innovazzjoni u l-kompetizzjonijiet tal-arkitettura u tad-disinn sabiex jiżdied l-użu ta' materjali speċifiċi tal-injam.

(iii) L-istrateġija ta' kooperazzjoni u ta' effiċjenza (li tkopri t-titjib fl-iggwidar tal-prodotti u tal-proċessi fil-katina tal-valuri u fl-effiċjenza fl-infiq, il-ħolqien tal-valuri u l-profittabbiltà kif ukoll l-użu ottimali tar-riżorsi umani u tal-infrastruttura).

Il-miżuri jinkludu l-iżvilupp ta' sistema integrata ta' loġistika sabiex jittejbu ż-żmien magħżul għat-tqassim tal-prodotti u l-kwalità u l-prezz tal-prodotti, it-teknoloġija tal-informazzjoni sabiex jiġu ffrankati l-ispejjeż fuq il-livell tal-bejgħ/tat-tqassim u l-iżvilupp ta' sistemi tal-IT għall-komunikazzjoni tul il-katina kollha tal-valuri sabiex tittejjeb il-kwalità. Miżuri oħrajn jinkludu l-kompetizzjonijiet, l-istudji preparatorji dwar l-iżvilupp ta' sistema integrata tal-IT u d-diġitalizzazzjoni ta' informazzjoni dwar il-prodotti tul il-katina kollha tal-valuri, il-programmi ta' kompetenza dwar l-effiċjenza fl-infiq fl-iżvilupp tal-valur u (miżuri għal) il-ġenerazzjoni tal-profitti fil-qasam tal-industrija u tal-kummerċ forestali u tal-injam.

Il-Linji Gwida Interni taż-ŻEE jispeċifikaw l-ispejjeż eliġibbli għall-SMEs, għall-attivitajiet ta' taħriġ u għar-riċerka u l-iżvilupp kif ukoll għall-"investimenti" (mill-SMEs u f'żoni reġjonali). Verżjoni tradotta tad-deskrizzjonijiet tal-ispejjeż eliġibbli fil-Linji Gwida Interni taż-ŻEE ġiet mehmuża ma' din id-Deċiżjoni bħala l-Anness I. ([32])

### L-intensitajiet tal-għajnuna

Filwaqt li l-Linji Gwida Interni taż-ŻEE jispeċifikaw l-intensitajiet tal-għajnuna għall-SMEs ([33]), l-intensitajiet tal-għajnuna għal tipi oħrajn ta' għajnuna ġew indikati biss b'referenza għal tabella, intitolata "Ir-rati massimi ta' finanzjament għall-iskemi amministrati minn Innovasjon Norge – id-daqs tal-intrapriża u l-oqsma eliġibbli għall-għajnuna". It-tabella li ma tinkludix referenza għall-Iskema tal-Injam, qed tiġi riprodotta f'verżjoni tradotta fl-Anness II għal din id-Deċiżjoni.

Peress li t-tabella tirreferi għal żewġ intensitajiet differenti tal-għajnuna rigward l-istudji preparatorji għar-riċerka u l-iżvilupp taħt l-iskemi intitolati "*OFU/IFU*" u "*Omstilling og nyskapning*", l-awtoritajiet spjegaw li hija l-intensità tal-għajnuna stabbilita għall-iskema "*OFU/IFU*" li ġiet applikata għall-Iskema tal-Injam. Id-differenza bejn l-intensitajiet tal-għajnuna hija li l-intensità tal-għajnuna għall-istudji tal-fattibbiltà teknika mwettqa minn intrapriżi kbar fil-kuntest ta' riċerka pre-kompetittiva (għal intrapriżi kbar) tista' tammonta għal 55 % taħt l-iskema "*Omstilling og nyskapning*" filwaqt li l-intensità korrispondenti tal-għajnuna taħt l-iskema "*OFU/IFU*" hija biss ta' 50 %.

### L-intensitajiet tal-għajnuna fil-kuntest tal-ko-finanzjament u l-finanzjament ta' 100 % tal-ispejjeż

Fil-prinċipju, l-għotjiet taħt l-Iskema tal-Injam huma kundizzjonali fuq il-kontributi li r-riċeventi jagħtu fil-forma ta' finanzjament u ta' forza tax-xogħol. ([34]) Madankollu, mhemm l-ebda rekwiżit minimu għall-ko-finanzjament; anzi s-sehem tiegħu jvarja jiddependi mill-għanijiet u mill-karattru tal-proġett. F'dan il-kuntest, l-awtoritajiet Norveġiżi ddikjaraw li l-għajnuna taħt l-Iskema tal-Injam tingħata skond l-intensitajiet tal-għajnuna stabbiliti fil-Linji Gwida Interni taż-ŻEE, b'tali mod li, *de facto*, ikun hemm dejjem xi ko-finanzjament.

([31]) It-Taqsimiet 4.1- 4.4 u 5 tar-Rapport tal-Grupp ta' Ħidma.

([32]) Traduzzjoni mill-Awtorità.

([33]) F'każ ta' investiment, l-intensità massima hija ta' 7,5 % għall-kumpaniji ta' daqs medju u ta' 15 % għall-kumpaniji ż-żgħar filwaqt li għas-servizzi ta' konsulenza u għall-fieri kummerċjali l-livell huwa ffissat f'50 %.

([34]) It-Taqsimiet 1.4 u 7.1 tar-Rapport tal-Grupp ta' Ħidma.

Minkejja dan, l-awtoritajiet spjegaw ukoll li huma jimplimentaw prattika taħt l-Iskema tal-Injam fejn ċerti proġetti jirċievu finanzjament għal 100 % tal-ispejjeż – f'liema każ mhemm l-ebda kofinanzjament. F'dan ir-rigward, l-awtoritajiet irreferew għar-Rapport tal-Grupp ta' Ħidma li jipprovdi li: "Is-sehem tal-finanzjament taħt l-iskema jvarja skond l-għan u l-karattru tal-proġetti. L-iskema tista' tiffinanzja [l-ispejjeż ta'] l-proġett kollu f'każ li jkun diffiċli li jiġi identifikat xiħadd li jista' jibbenefika direttament mill-proġett, perżempju, fi proġetti purament ta' studju jew fi studji preparatorji. Is-sehem tal-finanzjament taħt l-iskema jista' jkun korrispondentement baxx f'każ ta' proġetti li mistennija jkunu importanti u ta' użu dirett għall-parteċipanti tal-proġett. Ir-regoli taż-ŻEE dwar l-għajnuna mill-Istat iridu jiġu applikati. Fil-limiti ffissati minn tali regoli, għandhom jiġu żviluppati prinċipji u prattiki amministrattivi għall-iskema." [35]

L-awtoritajiet spjegaw ukoll li l-prattika li jingħata finanzjament ta' 100 % intużat f'każi fejn kien diffiċli li jiġu identifikati l-partijiet interessati li jibbenefikaw direttament mill-proġetti (jew fejn jitqies li l-intrapriżi individwali jirċievu benefiċċju modest biss) bħal fil-każ ta' studji u ta' rapporti preliminari f'oqsma speċjali fil-mira. Eżempju ta' dan, li semmewh l-awtoritajiet, huwa l-għotja ta' NOK 125 000 lin-Norsk Treteknisk Institutt għal proġett għall-iżvilupp tal-prodott ta' panewijiet inċanati għal użu intern. [36] L-awtoritajiet Norveġiżi ddikjaraw li r-riżultati (tal-proġett) huma aċċessibbli għall-kumpaniji membri tiegħu u li, ikun xi jkun il-każ, ħafna mill-informazzjoni tan-Norsk Treteknisk Institutt ġeneralment tkun aċċessibbli permezz tal-librerija tiegħu.

## 2.5. *L-għajnuna de minimis*

L-awtoritajiet Norveġiżi qed isostnu li l-għotjiet mogħtija fuq il-bażi ta' dispożizzjonijiet speċifiċi taħt l-Iskema tal-Injam jissodisfaw il-kundizzjonijiet biex jikkwalifikaw bħala għajnuna *de minimis*. L-awtoritajiet spjegaw li meta tingħata l-għajnuna *de minimis*, l-"ittra tal-kunsens" mibgħuta lir-riċevent tal-għajnuna tkun tinkludi referenza għal-limitu u għat-terminu ta' żmien *de minimis* kif ukoll għall-obbligu tar-riċevent tal-għajnuna li jinforma lill-awtoritajiet bl-għajnuna li rċieva minn sorsi oħrajn fi żmien tliet snin mill-waqt meta ngħata l-kunsens biex jingħata l-għajnuna. [37]

Barra minn hekk, l-awtoritajiet spjegaw l-eżistenza ta' prattika amministrattiva fejn ma' l-għajnuna mogħtija, pereżempju, għar-riċerka u l-iżvilupp, tista' tiġi miżjuda l-għajnuna *de minimis*. Din il-prattika hija pprovduta speċifikatament fil-Linji Gwida Interni taż-ŻEE fil-verżjonijiet li jġibu d-dati ta' Settembru 2004 u ta' Lulju 2005. [38]

## 2.6. *It-tul ta' żmien*

L-awtoritajiet Norveġiżi ddikjaraw li l-Iskema tal-Injam kienet operattiva mill-1 ta' Lulju 2000 (jiġifieri, id-data meta setgħu jsiru applikazzjonijiet għal sostenn) u baqgħet fis-seħħ għal ħames snin, sa tmiem l-2005 (l-aħħar kunsens ingħata fit-30 ta' Diċembru 2005). [39]

## 2.7. *Il-kummerċ fil-prodotti tal-injam*

Mill-*White Paper* mill-Gvern lill-Parlament dwar il-ħolqien ta' valur u ta' opportunitajiet fis-settur forestali, jidher li n-Norveġja tesporta l-prodotti tal-injam tagħha lejn l-UE. F'dan ir-rigward, fit-Taqsima 4.3 tal-*White Paper* jiġi speċifikatament iddikjarat li "In-Norveġja tesporta bejn wieħed u ieħor 85-90 % mill-produzzjoni bl-ingrossa tal-prodotti tal-injam u tal-karti u madwar 35 % tal-produzzjoni tal-injam ippreparat. Il-provvisti lejn il-pajjiżi tal-UE jammontaw għal 70 % u 90 % rispettivament tal-esportazzjonijiet totali. Kwalunkwe strateġija jew intervent politiku fl-UE li tista' taffetwa l-importazzjoni min-naħa tal-UE tal-prodotti tal-industrija forestali jista' jkollha konsegwenzi sinifikanti għas-settur forestali Norveġiż". [40] Barra minn hekk, mill-istatistiċi tal-Eurostat jidher li fl-UE hemm kummerċ estensiv fil-prodotti tal-injam. [41] Fl-aħħarnett, mill-istatistiċi prodotti minn "Statistics Norway" (*Statistisk sentralbyrå*) jidher li n-Norveġja timporta wkoll ammonti sostanzjali ta' injam ippreparat, injam ipproċessat u prodotti tal-injam ("*Tømmer, trelast og kork …*") mill-UE. [42]

## 2.8. *L-ambitu tal-Ftehim taż-ŻEE*

L-Artikolu 8(3) tal-Ftehim taż-ŻEE jipprovdi li:

"Ħlief jekk ikun speċifikat mod ieħor, id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim għandhom japplikaw biss għal:

(a) il-prodotti li jaqgħu fil-Kapitoli 25 sa 97 tas-Sistema Armonizzata għad-Deskrizzjoni u l-Kodifika tal-Oġġetti, esklużi l-prodotti elenkati fil-Protokoll 2;

---

(35) It-Taqsima 7.1 tar-Rapport tal-Grupp ta' Ħidma.

(36) Għalkemm dan l-ammont jikkwalifika bħala *de minimis*, Norsk Treteknisk Institutt kien irċieva wkoll għajnuna oħra.

(37) Din it-talba għal informazzjoni kienet ifformulata b'dan il-mod: "EØS-regelverket – opplysningsplikt Tildelingen av tilskuddet skjer i henhold til reglene for bagatellmessig støtte. Ved eventuelle nye søknader om offentlig støtte (uansett støttekilde) har støttemottaECR plikt til å opplyse om dette tilskuddet. Opplysningsplikten gjelder i 3 år fra tilsagnstidspunktet. StøttemottaECRen må ikke motta mer enn til sammen 100.000 Euro (ca. kr 815.000,-) i støtte etter reglene for bagatellmessig støtte over et tidsrom på 3 år."

(38) It-Taqsima 4.2 tagħhom.

(39) Dan huwa kkonfermat mill-kummenti għall-proposta għall-baġit tal-Istat fi St. prp. nr. 1 (2000-2001) u mir-Rapport tal-Grupp ta' Ħidma.

(40) Traduzzjoni mill-Awtorità tal-kwotazzjoni li ġejja: "Norge eksporterer ca 85-90 % av produksjonen av tremasse og papirprodukter og ca 35 % av trelast-produksjonen. Leveransene til EU-land utgjør henholdsvis 70 % og 90 % av eksporten. Avvenimentuelle strategier eller politiske vedtak innen EU som kan påvirke EUs import av skogindustriprodukter vil kunne få store konsekvenser for den norske skogsektoren."

(41) L-istatistiċi ppreżentati mill-EUROSTAT għas-snin bejn l-1999 u l-2004 (li jkopru kemm l-importazzjonijiet kif ukoll l-esportazzjonijiet ta' diversi varjetajiet ta' injam u ta' injam ippreparat irfinut fl-UE fejn il-valur jiġi espress jew f'eluf ta' metri kubiċi jew f'tunnellati) juru li hemm kummerċ estensiv fl-UE fil-prodotti tal-injam. L-istatistiċi rilevanti huma (i) l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet fl-UE-25 ta' injam ittundjat; "table fores51"; (ii) l-importazzjonijiet fl-UE-25 ta' polpa tal-injam u ta' karta u ta' kartun; "table fores62"; (iii) l-esportazzjonijiet fl-UE-25 ta' polpa tal-injam "table fores62"; (iv) l-importazzjonijiet fl-UE-25 ta' injam isserrat u ta' panewijiet ibbażati fuq l-injam; "table fores61"; u (v) l-esportazzjonijiet fl-UE-25 ta' injam isserrat "table fores61". Kollha huma disponibbli fuq http://europa.eu.int/comm/eurostat jew billi jiġi kkuntattjat l-EUROSTAT permezz tas-sit web tiegħu.

(42) Ara l-paġna web: http://www.ssb.no/muh/tab15-01.shtml li turi t-tabella 15, intitolata, "Il-kummerċ ma' pajjiżi magħżula mis-SITC b'żewġ numri. Jan - Mar 2006. Miljuni ta' kroner".

(b) il-prodotti speċifikati fil-Protokoll 3, bla ħsara għall-arranġamenti speċifiċi stabbiliti f'*dak il-Protokoll*."

L-injam u l-oġġetti tal-injam huma koperti mill-Kapitolu 44.

2.9. *Ir-raġunijiet biex jingħata bidu għall-proċedura*

L-Awtorità tat bidu għall-proċedura ta' investigazzjoni formali fuq il-bażi tal-konklużjoni preliminari li l-Iskema tal-Injam tinvolvi għajnuna mill-Istat li ma tikkwalifika għall-ebda waħda mill-eżenzjonijiet ipprovduti fil-Ftehim taż-ŻEE. Konsegwentement, l-Awtorità kellha xi dubji li l-Iskema tal-Injam setgħet titqies kompatibbli mal-funzjonament tal-Ftehim taż-ŻEE. Saret referenza għall-fatt li d-dokumenti mressqa mill-awtoritajiet Norveġiżi dwar l-Iskema tal-Injam ma kinux jinkludu definizzjonijiet speċifiċi tal-proġetti eliġibbli, tal-ispejjeż eliġibbli jew tal-limiti massimi għall-ammont massimu ta' għajnuna li seta' jingħata.

L-awtoritajiet Norveġiżi ġew mistiedna jressqu informazzjoni dwar l-eżistenza ta' kwalunkwe struzzjoni interna li tiddetta li l-iskema għandha tiġi implimentata skond il-Linji Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat u/jew ir-Regolamenti ta' eżenzjoni ta' kategorija. L-Awtorità, madankollu, ġibdet l-attenzjoni għall-fatt li anki jekk tali prattika amministrattiva setgħet tintwera, l-Awtorità xorta tista' tqis l-iskema bħala li mhix kompatibbli mal-funzjonament tal-Ftehim taż-ŻEE minħabba l-eżistenza tal-prattika taħt l-Iskema tal-Injam li jingħata sostenn ta' 100 % lil proġetti fejn l-awtorità amministrattiċi tassumi li l-għotja ma tikkwalifikax bħala għajnuna għaliex l-attività ma tistax tiġi attribwita lil intrapriżi individwali u jitqies li tirriżulta f'benefiċċju modest biss.

Rigward jekk l-għotjiet mogħtija fuq il-bażi li d-dispożizzjonijiet speċifiċi dwar l-għajnuna *de minimis* taħt l-Iskema tal-Injam jissodisfaw il-kundizzjonijiet sabiex jikkwalifikaw bħala għajnuna *de minimis* skond il-Linji Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat or jew ir-Regolament *de minimis* sussegwenti (li f'dan ir-rigward, mill-1 ta' Frar 2003, issostitwixxa l-Linji Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat), ([43]) l-Awtorità kienet tal-fehma li d-dispożizzjonijiet rilevanti ma jidhirx li kienu konformi mar-regoli dwar l-għotja tal-għajnuna *de minimis*.

## 3. **Il-kummenti tal-awtoritajiet Norveġiżi**

3.1. *Il-proċedura*

L-awtoritajiet Norveġiżi jirrikonoxxu li l-iskema missha ġiet formalment innotifikata lill-Awtorità imma qed jargumentaw li s-sempliċi fatt li l-Iskema tal-Injam ma ġietx innotifikata ma jfissirx li l-Awtorità tista' tikkonkludi, fuq dik il-bażi biss, li hija inkompatibbli mal-funzjonament tal-Ftehim taż-ŻEE.

3.2 *Is-sustanza*

L-eżistenza ta' struzzjonijiet interni jew ta' ordnijiet awtorevoli

L-awtoritajiet Norveġiżi qed jargumentaw li, fil-prattika, kien hemm konformità mar-regoli materjali dwar l-għajnuna mill-Istat tal-Ftehim taż-ŻEE. L-ewwelnett, il-Politika Superjuri ta' Innovasjon Norge tamar li l-finanzjament kollu għandu jingħata fil-limiti ffissati minn ftehimiet internazzjonali li għalihom hija parti n-Norveġja. It-tieninett, il-persuni li jimmaniġġjaw il-każi ta' Innovasjon Norge (permezz tar-Rapport tal-Grupp ta' Ħidma) ġew ordnati jimplimentaw l-Iskema tal-Injam skond il-Ftehim taż-ŻEE. Il-Linji Gwida Interni taż-ŻEE kienu żviluppati sabiex tkun iffaċilitata l-konformità mal-Ftehim taż-ŻEE. It-tieletnett, il-persuni li jimmaniġġjaw il-każi għandhom esperjenza bil-Linji Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat u jipparteċipaw f'korsijiet dwar is-suġġett. Jekk ikollhom xi dubji jistgħu jitolbu parir mingħand id-dipartiment legali ta' Innovasjon Norge.

Il-każi tal-ebda għajnuna

Rigward il-prattika ta' finanzjament ta' 100 % tal-ispejjeż tal-proġetti, l-awtoritajiet Norveġiżi argumentaw li din il-prattika tinvolvi proġetti li ma jaqgħux fl-ambitu tal-Ftehim taż-ŻEE jew għaliex mhi involuta l-ebda għajnuna mill-Istat fit-tifsira tal-Artikolu 61(1) tal-Ftehim taż-ŻEE jew għaliex l-għajnuna ngħatat bħala għajnuna *de minimis*. L-awtoritajiet ipprovdew tabella li tistabbilixxi kif kien allokat il-finanzjament kollu mogħti taħt l-Iskema tal-Injam.

L-awtoritajiet jargumentaw li fi tmien każi (irrappreżentati minn żewġ eżempji) ingħatat għajnuna lil proġetti li jinvolvu prodotti (bħal "injam li għadu mhux lest biex jinqata'") li mhumiex elenkati fil-Kapitoli 25-97 tas-Sistema Armonizzata għad-Deskrizzjoni u l-Kodifika ta' Oġġetti u b'hekk ma jaqgħux fl-ambitu tal-Ftehim taż-ŻEE.

L-awtoritajiet jiddikjaraw ukoll li l-114-il benefiċjarju taħt l-Iskema tal-Injam ma jikkwalifikawx bħala "intrapriżi" fit-tifsira tal-Artikolu 61(1) tal-Ftehim taż-ŻEE għaliex il-benefiċjarji mhumiex isegwu attività ekonomika. Ħmistax-il każ qed jitqiesu bħala "Stabbilimenti Edukattivi u ta' Riċerka"; 25 każ ta' "Entitajiet Pubbliċi" jinvolvu sostenn lill-muniċipalitajiet; u 74 każ jikkonċernaw sostenn lil "Organizzazzjonijiet Dipartimentali".

Rigward il-każi ta' "Stabbilimenti Edukattivi u ta' Riċerka" (irrappreżentanti minn żewġ eżempji, b'wieħed minnhom jinvolvi organizzazzjoni mhux bi profitt), l-awtoritajiet iqisu li dawn jaqgħu barra mill-ambitu tal-Artikolu 61(1) tal-Ftehim taż-ŻEE fuq il-bażi tat-taqsima 2.2 fil-Kapitolu 14 preċedenti tal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat dwar ir-riċerka u l-iżvilupp, fejn "stabbiliment ta' riċerka ta' edukazzjoni ogħla li ma jagħmix profitt normalment ma jkunx kopert mill-Artikolu 61(1) tal-Ftehim taż-ŻEE" u li jiddikjara li "fejn ir-riżultati ta' proġetti ta' R&D [riċerka u żvilupp] li jkunu ffinanzjati pubblikament u jitwettqu minn tali stabbilimenti, jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-industrija Ewropea fuq bażi mhux diskriminatorja, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA se tassumi li l-għajnuna mill-Istat fit-tifsira tal-Artikolu 61(1) tal-Ftehim taż-ŻEE ma tkunx normalment involuta".

([43]) Il-Kapitolu 12 preċedenti tal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat tħassar bid-Deċiżjoni Nru 198/03/COL tal-Awtorità tal-5 ta' Novembru 2003. Madankollu, mill-1 ta' Frar 2003, il-Kapitolu 12 diġà kien ħadlu postu r-Regolament (KE) Nru 69/2001, li minn hawn 'il quddiem se jissejjaħ ir-"Regolament *de minimis*").

L-awtoritajiet Norveġiżi qed jargumentaw li l-għajnuna lil “Organizzazzjonijiet Dipartimentali” (li jikkonsistu minn organizzazzjonijiet ta’ interess mhux għall-profitt involuti fit-tixrid tal-informazzjoni) ma tinvolvix għajnuna mill-Istat għaliex il-finanzjament ma jkunx dirett (direttament) lejn l-intrapriżi imma jiġi ggwidat permezz tal-organizzazzjonijiet dipartimentali li ma jitqisux bħala intrapriżi. Qed issir referenza għad-deċiżjoni tal-Kummissjoni rigward *Asetra* li, skond l-awtoritajiet Norveġiżi, kienet eżonerata għaliex *Asetra* ma kinitx intrapriża fit-tifsira tal-Artikolu 87(1) tat-Trattat KE. ([44]) Qed jiġi argumentat ukoll li l-Qorti tal-Ġustizzja kienet interpretat *“il-kunċett ta’ ‘vantaġġ ekonomiku’ ”* f’diversi kawżi u li fil-Kawża C-143/99 *Adria Wien* ir-raġunament tal-Qorti tal-Ġustizzja jindika li trid tinqata’ linja bejn vantaġġi astratti (jiġifieri, spejjeż li normalment ma jkunux “*inklużi fil-baġit*” tal-intrapriża) u dawk li jkunu inklużi fil-baġit. ([45])

L-awtoritajiet qed jargumentaw ukoll li f’31 każ ieħor (li qed jingħataw diversi eżempji minnhom), il-benefiċjarji ma rċevewx vantaġġ ekonomiku peress li bi tpattija pprovdew servizz u b’hekk il-każi ma jaqgħux fl-ambitu tal-Artikolu 61(1) tal-Ftehim taż-ŻEE.

L-għajnuna de minimis

L-awtoritajiet Norveġiżi jirreferu għall-ittra ta’ kunsens li tiddikjara li r-riċevent irid jipprovdi informazzjoni “dwar l-għajnuna li rċieva fuq il-bażi ta’ applikazzjonijiet potenzjalment ġodda għal għajnuna pubblika […] Dan l-obbligu idum għal tliet snin minn żmien l-ittra ta’ kunsens. Ir-riċevent tal-għajnuna ma jistax jirċievi għajnuna de minimis li teċċedi totali ta’ EUR 100 000 (bejn wieħed u ieħor NOK 815 000) tul kwalunkwe perjodu ta’ tliet snin”.

L-awtoritajiet qed jargumentaw li r-referenza għal *“kwalunkwe perjodu ta’ tliet snin”* tagħmilha ċara li r-riċevent tal-għajnuna mhux f’pożizzjoni li jirċievi għajnuna *de minimis* waqt kwalunkwe perjodu ta’ tliet snin kemm jekk qabel kif ukoll jekk wara l-ittra ta’ kunsens. L-obbligu li jressaq informazzjoni dwar l-għajnuna riċevuta fit-tliet snin minn żmien l-ittra ta’ kunsens irid jiġi interpretat fil-kuntest tat-test rigward l-obbligu li r-riċevent ma jirċevix għajnuna tul *“l-ebda”* perjodu ta’ tliet snin. Skond l-awtoritajiet, dan jiżgura konformità mar-Regolament *de minimis*. Barra minn hekk, l-awtoritajiet jiddikjaraw li, ikun xi jkun il-każ, il-parti l-kbira tal-għotjiet tal-għajnuna jkunu taħt il-limitu *de minimis*.

Minkejja dan, l-awtoritajiet spjegaw li “f’ [ċerti] każi ma kienx hemm konformità mal-qafas [proċedurali] tal-għajnuna de minimis peress li tqies li l-għajnuna [kienet] konformi mar-regoli sostanzjali u ma’ l-eżenzjonijiet ta’ kategorija tal-għajnuna lill-SMEs, għall-R&D u għat-taħriġ”. L-awtoritajiet sussegwentement spjegaw li r-referenza għan-nuqqas ta’ konformità mar-“*regoli proċedurali*” ifisser li f’10 każi, ingħatat għajnuna sa l-intensità tal-għajnuna permessa imma ġiet miżjuda b’għajnuna *de minimis* mingħajr ma’ r-riċevent kien informat bl-element *de minimis* tal-għajnuna.

Il-kompatibbiltà tal-għajnuna

L-awtoritajiet Norveġiżi qed jargumentaw li l-Awtorità ma tatx biżżejjed attenzjoni lill-prattiki u lill-proċeduri li segwiet Innovasjon Norge meta vvalutat il-kompatibbiltà tal-għajnuna.

([44]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-31 ta’ Marzu 2000 li tikkonċerna l-għajnuna mill-Istat N 673/99 (ĠU C 184, 1.7.2000, p. 25).

([45]) Kawża C-143/99 *Adria Wien* [2001] ECR I-8365.

Bażikament, l-awtoritajiet qed jiddikjaraw li taħt l-Iskema tal-Injam ma ngħatat l-ebda għajnuna bħala għajnuna reġjonali u li l-istampa ġenerali (mehmuża mal-Linji Gwida Interni taż-ŻEE), li tistabbilixxi l-intensitajiet massimi tal-għajnuna (inkluża l-għajnuna reġjonali) setgħet wasslet għal dan in-nuqqas ta’ ftehim. Immedjatament wara, l-awtoritajiet iddikjarw li, madankollu, hemm eżempji fejn l-għajnuna ngħatat sa l-intensijiet massimi permessi tal-għajnuna għall-għajnuna għar-riċerka u l-iżvilupp imma miżjuda b’bonus ta’ għajnuna reġjonali ta’ 5 %. L-għajnuna lil *Trysil Skog AS* tissemma bħala eżempju.

Rigward it-78 każ ta’ riċerka u żvilupp (li minnhom jissemmew tliet eżempji), l-awtoritajiet qed jargumentaw li l-għajnuna ngħatat f’konformità mal-prinċipji materjali fil-Linji Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat. Tqies il-punt safejn proġett jipprevedi l-iżvilupp ta’ teknoloġija ġdida, ta’ għarfien ġdida jew ta’ metodi ġodda u ngħatat prijorità lill-proġetti l-aktar innovattivi. Tqies ukoll jekk il-proġett hux eliġibbli għal finanzjament minn sorsi oħrajn, bħal taħt l-iskema *“Skattefunn”*.

L-awtoritajiet qed jargumentaw li għalkemm it-titolu u r-referenza tal-pubblikazzjoni għar-Regolamenti ta’ eżenzjoni ta’ kategorija dwar l-għajnuna għall-SMEs u għat-taħriġ ma ġewx iċċitati fil-Linji Gwida Interni taż-ŻEE, ir-regolamenti *“sa ċertu punt, ġew inkorporati”*.

## II. **IL-VALUTAZZJONI**

### 1. **Il-preżenza tal-għajnuna mill-Istat fit-tifsira tal-Artikolu 61(1) tal-Ftehim taż-ŻEE**

L-Artikolu 61(1) tal-Ftehim taż-ŻEE jipprovdi li:

“Ħlief jekk ipprovdut mod ieħor f’dan il-Ftehim, kwalunkwe għajnuna mogħtija minn Stati Membri tal-KE, minn Stati tal-EFTA jew permezz ta’ riżorsi tal-Istat fi kwalunkwe forma, tkun li tkun, li tgħawweġ jew thedded li tgħawweġ il-kompetizzjoni billi tiffavorixxi lil ċerti intrapriżi jew lill-produzzjoni ta’ ċerti oġġetti, sakemm taffettwa l-kummerċ bejn il-Partijiet Kontraenti, għandha tkun inkompatibbli mal-funzjonament ta’ dan il-Ftehim.”

Sabiex miżura tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat fit-tifsira tal-Artikolu 61(1) tal-Ftehim taż-ŻEE, din trid tissodisfa l-erba’ kriterji kumulattivi li ġejjin: (i) il-miżura trid tagħti vantaġġ ekonomiku lir-riċeventi li ma jiġix riċevut matul l-andament normali tan-negozju; (ii) il-vantaġġ irid jingħata mill-Istat jew permezz ta’ riżorsi tal-Istat; (iii) il-miżura trid tkun selettiva billi tiffavorixxi lil ċerti intrapriżi jew il-produzzjoni ta’ ċerti prodotti; u (iv) trid tgħawweġ il-kompetizzjoni u taffetwa l-kummerċ bejn il-Partijiet Kontraenti.

#### 1.1. *Il-vantaġġ ekonomiku*

Il-miżura trid tagħti lir-riċeventi vantaġġ ekonomiku li ma jiġix riċevut fl-andament normali tan-negozju.

Taħt l-Iskema tal-Injam, l-awtoritajiet Norveġiżi jagħtu għotjiet finanzjarji lil kumpaniji, awtoritajiet, assoċjazzjonijiet tan-negozju, unjins, eċċ., li jistgħu jagħtu kontribut għall-għanijiet tal-iskema. L-intrapriżi li jibbenefikaw minn tali għotjiet jirċievu vantaġġ ekonomiku, jiġifieri, l-għotja, li kieku ma jirċevux fl-andament normali tagħhom tan-negozju tagħhom.

1.2. *Il-preżenza tar-riżorsi tal-Istat*

Il-vantaġġ irid jingħata mill-Istat jew permezz ta' riżorsi tal-Istat.

L-għotjiet mogħtija taħt l-Iskema tal-Injam jiġu ffinanzjati mill-Ministeru tal-Agrikoltura u tal-Ikel u jiġu direttament mill-baġit tal-Istat.

1.3. *Tiffavorixxi lil ċerti intrapriżi jew lill-produzzjoni ta' ċerti prodotti*

Il-miżura trid tiffavorixxi lil ċerti intrapriżi jew lill-produzzjoni ta' ċerti prodotti.

Minn diversi xogħlijiet leġiżlattivi preparatorji (bħall-*White Paper*, ir-Rakkomandazzjoni u r-Rapport tal-Grupp ta' Ħidma) li wasslu għall-istabbilment tal-Iskema tal-Injam, jidher li l-iskema għandha l-għan li ttejjeb (i) il-valur fin-negozju tal-ipproċessar tal-injam, u (ii) ir-relazzjonijiet fuq livelli differenti ta' kummerċ bejn il-foresta u s-suq (li jinkludi l-provvista ta' materja prima lill-industrija tal-ipproċessar tal-injam), flimkien ma' għan ġenerali li jiżdied l-użu effettiv tax-xogħol tal-injam.

B'hekk, l-għotjiet taħt l-Iskema tal-Injam jingħataw biss fejn jitqies li jistgħu jkunu ta' benefiċċju għas-settur tal-ipproċessar tal-injam u għall-industriji relatati tal-injam kif ukoll għall-provvista ta' materja prima lil tali industriji. L-Iskema tal-Injam għalhekk tiffavorixxi lil intrapriżi fis-settur tal-industrija tal-injam, bl-esklużjoni ta' setturi oħrajn, u b'hekk għandha natura selettiva. F'dan ir-rigward il-Qorti tal-EFTA sostniet li miżura tista' tkun selettiva anki jekk tkopri lil (intrapriżi fi) settur sħiħ. ([46])

Għandu jiġi nnotat li għalkemm l-għotjiet taħt l-Iskema tal-Injam jistgħu jingħataw ukoll lil intrapriżi f'industriji oħrajn, (pereżempju fejn l-industriji jesploraw l-użu tal-injam flimkien ma' materjali oħrajn), din il-possibbiltà hija miftuħa biss għall-industriji li jistgħu jagħtu kontribut għall-għan ġenerali tal-Iskema tal-Injam ta' valur li jittejjeb b'mod ġenerali fin-negozju tal-ipproċessar tal-injam. Għaldaqstant, l-Awtorità tqis li anki din il-possibbiltà fl-aħħar mill-aħħar għandha l-għan li tiffavorixxi lil intrapriżi fl-industriji tal-ipproċessar tal-injam u fl-industriji relatati ma' l-injam.

1.4. *It-tgħawwiġ tal-kompetizzjoni u l-effett fuq il-kummerċ bejn il-Partijiet Kontraenti*

Il-miżuri jridu jgħawġu l-kompetizzjoni u jaffetwaw lill-kummerċ bejn il-Partijiet Kontraenti.

Taħt l-Iskema tal-Injam, l-awtoritajiet Norveġiżi jagħtu għotjiet lil intrapriżi fl-industriji tal-ipproċessar tal-injam (u f'industriji relatati). L-industrija Norveġiża tesporta sehem kbir mill-injam ippreparat u mill-prodotti rfinuti tal-injam bl-ingrossa tagħha (sa 90 %) lejn pajjiżi oħrajn taż-ŻEE fejn hemm kummerċ intensiv fil-prodotti tal-injam. Barra minnhekk, in-Norveġja timporta wkoll injam ippreparat, injam ipproċessat u prodotti tal-injam mill-UE. F'ċirkostanzi bħal dawn, l-għotja ta' sostenn lil intrapriżi taħt l-Iskema tal-Injam se ssaħħaħ il-pożizzjoni tar-riċeventi meta pparagunati ma' intrapriżi oħrajn li jinsabu fin-Norveġja jew f'pajjiżi oħrajn taż-ŻEE u li jikkompetu fin-negozji tal-ipproċessar tal-injam (u f'negozji relatati). Barra minn hekk, peress li l-injam huwa sempliċement materja prima fost oħrajn li tintuża fin-negozju tal-kostruzzjoni, l-għotjiet li jirċievu l-kumpaniji ta' kostruzzjoni taħt l-Iskema tal-Injam se jsaħħu l-pożizzjoni tagħhom meta pparagunati ma' intrapriżi oħrajn li qed jikkompetu fin-negozju tal-kostruzzjoni. ([47])

Fuq din il-bażi, l-Awtorità tqis li l-għotja ta' sostenn finanzjarju lill-intrapriżi taħt l-Iskema tal-Injam se tgħawweġ il-kompetizzjoni u taffetwa l-kummerċ.

1.5. *Konklużjoni u l-eżistenza ta' skema ta' għajnuna*

Fid-dawl ta' dak li ngħad aktar 'il fuq, il-konklużjoni tal-Awtorità hija li l-Iskema tal-Injam tissodisfa t-test fl-Artikolu 61(1) tal-Ftehim taż-ŻEE u b'hekk tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat. Madankollu, l-awtoritajiet Norveġiżi argumentaw li whud mill-għotjiet individwali mogħtija taħt l-Iskema tal-Injam ma jaqgħux fl-ambitu tal-Ftehim taż-ŻEE jew ma jikkwalifikawx bħala għajnuna mill-Istat.

L-Awtorità hija tal-fehma (li mhix ikkontestata mill-awtoritajiet Norveġiżi) li l-Iskema tal-Injam hija att li, fuq il-bażi tiegħu, mingħajr ma jkunu meħtieġa aktar miżuri implimentattivi, jistgħu jingħataw għotjiet ta' għajnuna individwali lill-intrapriżi ddefiniti fl-att b'mod ġenerali u astratt. L-Iskema għalhekk tikkwalifika bħala skema ta' għajnuna fit-tifsira tal-Artikolu 1(d) tal-Parti II tal-Protokoll 3 għall-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti. F'dan ir-rigward, l-Awtorità tfakkar li fil-Kawża C-310/99, il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja ddikjarat li: "Ma kien hemm l-ebda ħtieġa għad-deċiżjoni kkontestata li tinkludi analiżi tal-għotja mogħtija f'każi individwali fuq il-bażi tal-iskema. Huwa biss fl-istadju tal-irkupru tal-għajnuna li hemm għalfejn li wieħed iħares lejn is-sitwazzjoni indivdwali ta' kull intrapriża kkonċernata." ([48]) Skond dik il-ġurisprudenza, l-Awtorità vvalutat l-Iskema tal-Injam fuq il-bażi tal-karatteristiċi tal-iskema (aktar milli l-ispeċifiċitajiet tal-għotjiet individwali taħt l-iskema). L-argumenti tal-awtoritajiet Norveġiżi ma jistgħux jaffetwaw dik il-valutazzjoni imma se jidħlu fil-kwistjoni jekk u meta jiġi diskuss l-irkupru. Il-konklużjoni rigward il-kompatibbiltà jew le tal-iskema mal-funzjonament tal-Ftehim taż-ŻEE ma tippreġudikax il-kwistjoni tal-irkupru f'eżempji individwali fejn ingħatat l-għajnuna. Kif ġie nnotat fis-sentenza kkwotata aktar 'il fuq, dak huwa t-tieni pass u l-irkupru se jkun ordnat biss f'dawk il-każi fejn id-dispożizzjonijiet sostantivi dwar l-għajnuna mill-Istat ikunu effettivament inkisru.

([46]) Kawżi Magħquda E-5/04, E-6/04 u E-7/04 *Fesil u Finnfjord* [2005] Rapport tal-Qorti tal-EFTA p. 117, paragrafu 77. Din is-sentenza tikkonferma l-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja kif ġiet stabbilita fil-Kawża C-75/97 *Il-Belġju* vs *Il-Kummissjoni* [1999] ECR I-3671, paragrafu 33. Ara wkoll Kawża C-66/02 *L-Italja* vs *Il-Kummissjoni* [2005] ECR I-10901, paragrafu 95.

([47]) F'dan ir-rigward, ara Kawża 730/79 *Philip Morris* vs *Il-Kummissjoni* [1989] ECR p. 2671, paragrafu 11, fejn ġie ddikjarat li "Meta għajnuna finanzjarja mill-Istat issaħħaħ il-pożizzjoni ta' intrapriża meta pparagunata ma' intrapriżi oħrajn li qed jikkompetu f'kummerċ intra-Komunitarju, tal-aħħar iridu jitqiesu bħala li ġew affetwati minn dik l-għajnuna."

([48]) Kawża C-310/99 *L-Italja* vs *Il-Kummissjoni* [2002] ECR p. I-2289, paragrafu 91. Fil-Kawża C-66/02 *L-Italja* vs *Il-Kummissjoni* [2005] ECR p. I-10901, paragrafu 91, il-Qorti tal-Ġustizzja "Fil-każ ta' sistema ta' għajnuna, il-Kummissjoni tista' tillimita ruħha għal analiżi tal-karatteristiċi ġenerali tas-sistema in kwistjoni mingħajr ma tkun obbligata li teżamina kull każ ta' applikazzjoni partikolari […], sabiex tivverifika jekk is-sistema fihiex elementi ta' għajnuna.". Ara wkoll Kawża E-2/05 *ESA* vs *L-Iżlanda* [2005] Rapport tal-Qorti tal-EFTA p. 202, paragrafu 24.

L-Awtorità tosserva li l-awtoritajiet Norveġiżi ma kkontestawx li l-Iskema tal-Injam tippermetti l-għotja ta' finanzjament lir-riċeventi rigward il-prodotti koperti mill-Ftehim taż-ŻEE, bħall-injam. L-awtoritajiet Norveġiżi lanqas ma kkontestaw li l-Iskema tal-Injam tinkludi l-possibbiltà li jiġu ffinanzjati entitajiet li jikkwalifikaw bħala intrapriżi fit-tifsira tal-Artikolu 61(1) tal-Ftehim taż-ŻEE. Fl-aħħarnett, mhux ikkontestat li l-Isema tal-Injam ma ffinanzjatx esklussivament lill-benefiċjarji li pprovdew servizz bi tpattija.

Fi kliem ieħor, l-iskema stess ipprevediet l-għotja ta' għajnuna mill-Istat. Il-possibbiltà li ċerti riċeventi taħt l-Iskema tal-Injam jistgħu ma jaqgħux taħt l-ambitu tal-Ftehim taż-ŻEE (b'referenza għall-fatt li l-prodotti tagħhom ma jkunux koperti mill-Ftehim, jew li huma stess ma jkunux intrapriżi fit-tifsira tal-Artikolu 61(1) tal-Ftehim taż-ŻEE) ma tbiddilx il-kwalifika tal-Iskema tal-Injam bħala skema tal-għajnuna fit-tifsira tal-Artikolu 61(1) tal-Ftehim taż-ŻEE.

## 2. **Ir-rekwiżiti proċedurali**

Skond l-Artikolu 1(3) tal-Parti I tal-Protokoll 3 għall-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti, "l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha tiġi informata, fi żmien biżżejjed sabiex tkun tista' tressaq il-kummenti tagħha, bi kwalunkwe pjan biex tingħata jew titbidell l-għajnuna […]. L-Istat ikkonċernat m'għandux jimplimenta l-miżuri proposti tiegħu sakemm il-proċedura tkun irriżultat f'deċiżjoni finali".

L-Awtorità l-ewwel tosserva li minħabba l-fatt li l-Kapitolu 44 tas-Sistema Armonizzata għad-Deskrizzjoni u l-Kodifika tal-Oġġetti (tal-injam u tal-oġġetti tal-injam) huwa kopert mill-Ftehim taż-ŻEE, l-Iskema tal-Injam trid tiġi vvalutata fuq il-bażi tal-Ftehim. L-awtoritajiet Norveġiżi ma nnotifikawx l-Iskema tal-Injam qabel l-implimentazzjoni tagħha u għalhekk ma rrispettawx l-obbligu li kellhom skond l-Artikolu 1(3) tal-Parti I tal-Protokoll 3 għall-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti. L-għajnuna mill-Istat mogħtija taħt l-Iskema tal-Injam għalhekk tikkostitwixxi "għajnuna illegali" fit-tifsira tal-Artikolu 1(f) tal-Parti II tal-Protokoll 3 għall-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti.

## 3. **Il-kompatibbiltà tal-għajnuna**

Bħala punt preliminari, l-Awtorità tinnota li filwaqt li l-Iskema tal-Injam tinkludi dettalji pereżempju, dwar għanijiet u spejjeż eliġibbli, ma jidher li kienet tinkludi l-ebda kundizzjoni fejn kellha tingħata l-għajnuna. Skema bla ebda limitu speċifiku għall-għoti tal-għajnuna (*eż.* rigwrd l-intensità tal-għajnuna) mhix xiħaġa li tista' tiġi awtorizzata mill-Awtorità bħala kompatibbli mal-funzjonament tal-Ftehim taż-ŻEE. Il-fatt li, fil-prattika, il-Linji Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat tal-Awtorità setgħu ġew irrispettati f'każi individwali ma jbiddilx din il-pożizzjoni imma, kif ġie nnotat aktar 'il fuq fil-punt I-1.5, sempliċement għandu effett fuq jekk l-irkupru hux meħtieġ.

Madankollu, f'dan il-kuntest, l-Awtorità tosserva li l-awtoritajiet Norveġiżi ddikjaraw li -referenza fir-Rapport tal-Grupp ta' Ħidma għall-implimentazzjoni tal-iskema fuq il-bażi ta' "*prinċipji u prattiki*" fil-limiti tad-dritt taż-ŻEE hija referenza impliċita għal-Linji Gwida Interni taż-ŻEE. L-Awtorità tifhem li l-argument huwa li dawk il-Linji Gwida, li jistabbilixxu, pereżempju, l-intensitajiet massimi tal-għajnuna permessi skond id-dritt taż-ŻEE f'diversi sitwazzjonijiet, kellhom jitqiesu bħala r-regoli tal-Iskema u l-kundizzjonijiet li fuqhom kellha tingħata l-għajnuna taħt l-Iskema tal-Injam. Fi kliem ieħor, l-Iskema kienet tinkludi sett identifikabbli ta' regoli li jillimitaw l-għotja tal-għajnuna taħt l-Iskema.

Sal-punt li l-awtoritajiet Norveġiżi jinnotaw li "*il-Linji Gwida jiġu kontinwament riveduti*" għandu jitfakkar li l-kompatibbiltà ta' għajnuna illegali tal-Istat mal-funzjonament tal-Ftehim taż-ŻEE għandha tiġi vvalutata skond il-kriterji sostantivi stabbiliti fl-istrument fis-seħħ fiż-żmien meta ngħatat l-għajnuna jew, fil-każ ta' skema, meta l-iskema kienet stabbilita. Barra min hekk, kull reviżjoni tar-regoli ta' skema trid tiġi vvalutata sabiex jiġi ddeterminat jekk tikkostitwix bidla fl-iskema fit-tifsira tad-Deċiżjoni 195/04/COL. ([49]) Il-valutazzjoni t'aktar 'l isfel għalhekk tanalizza jekk il-Linji Gwida Interni taż-ŻEE ta' Innovasjon Norge, inklużi l-bidliet sussegwenti fihom, bħar-regoli tal-Iskema tal-Injam, setgħux jitqiesu kompatibbli mal-funzjonament tal-Ftehim taż-ŻEE u b'mod partikolari mal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat tal-Awtorità u mar-Regolamenti ta' eżenzjoni ta' kategorija peress li kienu applikabbli f'kull waqt minn dawn.

### 3.1. *Il-kompatibbiltà ma' l-Artikolu 61(2) tal-Ftehim taż-ŻEE*

L-ebda waħda mill-eċċezzjonijiet fl-Artikolu 61(2) tal-Ftehim taż-ŻEE ma tapplika f'dan il-każ peress li l-Iskema tal-Injam mhix immirata lejn l-għanijiet elenkati f'dawk id-dispożizzjonijiet.

### 3.2. *Il-kompatibbiltà ma' l-Artikolu 61(3) tal-Ftehim taż-ŻEE*

Miżura ta' għajnuna mill-Istat titqies li hija kompatibbli mal-funzjonament tal-Ftehim taż-ŻEE skond l-Artikolu 61(3)(a) tal-Ftehim taż-ŻEE meta tkun imfassla sabiex tippromwovi l-iżvilupp ekonomiku ta' żoni fejn l-istandard tal-għajxien ikun baxx b'mod anormali jew fejn ikun hemm livelli serji ta' qgħad. Madankollu, peress li mhemm l-ebda żona bħal din iddefinita mill-mappa Norveġiża tal-għajnuna reġjonali, din id-dispożizzjoni mhix rilevanti. ([50])

Barra minn hekk, l-eċċezzjoni fl-Artikolu 61(3)(b) tal-Ftehim taż-ŻEE ma tapplikax peress li l-għajnuna mill-Istat mogħtija taħt l-Iskema tal-Injam mhix maħsuba biex tippromwovi t-twettiq ta' proġett importanti ta' interess komuni Ewropew jew li tkun ta' rimedju għal disturb serju fl-ekonomija tan-Norveġja.

([49]) Id-Deċiżjoni Nru 195/04/COL tal-Awtorità tal-14 ta' Lulju 2004 (ĠU L 139, 25.05.2006, p. 37), kif emendata mid-Deċiżjoni Nru 319/05/COL tal-Awtorità tal-14 ta' Diċembru 2005 (ĠU C 286, 23.11.2006, p. 9). Ara wkoll Kawża T-195/01 *Ġibiltà* vs *Il-Kummissjoni* [2001] ECR II-3915. Għandu jiġi nnotat li peress li l-istabbilment inizjali tal-iskema kien "illegali" f'termini proċedurali, il-modifikazzjonijiet sussegwenti kollha f'dik l-iskema wkoll iridu jiġu trattati bħala għajnuna illegali.

([50]) Ara d-Deċiżjoni Nru 327/99/COL tal-Awtorità tas-16 ta' Diċembru 1999 dwar il-mappa ta' żoni mgħejjuna u l-livelli tal-għajnuna (In-Norveġja).

Madankollu, l-eċċezzjoni stabbilita fl-Artikolu 61(3)(c) ŻEE li tipprovdi li l-għajnuna mill-Istat tista' titqies li hija kompatibbli mas-suq komuni fejn tiffaċilita l-iżvilupp ta' ċerti attivitajiet ekonomiċi jew ta' ċerti oqsma ekonomiċi u ma taffetwax ħażin il-kundizzjonijiet kummerċjali sa punt li jmur kontra l-interess komuni, tista' tkun applikabbli. Dan huwa minnu jekk il-miżura tkun konformi mal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat jew ma' kwalunkwe Regolament ta' eżenzjoni ta' kategorija applikabbli.

L-għajnuna reġjonali

L-intrapriżi jsiru eliġibbli għall-għajnuna reġjonali meta jkunu stabbiliti f'ċerti reġjuni ddefiniti b'referenza għall-mappa Norveġiża tal-għajnuna reġjonali, li ssemmiet aktar 'il fuq, u meta jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Linji Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat dwar l-għajnuna reġjonali. ([51])

L-awtoritajiet Norveġiżi argumentaw li l-għajnuna taħt l-Iskema tal-Injam ma ngħatatx fil-forma ta' għajnuna reġjonali. Madankollu, l-Awtorità tosserva li l-Iskema tal-Injam ġiet implimentata fuq il-bażi tal-Linji Gwida Interni taż-ŻEE li jipprovdu għall-possibbiltà li tingħata għajnuna reġjonali (għall-investiment). ([52]) Barra minn hekk, l-awtoritajiet irreferew għal każi fejn l-għajnuna għar-riċerka u l-iżvilupp ġiet miżjuda b'bonus ta' 5 % ta' għajnuna reġjonali (Trysil Skog AS hija eżempju wieħed).

L-Awtorità tosserva li l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Linji Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat dwar l-għotja tal-għajnuna reġjonali jridu jiġu sodisfatti anki f'każi fejn jingħata l-bonus tal-għajnuna reġjonali. Madankollu, la r-Rapport tal-Grupp ta' Ħidma u lanqas il-Linji Gwida Interni taż-ŻEE ma jirreferu għall-kundizzjonijiet li jridu jiġu sodisfatti sabiex tingħta l-għajnuna reġjonali, bħall-identifikazzjoni tal-benefiċċji reġjonali (fil-forma ta' investiment produttiv jew ta' ħolqien ta' impjiegi), u lanqas ma jinkludu referenza għall-mappa tal-għajnuna reġjonali tan-Norveġja. F'ċirkostanzi bħal dawn, l-Awtorità ma tistax isserraħ moħħha li d-dispożizzjonijiet dwar l-għajnuna reġjonali taħt l-Iskema tal-Injam huma skond il-Linji Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat dwar l-għajnuna reġjonali.

L-għajnuna għar-riċerka u l-iżvilupp

L-għajnuna mill-Istat għar-riċerka u l-iżvilupp tista' titqies li hija kompatibbli mal-funzjonament tal-Ftehim taż-ŻEE meta jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet rilevanti fil-Linji Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat. ([53]) Il-Linji Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat jistabbilixxu d-definizzjonijiet ta' tipi differenti ta' riċerka u żvilupp, jiġifieri, ir-"*riċerka fundamentali*", ir-"*riċerka industrijali*" u l-"*attività ta' żvilupp pre-kompetittiv*" u l-intensitajiet rispettivi tal-għajnuna li japplikaw għal kull waħda minn dawn il-kategoriji.

L-Awtorità tosserva li r-riċerka eliġibbli, l-ispejjeż eliġibbli u l-intensitajiet tal-għajnuna stabbiliti fil-Linji Gwida Interni taż-ŻEE jikkorrispondu għal dawk stabbiliti fil-Linji Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat dwar ir-riċerka u l-iżvilupp ħlief rigward l-istudji tekniċi preparatorji. Filwaqt li t-tabella tal-intensitajiet tal-għajnuna fil-Linji Gwida Interni taż-ŻEE għall-istudji tekniċi preparatorji mwettqa mill-intrapriżi l-kbar fil-kuntest ta' riċerka pre-kompetittiva tirreferi għal żewġ intensijiet tal-għajnuna differenti, jiġifieri, 50 % u 55 %, ([54]) il-Linji Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat espliċitament jipprovdu li, għar-riċerka pre-kompetittiva, il-kombinazzjoni tal-bonusijiet ma tistax tirriżulta f'intensità tal-għajnuna li teċċedi l-50 %. ([55])

Meta jitqies li waħda mill-intensitajiet tal-għajnuna stabbiliti fil-Linji Gwida Interni taż-ŻEE mhix skond il-Linji Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat u li mhemm l-ebda evidenza tal-eżistenza ta' struzzjoni lill-persuni li jimmaniġġjaw il-każi biex japplikaw l-intensità tal-għajnuna għall-iskema OFU/IFU, li hija skond il-Linji Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat, jidher li r-regoli tal-Iskema tal-Injam jipprevedu intensità possibbli tal-għajnuna li teċċedi l-ammont massimu stabbilit fil-Linji Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat. Barra minn hekk, l-Awtorità ma rċeviet l-ebda argument biex taċċetta intensità akbar tal-għajnuna minn dik stabbilita fil-Linji Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat.

L-għajnuna għall-SMEs u l-għajnuna għat-taħriġ

L-għajnuna mogħtija skond ir-Regolamenti ta' eżenzjoni ta' kategorija dwar l-għajnuna għall-SMEs u/jew l-għajnuna għat-taħriġ titqies li hija kompatibbli mal-funzjonament tal-Ftehim taż-ŻEE sakemm l-iskema tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha tar-Regolament rilevanti ta' eżenzjoni ta' kategorija u tinkludi referenza espliċita għalih (billi jiġu ċċitati t-titolu u r-referenza tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. ([56]) Madankollu, la l-baġits tal-Istat u lanqas ir-Rapport tal-Grupp ta' Ħidma jew kwalunkwe wieħed mix-xogħlijiet leġiżlattivi preparatorji l-oħra rigward l-Iskema tal-Injam ma jinkludu referenza għall-applikazzjoni ta' Regolament ta' eżenzjoni ta' kategorija dwar l-għajnuna għall-SMEs jew għar-Regolament ta' eżenzjoni ta' kategorija dwar l-għajnuna għat-taħriġ. Barra minn hekk, l-Awtorità ma rċeviet l-ebda informazzjoni mingħand l-awtoritajiet Norveġiżi dwar l-applikazzjoni ta' kwalunkwe wieħed mir-Regolamenti ta' eżenzjoni ta' kategorija għall-pubblikazzjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. L-awtoritajiet Norveġiżi, għalhekk, ma kinux konformi mar-rekwiżiti fir-Regolamenti ta' eżenzjoni ta' kategorija u għaldaqstant ma jistax jitqies li l-Iskema tal-Injam hija konformi ma' l-eżenzjonijiet ta' kategorija.

([51]) Il-Kapitolu 25 preċedenti tal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat dwar l-għajnuna reġjonali kien sostitwit mil-Linji Gwida ġodda fis-6 ta' April 2006 u mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1628/2006 (inkorporat b'Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt Nru 157/2006, ippubblikat fil-ĠU L 89, 29.03.2007, p. 33, u s-Suppliment taż-ŻEE Nru 15, 29.03.2007, p. 24). Ir-Regolament daħal fis-seħħ fid-9 ta' Diċembru 2006.

([52]) Ara l-limiti massimi (tal-għajnuna reġjonali) li jissemmew fit-tabella mehmuża mal-Linji Gwida Interni taż-ŻEE u l-parti spjegattiva dwar l-għajnuna għall-investiment (it-taqsima 4.6).

([53]) Il-Linji Gwida preċedenti dwar ir-riċerka u l-iżvilupp kienu sostitwiti minn Linji Gwida ġodda fis-7 ta' Frar 2007.

([54]) Il-verżjonijiet tal-2000 u tal-2001 jidher li bl-ebda mod ma jiffissaw intensità speċifika tal-għajnuna għal studji tekniċi preparatorji.

([55]) It-Taqsima 5.3(7) ta' dak li kien il-Kapitolu 14 tal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat dwar l-għajnuna għar-riċerka u l-iżvilupp.

([56]) Ara l-Artikolu 3(3) fir-Regolament ta' eżenzjoni ta' kategorija dwar l-SMEs u dwar l-għajnuna għat-taħriġ, rispettivament. Il-konformità mal-kundizzjonijiet formali tal-eżenzjoni ta' kategorija teżenta l-miżura tal-għajnuna mir-rekwiżiti tan-notifika.

Minkejja dan, jista' jitqies li l-Iskema tal-Injam hija kompatibbli mal-funzjonament tal-Ftehim taż-ŻEE fuq il-bażi tal-Artikolu 61(3)(c) tal-Ftehim taż-ŻEE fid-dawl tal-prinċipji materjali stabbiliti fir-Regolamenti ta' eżenzjoni ta' kategorija dwar l-għajnuna għall-SMEs u għat-taħriġ. F'dan ir-rigward, l-Awtorità tosserva li d-definizzjonijiet, l-ispejjeż eliġibbli u l-intensitajiet tal-għajnuna kollha dwar l-għajnuna għat-taħriġ fil-Linji Gwida Interni taż-ŻEE ([57]) jikkorrispondu għar-Regolament ta' eżenzjoni ta' kategorija dwar l-għajnuna għat-taħriġ. Barra minn hekk, id-definizzjonijiet, l-ispejjeż eliġibbli u l-intensità applikabbli tal-għajnuna għas-servizzi ta' konsulenza u għall-fieri għall-SMEs fil-Linji Gwida Interni taż-ŻEE ([58]) jikkorrispondu għar-Regolament ta' eżenzjoni ta' kategorija dwar l-SMEs.

Madankollu, skond it-taqsima 4.3.2 tal-Linji Gwida Interni taż-ŻEE, l-għajnuna għall-SMEs tista' tingħata għal "netwerk u kooperazzjoni" li huma finijiet li, b'mod ċar, jaqgħu barra mill-ambitu tad-dispożizzjonijiet materjali fir-Regolament ta' eżenzjoni ta' kategorija dwar l-SMEs. Għalhekk il-kwistjoni hija jekk finanzjament għal tali finijiet jistax jitqies kompatibbli fuq il-bażi tal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat dwar l-SMEs jew fuq il-bażi tal-prinċipji materjali stabbiliti hemmhekk direttament skond l-Artikolu 61(3)(c) tal-Ftehim taż-ŻEE. ([59])

Il-Linji Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat jiddikjaraw li jista' jingħata finanzjament lill-SMEs għal "kooperazzjoni" sakemm il-kompetizzjoni ma tkunx affetwata sa punt li jmur kontra l-interess komuni. Fuq din il-bażi, l-Awtorità tqis li l-possibbiltà fil-Linji Gwida Interni taż-ŻEE li l-SMEs jiġu ffinanzjati għall-"identifikazzjoni tal-imsieħba tax-xogħol, għall-istrateġiji u għall-formalizzazzjoni tal-kooperazzjoni waqt il-fażi ta' stabbiliment" jistgħu jkunu aċċettabbli.

B'kuntrast, l-Awtorità tqis li l-possibbiltà li jiġu ffinanzjati "*azzjonijiet konġunti straordinarji*" mhux identifikati ([60]) waqt il-"*fażi operattiva*" tiftaħ il-possibbiltà li jiġu ffiunanzjati firxa wiesgħa ta' miżuri, ikun meta jkun, li mhux bilfors ikunu jaqgħu fl-ambitu tal-kooperazzjoni bejn l-SMEs u għalhekk jistgħu jaffetwaw il-kompetizzjoni sa punt li jmur kontra l-interess komuni. Meta saru xi mistoqsijiet dwar din il-kwistjoni lill-awtoritajiet Norveġiżi, l-awtoritajiet argumentaw li l-finanzjament skond din id-dspożizzjoni huwa mmirat biss lejn is-servizzi ta' konsulenza. Madankollu, fl-istess kuntest l-awtoritajiet iddikjaraw li d-dispożizzjoni nfetħet ukoll għall-possibbiltà li jiġu ffinanzjati "*servizzi relatati*" fil-kuntest tal-għajnuna għan-networks.

L-Awtorità tqis li fuq il-bażi ta' tali dispożizzjonijiet vagi u miftuħa, hija ma tistax isserraħ moħħha li r-regoli tal-iskema rigward il-finanzjament għall-SMEs huma skond il-Linji Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat dwar l-SMEs jew skond il-prinċipji materjali inklużi hemmhekk u għalhekk ma jistgħux jiġu approvati skond l-Artikolu 61(3)(c) tal-Ftehim taż-ŻEE bħala kompatibbli mal-funzjonament tal-Ftehim taż-ŻEE.

*Il-prattika li jiġu ffinanzjati 100 % tal-ispejjeż tal-proġett*

Ir-Rapport tal-Grupp ta' Ħidma jipprovdi li l-iskema tista' tiffinanzja l-ispejjeż kollha tal-proġett f'każ li jkun diffiċli li jiġi identifikat xiħadd li jista' jibbenefika direttament mill-proġett. L-awtoritajiet spjegaw li finanzjament ta' 100 % tal-ispejjeż tal-proġett isir, pereżempju, f'każi fejn ikun diffiċli li jiġu identifikati l-benefiċjarji diretti, jew jitqies li r-riċeventi jirċievu benefiċċju modest biss (*jiġifieri*, studji u rapporti preliminari f'oqsma speċjali fil-mira), fuq il-bażi li f'dawn il-każi ma tkun preżenti l-ebda għajnuna. ([61])

Rigward din il-prattika, iridu jsiru ż-żewġ kummenti li ġejjin: 1) għalkemm l-awtoritajiet Norveġiżi jirreferu għal studji u rapporti preliminari bħala eżempji ta' każi fejn mhi involuta l-ebda għajnuna, il-Linji Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat dwar ir-riċerka u l-iżvilupp jistabbilixxu l-intensitajiet massimi tal-għajnuna għall-istudji ta' fattibbiltà teknika li juri li l-finanzjament għall-istudji (anki ta' karattru preparatorju) jista' jinvolvi għajnuna mill-Istat ([62]); u 2) sakemm l-ammont tal-għajnuna involuta ikun taħt il-limitu *de minimis*, li r-riċevent jirċievi benefiċċju modest, minnu nnifsu ma jeskludix il-preżenza ta' għajnuna mill-Istat.

Fuq din il-bażi, l-Awtorità tqis li l-prattika li jiġu ffinanzjati 100 % tal-ispejjeż ta' proġett mhix ibbażata fuq kriterji li għandhom jiżguraw li l-preżenza ta' għajnuna mill-Istat ġiet eskluża u peress li finanzjament ta' 100 % mhux aċċettabbli skond l-ebda taqsima tal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat, f'dan il-każ lanqas ma ġie argumentat li tali intensità tal-għajnuna tkun iġġustifikata direttament skond l-Artikolu 61(3)(c) tal-Ftehim taż-ŻEE, l-Awtorità tqis li skema li tippermetti tali prattika mhix kompatibbli mal-funzjonament tal-Ftehim taż-ŻEE.

*Konklużjonijiet*

Kif jidher minn dak li ngħad aktar 'il fuq, fuq diversi punti, l-Iskema tal-Injam mhix konformi mal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat u ma tikkwalifikax għall-eċċezzjoni direttament skond l-Artikolu 61(3)(c) tal-Ftehim taż-ŻEE. Għaldaqstant, l-Awtorità tqis li l-Iskema tal-Injam ma tistax titqies kompatibbli mal-funzjonament tal-Ftehim taż-ŻEE.

### 3.3. *L-għajnuna de minimis*

Skond l-awtoritajiet Norveġiżi, l-Iskema tal-Injam tinkludi dispożizzjonijiet li jistabbilixxu kundizzjonijiet, li meta jiġu sodisfatti, jiżguraw li l-għotjiet jikkwalifikaw bħala għajnuna *de minimis*. L-Awtorità tqis li d-dispożizzjonijiet rilevanti taħt l-Iskema tal-Injam mhumiex konformi mar-regoli *de minimis*.

---

([57]) It-Taqsima 4.4 tagħhom.

([58]) It-Taqsima 4.3 u 4.3.1 tagħhom.

([59]) Il-kapitolu preċedenti fil-Linji Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat dwar l-għajnuna għall-SMEs mis-26 ta' Ġunju 2002 ħadlu postu r-Regolament ta' eżenzjoni ta' kategorija dwar l-SMEs.

([60]) Tali miżuri jinkludu miżuri simili għat-titjib fir-rendiment ("*kompetansehevning*").

([61]) Il-prattika li jiġu ffinanzjati 100 % tal-ispejjeż tal-proġett tqajjem kemm kwistjoni rigward il-preżenza ta' għajnuna mill-Istat kif ukoll kwistjoni ta' kompatibbiltà. Meta titqies ir-referenza fir-Rapport tal-Grupp ta' Ħidma għal din il-possibbiltà, wieħed jassumi li l-Iskema tipprevedi tali prattika u li l-kompatibbiltà tad-dispożizzjonijiet li jirregolaw dik il-prattika jridu jiġu vvalutati għall-kompatibbiltà (din it-taqsima). Il-kwistjoni li tikkonċerna l-preżenza (jew l-assenza) tal-għajnuna mill-Istat se tkun rilevanti biss għall-kwistjoni tal-irkupru.

([62]) It-Taqsima 5.3(7) ta' dak li kien il-Kapitolu 14 dwar l-għajnuna għar-riċerka u l-iżvilupp.

L-għotja ta' għajnuna tista' tikkwalifika bħala *de minimis* skond il-Linji Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat jew skond ir-Regolament *de minimis* sussegwenti bil-konsegwenza li l-miżura ma tikkostitwix għajnuna mill-Istat fit-tifsira tal-Artikolu 61(1) tal-Ftehim taż-ŻEE u li ma jkun hemm l-ebda obbligu ta' notifika. Peress li l-Iskema tal-Injam kienet implimentata bejn l-1 ta' Lulju 2000 u tmiem l-2005, iż-żewġ settijiet tar-regoli *de minimis* huma rilevanti għall-valutazzjoni tal-iskema. (63)

Kemm ir-Regolament *de minimis* kif ukoll il-Linji Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat jipprovdu li l-awtoritajiet nazzjonali jistgħu jagħtu għajnuna *de minimis* biss wara li l-ewwel ikunu vverifikaw li l-amont totali tal-għajnuna *de minimis* li tkun irċeviet il-kumpanija ma jiżdiedx minħabba għajnuna *de minimis* oħra li tkun irċeviet matul it-tliet snin preċedenti. Skond kemm ir-Regolament *de minimis* kif ukoll il-Linji Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat, mod aċċettabbli biex jiġi vverifikat il-limitu *de minimis* huwa billi tinkiseb informazzjoni dwar din il-kwistjoni mingħand ir-riċevent. (64)

Meta tingħata għajnuna *de minimis* taħt l-Iskema tal-Injam, issir referenza għar-regoli *de minimis* u r-riċeventi jiġu informati b'obbligu li jinformaw lill-awtoritajiet b'għajnuna *de minimis* oħra li jkunu rċevew tliet snin wara li ngħata l-kunsens biex jirċievu l-għajnuna *de minimis*.

Fid-deċiżjoni li tat bidu għall-proċedura ta' investigazzjoni formali, l-Awtorità kienet tal-fehma li peress li dan l-obbligu ta' informazzjoni jikkonċerna biss lil għajnuna *de minimis* li kienet riċevuta *wara* li ġiet riċevuta l-għajnuna taħt l-Iskema tal-Injam, ir-riċeventi ma ġewx meħtieġa jressqu informazzjoni dwar jekk irċevewx kwalunkwe għajnuna *de minimis qabel* ma rċevew l-għajnuna *de minimis* taħt l-Iskema tal-Injam. Madankollu, l-awtoritajiet Norveġiżi argumentaw li l-ittra ta' kunsens tirreferi wkoll għar-regola li l-għajnuna li tkun ġiet riċevuta tul "*kwalunkwe perjodu ta' tliet snin*" ma tistax teċċedi l-limitu *de minimis*.

L-Awtorità tosserva li r-rekwiżit li r-riċevent irid jinforma rigward għajnuna mogħtija "*minn żmien l-ittra ta' kunsens*" jikkontradixxi r-referenza għar-regola li l-għajnuna riċevuta waqt "*kwalunkwe perjodu ta' tliet snin*" ma tistax teċċedi l-limitu *de minimis*. F'ċirkostanzi bħal dawn, l-Awtorità tista' sserraħ moħħha li riċevent jipperċepixxi b'mod ċar li dan il-messaġġ huwa obbligu li jinforma rigward l-għajnuna li rċieva waqt "*kwalunkwe perjodu ta' tliet snin*". Għaldaqstant, l-Awtorità qed iżżomm il-pożizzjoni inizjali tagħha li, sakemm id-dispożizzjonijiet in kwistjoni għandhom jitqiesu bħala parti mir-regoli tal-iskema, ma jistax jiġi konkluż li dawn jiżguraw *ex ante* li hemm konformità mad-dispożizzjonijiet dwar l-għajnuna *de minimis*. (65)

Barra minn dan, l-Awtorità tosserva li, għallinqas fil-verżjonijiet tal-Linji Gwida Interni taż-ŻEE ta' Settembru 2004 u ta' Lulju 2005, l-Iskema tal-Injam ipprovdiet għal prattika fejn l-għajnuna mill-Istat approvata, pereżempju, għar-riċerka u l-iżvilupp, setgħet tiġi miżjuda b'aktar għajnuna mogħtija bħala għajnuna *de minimis*. (66) Skond id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni f'*Kahla Porzellan GmbH*, l-Awtorità tqis li jekk l-għajnuna teċċedi l-limitu *de minimis* – minħabba l-finanzjament totali mogħti lill-istess intrapriża fi żmien tliet snin – l-ammont totali jrid jitqies bħala għajnuna mill-Istat. (67) Fuq din il-bażi, l-Awtorità tqis li prattika fejn il-limitu *de minimis* jiġi rrispettat biss għal parti mill-għajnuna mogħtija lil intrapriża timplika, essenzjalment, li l-ammont totali mogħti jista' jeċċedi l-limitu *de minimis*. (68)

Minħabba dak li ngħad aktar 'il fuq, l-Awtorità tqis li d-dispożizzjonijiet rilevanti taħt l-Iskema tal-Injam mhumiex konformi mar-regoli *de minimis* u li għaldaqstant l-Iskema ma tistax tkun approvata bħala kompatibbli mal-funzjonament tal-Ftehim taż-ŻEE.

## 4. **Konklużjoni**

Fuq il-bażi tal-informazzjoni mressqa mill-awtoritajiet Norveġiżi, l-Awtorità hija tal-fehma li l-Iskema tal-Injam tinvolvi l-għotja ta' għajnuna mill-Istat fit-tifsira tal-Artikolu 61(1) tal-Ftehim taż-ŻEE li mhix kompatibbli mal-Ftehim. Madankollu, skond il-prattika tal-Kummissjoni f'dan ir-rigward, l-Awtorità tqis li għalkemm l-Iskema tal-Injam, meta meqjusa bħala skema, mhix kompatibbli mal-funzjonament tal-Ftehim taż-ŻEE, l-għotjiet ta' għajnuna individwali mogħtija taħt l-Iskema tal-Injam li jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fil-Linji Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat dwar l-SMEs u/jew dwar ir-riċerka u l-iżvilupp, jew mar-regoli materjali fir-Regolamenti ta' eżenzjoni ta' kategorija dwar l-għajnuna għall-SMEs u għat-taħriġ tista' tiġi ddikjarata kompatibbli mal-funzjonament tal-Ftehim taż-ŻEE. (69)

(63) Kif ġie ddikjarat mill-awtoritajiet Norveġiżi, hija d-data meta l-awtoritajiet Norveġiżi taw il-kunsens tagħhom ("*tilsagn*") li tiddetermina jekk il-Kapitolu 12 preċedenti tal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat jew ir-Regolament *de minimis* sussegwenti ikunx applikabbli għall-għotja in kwistjoni.

(64) F'dan ir-rigward ara r-referenza għal "modalità ta' kontroll" fil-Linji Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat.

(65) Il-fatt li bosta kunsensi jistgħu jkunu taħt il-limitu *de minimis* mhux rilevanti peress li l-Awtorità, sabiex jiġi analizzat jekk l-għajnuna mill-Istat hiex kompatibbli, hija limitata għalli tqis it-termini tal-Iskema tal-Injam. Is-sitwazzjoni fattwali se tkun rilevanti għall-kwistjoni tal-irkupru.

(66) Ara t-taqsima I-2.5 t'aktar 'il fuq għal deskrizzjoni tal-prattika.

(67) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/643/KE tat-13 ta' Mejju 2003 dwar l-għajnuna mill-Istat implimentata mill-Ġermanja għal Kahla Porzellan GmbH u Kahla/Thüringen Porzellan GmbH (ĠU L 227, 11.9.2003, p. 12). B'mod simili, meta jiġi vvalutat jekk kienx hemm konformità ma' l-intensitajiet rilevanti tal-għajnuna stabbiliti fil-Linji Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat, irid jitqies l-ammont totali tal-għajnuna mogħtija lill-istess intrapriża.

(68) Għandu jiġi nnotat li l-intensitajiet rilevanti tal-għajnuna jridu jiġu rrispettati wkoll. Fejn l-għajnuna *de minimis* tingħata flimkien ma' għajnuna oħra, l-ammont totali tal-għajnuna ma jistax jeċċedi l-intensitajiet massimi tal-għajnuna għad-diversi kategoriji ta' għajnuna. naturalment. Dan, naturalment, huwa biss rilevanti fejn l-għajnuna totali ma tikkwalifikax bħala għajnuna *de minimis*.

(69) Ara, pereżempju, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/343/KE tas-16 ta' Diċembru 2003 dwar l-iskema ta' għajnuna implimentata minn Franza għat-teħid ta' kontroll ta' ditti f'diffikultà (ĠU L 108, 16.4.2004, p. 38), u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/86/KE tal-20 ta' Diċembru 2001 dwar skema ta' għajnuna mill-Istat implimentata minn Spanja fl-1993 għal ċerti ditti li kienu għadhom kemm ġew stabbiliti f'Vizcaya (Spanja) (ĠU L 40, 14.2.2003, p. 11).

Peress li l-Iskema tal-Injam ma ġietx innotifikata lill-Awtorità, kwalunkwe għajnuna fit-tifsira tal-Artikolu 61(1) tal-Ftehim taż-ŻEE mogħtija taħt l-Iskema tal-Injam tikkostitwixxi għajnuna illegali fit-tifsira tal-Artikolu 1(f) tal-Parti II tal-Protokoll 3 għall-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti. Mill-Artikolu 14 tal-Parti II tal-Protokoll 3 għall-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti jirriżulta li l-Awtorità għandha tiddeċiedi li l-għajnuna illegali li mhix kompatibbli mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat skond il-Ftehim taż-ŻEE trid tiġi rkuprata mill-benefiċjarji. Madankollu, dan kollu huwa mingħajr preġudizzju għal (i) għotjiet ta' għajnuna individwali li jissodisfaw il-kundizzjonijiet għall-għajnuna *de minimis* skond il-Linji Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat or ir-Regolament *de minimis*; u (ii) jiġi konkluż li l-għotjiet individwali huma kompatibbli fuq il-bażi tal-konformità mal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat dwar l-SMEs u/jew ir-riċerka u l-iżvilupp, jew mar-regoli materjali fir-Regolamenti ta' eżenzjoni ta' kategorija dwar l-għajnuna għall-SMEs u għat-taħriġ, u li jissodisfaw l-intensijiet rilevanti tal-għajnuna stabbiliti hemmhekk,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Iskema tal-Injam mhix kompatibbli mal-funzjonament tal-Ftehim taż-ŻEE fit-tifsira tal-Artikolu 61(1) tal-Ftehim taż-ŻEE.

*Artikolu 2*

L-għotjiet ta' għajnuna individwali mogħtija taħt l-Iskema tal-Injam ma jikkostitwux għajnuna mill-Istat jekk jissodisfaw il-kundizzjonijiet dwar l-għajnuna *de minimis* stabbiliti fil-Linji Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat jew fir-Regolament *de minimis*, liema minnhom kien applikabbli fi żmien l-għotja.

*Artikolu 3*

L-għotjiet tal-għajnuna individwali mogħtija taħt l-Iskema tal-Injam li jissodisfaw il-kriterji fil-Linji Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat dwar l-SMEs u/jew ir-riċerka u l-iżvilupp, jew mar-regoli materjali fir-Regolamenti ta' eżenzjoni ta' kategorija dwar l-għajnuna għall-SMEs u għat-taħriġ, huma kompatibbli mal-funzjonament tal-Ftehim taż-ŻEE sa l-ammont tal-intensijiet ammissibbli tal-għajnuna.

*Artikolu 4*

L-awtoritajiet Norveġiżi għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jirkupraw l-għajnuna li tissemma fl-Artikolu 1 għajr dik li tissemma fl-Artikoli 2 u 3.

*Artikolu 5*

L-irkupru għandu jsir mingħajr dewmien u skond il-proċeduri tad-dritt nazzjonali sakemm dawn jippermettu t-twettiq immedjat u effettiv tad-deċiżjoni. L-għajnuna li għandha tkun irkuprata għandha tinkludi l-imgħax u l-imgħax kompost mid-data meta kienet għad-dispożizzjoni tal-benefiċjarji sad-data tal-irkupru tagħha. L-imgħax għandu jiġi kkalkulat fuq il-bażi tal-Artikolu 9 fid-Deċiżjoni Nru 195/04/COL. ([70])

*Artikolu 6*

L-awtoritajiet Norveġiżi għandhom jinformaw lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, fi żmien xahrejn min-notifika ta' din id-Deċiżjoni, bil-miżuri li ħadu sabiex ikunu konformi magħha.

*Artikolu 7*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju tan-Norveġja.

*Artikolu 8*

Il-verżjoni bl-Ingliż biss hija awtentika.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Jannar 2008.

*Għall-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA*

| | |
|---|---|
| Per SANDERUD | Kurt JAEGER |
| *Il-President* | *Membru tal-Kulleġġ* |

([70]) Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 49.

*ANNESS I*

## L-ISPEJJEŻ ELIĠIBBLI STABBILITI FIL-LINJI GWIDA INTERNI TAŻ-ŻEE

Rigward l-għajnuna għall-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju (SMEs) ([1]) l-ispejjeż eliġibbli huma (i) is-servizzi ta' konsulenza pprovduti minn konsulenti esterni (esklużi dawk ta' karattru kontinwu jew perjodiku u dawk relatati man-nefqa operattiva tas-soltu); (ii) il-parteċipazzjoni, għall-ewwel darba, f'fieri u f'esebizzjonijiet; u (iii) in-netwerking u l-kooperazzjoni kemm fil-fażi ta' stabbiliment kif ukoll f'dik tal-bidu. Il-fażi ta' stabbiliment tkopri l-finanzjament għall-identifikazzjoni tal-imsieħba tax-xogħol, l-iżvilupp ta' strateġiji, l-istrutturazzjoni u l-formalizzazzjoni tal-kooperazzjoni, eċċ. Il-fażi tal-bidu tkorpi l-ispejjeż amministrattivi għall-amministrazzjoni tal-kooperazzjoni matul l-ewwel tliet snin (li jonqsu progressivament) u "azzjonijiet konġunti straordinarji". Eżempju tal-aħħar hija "titjib fil-kompetenza" imma l-finanzjament taħt l-intestatura ta' "azzjonijiet konġunti straordinarji" jista' jingħata wkoll lil miżuri simili oħrajn kemm waqt il-fażi ta' stabbiliment kif ukoll sussegwentement waqt il-fażi operattiva.

Għall-finijiet tal-għotja tal-għajnuna għat-taħriġ issir distinzjoni bejn taħriġ speċifiku u taħriġ ġenerali. ta' l-aħħar ikopri tagħlim direttament u prinċipalment applikabbli għall-pożizzjoni preżenti jew futura tal-impjegat u li jipprovdi kwalifiki li mhumiex (jew huma biss sa ċertu punt) trasferibbli għal ditti oħrajn jew għal oqsma oħrajn tax-xogħol. It-taħriġ ġenerali huwa taħriġ li jinvolvi tagħlim, mhux applikabbli biss għall-pożizzjoni preżenti jew futura tal-impjegat, imma li jipprovdi kwalifiki li fil-parti l-kbira jkunu trasferibbli għal entitajiet oħrajn u li sostanzjalment itejbu l-impjegabbiltà tal-impjegat.

L-ispejjeż eliġibbli għat-taħriġ huma l-ispejjeż personali ta' min jagħmel it-taħriġ; l-ispejjeż tal-ivvjaġġar ta' min jagħmel u ta' min jieħu t-taħriġ; spejjeż oħra kurrenti (bħal materjali u provvisti); id-deprezzament tal-għodod u tat-tagħmir (sakemm jintużaw esklussivament għall-proġett tat-taħriġ); l-ispiża tas-servizzi ta' gwida u ta' għoti ta' pariri rigward il-proġett ta' taħriġ; l-ispejjeż ta' min qed jieħu t-taħriġ sa l-ammont tat-total tal-ispejjeż eliġibbli l-oħra li ssemmew. Jistgħu jitqiesu biss is-sigħat li matulhom dawk li qed jieħu t-taħriġ effettivament jipparteċipaw fit-taħriġ, wara t-tnaqqis ta' kwalunkwe siegħa produttiva jew l-ekwivalenti tagħha. L-ispejjeż eliġibbli għandhom ikunu sostnuti minn evidenza dokumentarja li għandha tkun trasparenti u fejn l-ispejjeż ikunu elenkati waħda waħda.

Rigward ir-riċerka u l-iżvilupp, il-Linji Gwida Interni taż-ŻEE jipprovdu li l-ispejjeż eliġibbli huma l-ispejjeż tal-persunal (riċerkaturi, tekniċi u persunal ta' għajnuna, esklussivament użati għal attività ta' riċerka u żvilupp), l-istrumenti, it-tagħmir, l-ispazju għax-xogħol u l-bini (użati b'mod permanenti u esklussivament għall-attività ta' riċerka u żvilupp); l-għajnuna għall-konsulenza u s-servizzi korrispondenti (użati esklussivament fil-kuntest tal-attività ta' riċerka u żvilupp) u l-amministrazzjoni direttament relatata ma' l-attività ta' riċerka u żvilupp. Spejjeż eliġibbli oħrajn jistgħu jkunu l-ispejjeż operattivi bħal materjali, provvisti u prodotti simili li jkunu direttament relaati ma' l-attività ta' riċerka u żvilupp.

Rigward l-"investmenti" (mill-SMEs u fil-kuntest tal-għajnuna reġjonali), l-ispejjeż eliġibbli huma l-bini, l-impjanti, il-magni, l-investimenti fundamentali kif ukoll l-ispejjeż b'relazzjoni għall-brevetti u għall-akkwist tal-brevetti, tal-liċenzji u tal-għarfien tekniku. Għall-proġetti fejn l-ispejjeż ta' investiment jeċċedu il-EUR 50 miljun japplikaw regoli speċjali.

Ma tistax tingħata għajnuna operattiva (iddefinita bħala kompiti ta' rutina jew spejjeż għat-tqassim, għall-kummerċjalizzazzjoni u għall-kontabbiltà).

---

([1]) It-termini ewlenin tad-definizzjoni tal-SMEs biss ġew iddikjarata fil-Linji Gwida Interni taż-ŻEE. Fi bnadi oħra ssir refrenza għad-definizzjoni oriġinali fil-Linji Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat.

*ANNESS II*

**IR-RATI MASSIMI TA' FINANZJAMENT GĦAL DIVERSI SKEMI AMMINISTRATI MINN INNOVASJON NORGE — ID-DAQS TAL-INTRAPRIŻI U L-OQSMA ELIĠIBBLI GĦALL-GĦAJNUNA**

— ( ) tindika li l-iskema hija biss eċċezzjonalment rilevanti għall-finijiet iddikjarati u/jew għat-tip ta' intrapriżi

— Taħt l-iskemi kollha, fuq il-bażi tar-regoli dwar l-għajnuna *de minimis*, jistgħu jingħataw sa EUR 100 000

| Miżura - Skema | Għan | SMEs (<250 impjegat u żewġ kriterji oħrajn) | | Intrapriżi kbar |
|---|---|---|---|---|
| | | Intrapriżi żgħar (< 50 impjegat u żewġ kriterji oħrajn) | Intrapriżi ta' daqs medju (< 250 impjegat u żewġ kriterji oħrajn) | |
| "Landsdekkende innovasjonsordning" | Investimenti | 15 % | 7,5 % | 0 |
| | Soft aid | 50 % | | 0 |
| | Għajnuna għat-taħriġ (għalissa m'għandiex tinħata minn LI) | (Speċifika/ġenerali - 35 %/70 %) | | (speċifika/ġenerali - 25 %/50 %) |
| | R&D: | | | |
| | — Attivitajiet ta' żvilupp għall-kummerċjalizzazzjoni, | 35 % | | 25 % |
| | Studji tekniċi preparatorji | 75 % | | 50 % |
| | — (Riċerka Individwali, Studji tekniċi preparatorji) | (60 % 75 %) | | (50 % 75 %) |
| "OFU/IFU" | R&D: | | | |
| | — Attivitajiet ta' żvilupp għall-kummerċjalizzazzjoni, | 35 % (żona reġjonali + 5 %) | | 25 % (żona reġjonali + 5 %) |
| | Studji tekniċi preparatorji | 75 % | | 50 % |
| | — (Riċerka Individwali, Studji tekniċi preparatorji) | (60 % 75 %) | | (50 % 75 %) |
| "Tilskudd til fylkeskommunene for regional udvikling" | Investimenti: | | | |
| | Żona A | 30 % | | 25 % |
| | B | 25 % | | 20 % |
| | C | 20 % (25 %) (*) | | 10 % (15 %) |
| | Soft aid | 50 % | | 0 |
| | Għajnuna għat-taħriġ | Speċifika/ġenerali - 40 %/75 % | | Speċifika/ġenerali - 30 %/55 % |
| | R&D: | | | |
| | — Attivitajiet ta' żvilupp għall-kummerċjalizzazzjoni, | 40 % | | 30 % |
| | Studji tekniċi preparatorji | 75 % | | 55 % |
| | — (Riċerka Individwali, Studji tekniċi preparatorji) | (65 % 75 %) | | (55 % 75 %) |

| Miżura - Skema | Għan | SMEs (<250 impjegat u żewġ kriterji oħrajn) | | Intrapriżi kbar |
|---|---|---|---|---|
| | | Intrapriżi żgħar (< 50 impjegat u żewġ kriterji oħrajn) | Intrapriżi ta' daqs medju (< 250 impjegat u żewġ kriterji oħrajn) | |
| "Omstilling og nyskapning" | Investimenti: | | | |
| | — Barra miż-żona reġjonali | 15 % | 7,5 % | 0 |
| | — Fiż-żona reġjonali | Żona A: 30 %, B: 25 % u C: 20 % (25 %) (**) | | Żona A: 25 %, B: 20 % u C: 10 % (15 %) |
| | Soft aid: | | | |
| | — Barra miż-żona reġjonali | 50 % | | |
| | — Fiż-żona reġjonali | 50 % | | |
| | Għajnuna għat-taħriġ: | | | |
| | — Barra miż-żona reġjonali | Speċifika/ġenerali - 35 %/70 % | | Speċifika/ġenerali - 25 %/50 % |
| | — Fiż-żona reġjonali | Speċifika/ġenerali - 40 %/75 % | | Speċifika/ġenerali - 30 %/55 % |
| | R&D: | | | |
| | *Barra miż-żona reġjonali:* | | | |
| | — Attivitajiet ta' żvilupp għall-kummerċjalizzazzjoni, | 35 % | | 25 % |
| | Studji tekniċi preparatorji | 75 % | | 50 % |
| | — (Riċerka Individwali, Studji tekniċi preparatorji) | (60 % 75 %) | | (50 % 75 %) |
| | *Fiż-żona reġjonali:* | | | |
| | — Attivitajiet ta' żvilupp għall-kummerċjalizzazzjoni, | 40 % | | 30 % |
| | Studji tekniċi preparatorji | 75 % | | 55 % |
| | — (Riċerka Individwali, studji tekniċi preparatorji) | (65 % 75 %) | | (55 % 75 %) |
| "Etablererstipend" | Għajnuna *de minimis* | Mass. NOK 400 000 (f'każi speċifiċi aktar imma mhux aktar minn EUR 100 000) | | |

(*) Sa 25 %/15 % jistgħu jintużaw għal miżuri li wieħed jista' jistenna li jkollhom effett qawwi minn perspettiva ta' politika distrettwali. Fil-kontej ta' Vest-Agder, Rogaland u Hordaland il-limitu tal-għajnuna ma jistax ikun ta' aktar minn 20 %/10 %.

(**) Sa 25 %/15 % jistgħu jintużaw għal miżuri li wieħed jista' jistenna li jkollhom effett reġjonali qawwi. Fil-kontej ta' Vest-Agder, Rogaland u Hordaland il-limiti ma jistgħux ikunu ta' aktar minn 20 %/10 %.

V

*(Atti adottati mill-1 ta' Diċembru 2009 taħt it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u t-Trattat Euratom)*

# ATTI LI L-PUBBLIKAZZJONI TAGĦHOM HIJA OBBLIGATORJA

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) Nru 1202/2009

### tas-7 ta' Diċembru 2009

### li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq importazzjonijiet tal-alkoħol furfuriliku li joriġina fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina wara reviżjoni tal-iskadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 384/96

Il-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea ([1]) ('ir-Regolament bażiku'), u b'mod partikolari l-Artikoli 9 u 11(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mressqa mill-Kummissjoni, wara li kkonsultat lill-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

A. **PROĊEDURA**

1. **Miżuri fis-seħħ**

(1) F'Ottubru 2003, il-Kunsill, bir-Regolament (KE) Nru 1905/2003 ([2]), impona miżuri anti-dumping definittivi fil-forma ta' dazju speċifiku fuq l-importazzjonijiet tal-alkoħol furfuriliku ("AF") li joriġina fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina ("iċ-Ċina"). L-ammonti speċifiċi tad-dazji varjaw minn EUR 84 sa EUR 160 kull tunnellata għal erba' produtturi Ċiniżi li kkooperaw, filwaqt li d-dazju għall-pajjiż kollu kien stabbilit għal EUR 250 kull tunnellata ("l-investigazzjoni oriġinali").

2. **Talba għal reviżjoni ta' skadenza**

(2) Wara l-pubblikazzjoni, f'Mejju 2008, ta' avviż ta' skadenza imminenti tal-miżuri anti-dumping li huma applikabbli għal importazzjonijiet ta' AF li joriġina fiċ-Ċina ([3]), fit-30 ta' Lulju 2008 l-Kummissjoni rċeviet talba għal reviżjoni skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku.

(3) It-talba tressqet minn International Furan Chemicals B.V. ("l-applikant") f'isem l-uniku produttur fl-Unjoni li jirrappreżenta 100 % tal-produzzjoni tal-Unjoni ta' AF. It-talba kienet imsejsa fuq ir-raġuni li l-iskadenza tal-miżuri aktarx twassal għall-issoktar ta' dumping u r-rikorrenza ta' ħsara għall-industrija tal-Unjoni.

(4) Meta ddeterminat, wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv, li kienet teżisti biżżejjed evidenza sabiex tingħata bidu għal reviżjoni ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni ppubblikat avviż ta' tnedija ta' din ir-reviżjoni fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([4]).

3. **Investigazzjoni**

3.1. *Proċedura*

(5) Il-Kummissjoni avżat uffiċjalment bit-tnedija tar-reviżjoni lill-produttur applikant fl-Unjoni, lill-produtturi esportaturi fir-RPĊ, lill-awtoritajiet Ċiniżi, lill-produttur fil-pajjiż analogu ssuġġerit, l-Istati Uniti tal-Amerika, lill-importaturi/in-negozjanti u lill-utenti fl-Unjoni magħrufa li huma kkonċernati. Il-partijiet interessati ngħataw l-opportunità li jagħtu l-fehma tagħhom bil-miktub u li jitolbu smigħ fil-limitu taż-żmien stipulat fl-avviż ta' tnedija.

(6) Intbagħtu kwestjonarji lill-partijiet kollha li kienu avżati uffiċjalment bit-tnedija tar-reviżjoni u lil dawk li talbu kwestjonarju fil-limitu ta' żmien stipulat fl-avviż ta' ftuħ.

(7) Waslu risposti għal dan il-kwestjonarju mill-produttur applikant tal-Unjoni, żewġ negozjanti, għaxar utenti, żewġ assoċjazzjonijiet tal-utenti, produttur esportatur wieħed fiċ-Ċina u l-produttur fil-pajjiż analogu.

([1]) ĠU L 56, 6.3.1996, p. 1.
([2]) ĠU L 283, 31.10.2003, p. 1.
([3]) ĠU C 111, 6.5.2008, p. 50

([4]) ĠU C 275, 30.10.2008, p. 21.

3.2. *Partijiet interesati u żjarat ta' verifika*

(8) Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat it-tagħrif kollu li qieset meħtieġ għall-għan tad-determinazzjoni tal-probabbiltà tal-kontinwazzjoni jew ir-rikorrenza tad-dumping u l-ħsara u għad-determinazzjoni tal-interess tal-Unjoni. Saru żjarat ta' verifika fl-istabbilimenti tal-kumpaniji li ġejjin:

— Produttur tal-Unjoni u kumpaniji relatati:
  — TransFurans Chemicals BVBA, Geel, il-Belġju
  — International Furan Chemicals BV, Rotterdam, l-Olanda
  — Central Romana Corporation, LTD, La Romana, ir-Repubblika Dominikana
— Produtturi esportaturi fiċ-Ċina:
  — Zhucheng Taisheng Chemical Co. Ltd.
— Produttur fil-pajjiż analogu
  — Penn Speciality Chemicals Inc., l-Istati Uniti tal-Amerika ('l-Istati Uniti')
— Negozjanti/importaturi mhux relatati:
  — S. Chemicals, l-Olanda
— Utenti:
  — Kiilto OY, il-Finlandja
  — Mazzon Flli., l-Italja
  — SATEF Hüttenes-Albertus, l-Italja
  — Ashland Sudchemie Kernsfest, il-Ġermanja
  — Hüttenes-Albertus, il-Ġermanja

3.3. *Perijodu tal-investigazzjoni tar-reviżjoni u perijodu meqjus*

(9) L-investigazzjoni li tirrigwarda l-kontinwazzjoni jew ir-rikorrenza ta' dumping u ħsara kopriet il-perijodu mill-1 ta' Ottubru 2007 sat-30 ta' Settembru 2008 ("PIR" jew "Perijodu tal-Investigazzjoni tar-Reviżjoni").

(10) L-eżaminar tat-tendenzi rilevanti sabiex issir stima dwar il-probabbiltà tal-kontinwazzjoni jew ir-rikorrenza tal-ħsara saret fil-perijodu bejn l-1 ta' Jannar 2005 u tmiem il-PIR ("peirjodu meqjus").

## B. PRODOTT IKKONĊERNAT U PRODOTT SIMILI

### 1. Prodott ikkonċernat

(11) Il-prodott ikkonċernat huwa l-istess bħal dak fl-investigazzjoni oriġinali, jiġifieri AF li joriġina fiċ-Ċina, li għandu l-kodiċi NM ex 2932 13 00.

(12) AF huwa prodott kimiku. Huwa likwidu bla kulur jew lewn isfar ċar u li jdub f'ħafna solventi organiċi komuni. Il-materja prima għall-produzzjoni tal-AF hija l-furfural (FF), li huwa likwidu kimiku miksub mill-ipproċessar ta' tipi differenti ta' skart agrikolu bħall-kannamiela, ċifċiegħ tal-qamħirrum u ħlief tar-ross, fost oħrajn.

(13) AF huwa prodott kummerċjali. L-użu ewlieni tal-AF huwa l-produzzjoni tar-reżina sintetika, użata fil-produzzjoni tal-forom tal-funderija li jintużaw għal forom tal-metall għal skopijiet industrijali.

### 2. Prodott simili

(14) Bħal fl-investigazzjoni preċedenti, din l-investigazzjoni wriet li l-karatteristiċi fiżiċi u tekniċi bażiċi tal-AF manifatturat u mibjugħ mill-industrija tal-Unjoni fl-Unjoni, l-AF manifatturat u mibjugħ fis-suq domestiku Ċiniż, l-AF impurtat fl-Unjoni miċ-Ċina, kif ukoll l-AF manifatturat u mibjugħ fl-Istati Uniti huma l-istess u li għandhom l-istess użu.

(15) Għalhekk, ġie konkluż li skont it-tifsira tal-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku dawn il-prodotti kollha huma prodott simili wieħed.

## C. PROBABBILTÀ TAL-KONTINWAZZJONI TAD-DUMPING

(16) Skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, ġie investigat jekk l-iskadenza tal-miżuri aktarx twassal għall-issuktar jew ir-rikorrenza tad-dumping.

(17) Skont l-Artikolu 11(9) tar-Regolament bażiku, intużat l-istess metodoloġija bħal fl-investigazzjoni oriġinali. Billi analiżi ta' skadenza ma tipprovdi ebda eżaminar ta' ċirkostanzi mibdula, ma kienx ikkunsidrat mill-ġdid jekk il-produtturi għandhomx jingħataw trattament ta' ekonomija tas-suq ("MET").

### 1. Kummenti preliminari

(18) Huwa mfakkar li fl-investigazzjoni oriġinali total ta' erba' produtturi esportaturi Ċiniżi kkooperaw fl-investigazzjoni u talbu MET skont l-Artikolu 2(7)(b) tar-Regolament bażiku. Madankollu, l-ebda wieħed minn dawn il-produtturi esportaturi Ċiniżi ma ssodisfa l-kondizzjonijiet rikjesti kollha għall-għoti ta' MET u għalhekk it-talbiet kollha għal MET ma setgħux jiġu aċċettati. Kollha kemm huma ngħataw trattament individwali (TI) billi l-investigazzjoni wriet li kienu jissodisfaw il-kriterji meħtieġa. Ta' min jinnota li l-uniku esportatur Ċiniż li kkoopera f'din ir-reviżjoni tal-iskadenza ngħata TI fl-investigazzjoni oriġinali.

(19) L-uniku produttur esportatur Ċiniż li kkoopera kien jirrappreżenta 23,1 % tal-importazzjonijiet fl-Unjoni matul il-PIR. Ma seta' jinġabar l-ebda tagħrif affidabbli dwar l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat fl-Unjoni matul il-PIR direttament mill-produtturi esportaturi l-oħra. F'dawn iċ-ċirkostanzi, u skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, għall-kwantitajiet totali tal-importazzjoni u l-prezzijiet, il-Kummissjoni kellha tuża l-fatti disponibbli, jiġifieri l-Eurostat u d-dokumentazzjoni mressqa mill-applikant fit-talba għall-ftuħ tar-reviżjoni.

(20) Id-dazji anti-dumping eżistenti, li jvarjaw minn EUR 84 sa EUR 160/tunnellata, u b'dazju għall-pajjiż kollu ta' EUR 250/tunnellata, jikkorrispondu għal-livell ta' ħsara stabbilit matul l-investigazzjoni preċedenti.

## 2. **Dumping matul il-perijodu ta' investigazzjoni**

### 2.1. *Pajjiż analogu*

(21) Fl-investigazzjoni oriġinali l-Istati Uniti tal-Amerika ('l-Istati Uniti') intużaw bħala l-pajjiż b'ekonomija tas-suq adegwata għall-finijiet tal-istabbiliment tal-valur normali għaċ-Ċina. Fl-avviż tal-ftuħ ta' din l-investigazzjoni, il-Kummissjoni indikat l-intenzjoni tagħha li tuża l-Istati Uniti bħala l-pajjiż analogu. Il-partijiet interessati ġew mistiedna jikkummentaw dwar din l-intenzjoni. L-Istati Uniti tqies pajjiż adatt fid-dawl tad-daqs u l-ftuħ tas-suq domestiku tiegħu u l-fatt li produttur wieħed mill-Istati Uniti qabel li jikkoopera b'mod sħiħ fl-investigazzjoni.

(22) Assoċjazzjoni waħda tal-importaturi opponiet l-għażla tal-Istati Uniti bħala l-pajjiż analogu u argumentat li kien hemm biss produttur ewlieni wieħed fl-Istati Uniti u li l-prezzijiet domestiċi kienu għoljin ħafna. Produttur esportatur Ċiniż wieħed sahaq li l-livell ta' kompetizzjoni fl-Istati Uniti kien iktar baxx minn dak fis-suq domestiku Ċiniż u għalhekk is-swieq ma kinux komparabbli. Madankollu, instab li filwaqt li kien hemm biss produttur wieħed fis-suq fl-Istati Uniti, l-importazzjonijiet kellhom ukoll rwol li jiżgura livell tajjeb ta' kompetizzjoni f'dan is-suq imdaqqas. Barra minn hekk, ebda wieħed mill-produtturi magħrufa kkuntattjati f'pajjiżi analogi oħra possibbli, inklużi t-Tajlandja, it-Turkija u l-Afrika t'Isfel, ma qablu li jikkooperaw.

(23) Minħabba dan ta' hawn fuq, ġie konkluż skont l-Artikolu 2(7) tar-Regolament bażiku li l-Istati Uniti huwa l-iktar pajjiż analogu xieraq u raġonevoli.

### 2.2. *Valur normali*

(24) Skont l-Artikolu 2(7)(a) tar-Regolament bażiku, il-valur normali ġie stabbilit fuq il-bażi tal-informazzjoni vverifikata li ġiet provduta mill-produttur fl-Istati Uniti.

(25) Il-Kummissjoni l-ewwel stabbilixxiet li l-bejgħ domestiku totali tal-produttur fl-Istati Uniti sar fi kwantitajiet suffiċjenti u seta' għalhekk jiġi kkunsidrat rappreżentattiv fis-sens tal-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku.

(26) Wara ġie eżaminat jekk il-prodott ikkonċernat li nbiegħ fi kwantitajiet rappreżentattivi fis-suq domestiku tal-pajjiż analogu setax jitqies li kien qed jinbiegħ fl-andament ordinarju tal-kummerċ skont l-Artikolu 2(4) tar-Regolament bażiku. Instab li l-volum tal-bejgħ skont it-tip, mibjugħ bi prezz tal-bejgħ nett daqs jew ogħla mill-prezz tal-produzzjoni, irrappreżenta 80 % jew iżjed tal-volum tal-bejgħ totali u l-prezz medju differenzjat ta' dak it-tip kien daqs jew ogħla mill-ispiża tal-produzzzjoni. Għalhekk, setgħu jintużaw il-prezzijiet domestiċi attwali, ikkalkulati bħala l-medja differenzjata tal-prezzijiet tal-bejgħ domestiku kollu li sar matul il-PIR, irrispettivament minn jekk dan il-bejgħ kienx bil-qligħ jew le.

(27) Għalhekk, il-valur normali ġie ddeterminat, skont l-Artikolu 2(1) tar-Regolament bażiku, fuq il-bażi tal-prezzijiet imħallsa jew pagabbli, fl-andament ordinarju tan-negozju, minn klijenti indipendenti fis-suq domestiku tal-pajjiż analogu.

### 2.3. *Prezz tal-esportazzjoni*

(28) L-uniku produttur esportatur Ċiniż li kkoopera ngħata TI fl-investigazzjoni oriġinali. Skont l-Artikolu 2(8) tar-Regolament bażiku, il-prezz tal-esportazzjoni tal-prodott ikkonċernat għal din il-kumpanija ġie stabbilit fuq il-bażi tal-prezzijiet tal-esportazzjoni li realment tħallsu jew li għandhom jitħallsu lill-ewwel klijent indipendenti fl-Unjoni.

(29) Billi l-kooperazzjoni miċ-Ċina kienet baxxa, il-marġni tad-dumping għall-pajjiż sħiħ applikabbli lill-esportaturi l-oħra kollha fiċ-Ċina ġie kkalkulat permezz tal-istatistika Ċiniża dwar l-esportazzjoni.

### 2.4. *Tqabbil*

(30) Sabiex jiġi żgurat paragun ġust bejn il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni, saret konċessjoni xierqa fil-forma ta' aġġustamenti għad-differenzi li jaffettwaw il-prezzijiet u l-komparabilità tal-prezzijiet skont l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku. Ingħataw aġġustamenti xierqa għat-trasport, l-assigurazzjoni, u l-ispejjeż tal-kreditu fil-każijiet kollha fejn instab li kienu raġonevoli, eżatti u appoġġjati b'evidenza vverifikata.

### 2.5. *Marġni tad-dumping*

(31) Skont l-Artikolu 2(11) tar-Regolament bażiku, il-valur medju normali ddifferenzjat li kien stabbilit għall-Istati Uniti kien ipparagunat mal-prezz medju differenzjat tal-esportazzjoni tal-produttur esportatur Ċiniż fuq il-bażi tal-prezz ex-works. Dan il-paragun wera l-eżistenza ta' dumping sinifikanti, il-marġini ta' dumping ammonta għal aktar minn 40 %.

(32) Fuq il-bażi tal-istatistika tal-Eurostat u ċ-Ċina, għall-esportazzjonijiet Ċiniżi l-oħra kollha lejn l-Unjoni, il-marġni tad-dumping instab li kien sostanzjali, fl-istess firxa bħal hawn fuq.

### 3. Żvilupp tal-importazzjonijiet jekk il-miżuri jitħallew jiskadu

3.1. *Rimarka preliminari*

(33) Ta' min ifakkar li l-miżuri ilhom fis-seħħ minn Ottubru 2003.

3.2. *Evoluzzjoni tal-produzzjoni u utilizzazzjoni tal-kapaċità fiċ-Ċina*

(34) Minħabba fin-nuqqas ta' kooperazzjoni siewja mill-produtturi esportaturi Ċiniżi f'din l-investigazzjoni, ma kienx hemm disponibbli data verifikabbli dwar il-kapaċità u l-użu tal-kapaċità tagħhom.

(35) Skont l-istima tal-applikant, il-kapaċità totali tal-produzzjoni fiċ-Ċina fl-2006 kienet tammonta għal madwar 364 900 tunnellata ta' AF kull sena.

(36) Skont iċ-Ċentru Nazzjonali tal-Informazzjoni Kimika taċ-Ċina ([1]), "il-kapaċità tal-produzzjoni taċ-Ċina għall-furfural u l-alkoħol furfuriliku żdiedet ħafna f'dawn l-aħħar snin. In-nuqqas ta' attività ġenerali fis-setturi tal-konsum avvanzat bħar-reżina tal-furan wassal għal produzzjoni eċċessiva fis-suq tal-furfural u furfuryl alcohol"(.) "Il-produzzjoni tal-furfural u speċjalment tal-alkoħol furfuriliku fiċ-Ċina għadha tiddependi fuq l-esportazzjonijiet". Dan is-sors jgħid ukoll li kien hemm iktar minn 300 produttur tal-AF fiċ-Ċina fl-2005. Il-kapaċità totali annwali tal-produzzjoni tal-AF kienet ta' 240 000 tunnellata u l-produzzjoni kienet ta' madwar 140 000 tunnellata.

(37) Skont l-istima tal-uniku produttur esportatur Ċiniż li kkoopera, il-produzzjoni totali ta' AF fiċ-Ċina fl-2008, kienet tammonta għal 200 000 tunnellata.

(38) Fi kwalunkwe każ, il-kapaċità tal-produzzjoni Ċiniża għadha sostanzjali. Barra minn hekk, minkejja l-miżuri fis-seħħ, l-esportazzjonijiet Ċiniżi lill-Unjoni għadhom jiżdiedu. Ikun xi jkun is-sors tal-informazzjoni, jidher ċar li l-kapaċità tal-produzzjoni Ċiniża hija ikbar sewwa mill-konsum tal-Unjoni.

(39) Is-suq tal-Unjoni huwa wieħed kbir u stabbli għall-AF u billi fl-Istati Uniti hemm miżuri għolja anti-dumping (minn 43 % sa 50 % u mġedda f'Lulju 2006) fuq importazzjonijiet miċ-Ċina, huwa mistenni li jekk il-miżuri jitħallew jiskadu, il-produtturi Ċiniżi jkollhom kull inċentiv biex jibagħtu l-kapaċitajiet żejda lejn l-Unjoni.

(40) Fuq il-bażi ta' dak ta' hawn fuq, jista' jiġi konkluż li, fid-dawl tal-kapaċità enormi disponibbli fiċ-Ċina u l-eżistenza ta' dazji anti-dumping f'suq importanti ieħor, l-Istati Uniti, hemm probabbiltà qawwija li l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping fl-Unjoni jiżdiedu jekk il-miżuri jitħallew jiskadu.

3.3. *Volum u prezzijiet tal-importazzjonijiet miċ-Ċina lill-Unjoni*

(41) Matul il-PIR, l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat miċ-Ċina ammontaw għal madwar 21 000 tunnellata. Il-prezz unitarju kien medja ta' EUR 1 210 kull tunnellata (ara l-premessa (57). Matul l-istess perijodu, il-prezz unitarju tal-bejgħ medju tal-Unjoni kien ħafna ogħla minn dan il-prezz u b'hekk is-suq tal-Unjoni jkun attraenti ħafna għall-esportaturi Ċiniżi jekk il-miżuri jitħallew jiskadu.

3.4. *Volumi u prezzijiet tal-esportazzjonijiet Ċiniżi lejn pajjiżi terzi*

(42) Abbażi tad-data mogħtija mill-produttur esportatur Ċiniż li kkoopera, instab li din il-kumpanija esportat kwantitajiet ħafna akbar lil pajjiżi terzi milli lill-Unjoni u bi prezzijiet ferm orħos minn dawk tal-produtturi tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni u wkoll orħos mill-prezzijiet tal-esportazzjonijiet Ċiniżi lill-Unjoni.

(43) Dan huwa kkonfermat mill-istatistika Ċiniża disponibbli li wriet li għall-biċċa l-kbira tal-perijodu tal-investigazzjoni, il-kumpaniji Ċiniżi esportaw primarjament lil pajjiżi Ażjatiċi bi prezzijiet ħafna orħos minn dawk tal-esportazzjonijiet tagħhom lis-suq tal-Unjoni. F'dawn iċ-ċirkostanzi, jekk il-miżuri jitħallew jiskadu, il-produtturi esportaturi Ċiniżi jistgħu jerġgħu jbiegħu dan il-bejgħ lis-suq tal-Unjoni bi prezzijiet ogħla iżda xorta waħda bi prezzijiet li jkunu orħos sewwa minn dawk tal-industrija tal-Unjoni.

(44) Hemm informazzjoni limitata dwar il-prezzijiet domestiċi fiċ-Ċina.

(45) Madankollu, abbażi tat-tweġiba għall-kwestjonarju mill-unika kumpanija Ċiniża li kkooperat, din il-kumpanija biegħet il-prodott ikkonċernat fis-suq domestiku tagħha bi prezz ferm orħos minn dawk tal-esportazzjonijiet tagħha lil pajjiżi terzi u lill-Unjoni.

3.5. *Konklużjoni*

(46) L-investigazzjoni wriet li, filwaqt li l-volumi ta' importazzjoni tal-prodott konċernat fil-PIR kienu relattivament kbar, il-livell tad-dumping misjub għal dawn l-importazzjonijiet kien sinifikanti.

([1]) Iċ-Ċentru Nazzjonali tal-Informazzjoni Kimika taċ-Ċina (Chem China) kien stabbilit f'Ottubru 1992 wara l-merġer tal-Istitut tar-Riċerka tal-Informazzjoni Xjentifika u Teknoloġika tal-Ministeru tal-Industrija Kimika stabbilit fl-1959 u ċ-Ċentru tal-Informazzjoni Ekonomika tal-Ministeru tal-Industrija Kimika stabbilit fl-1984. http://www.chemchina.com.cn/chempwas/en/7under_8.htm

(47) Fid-dawl tal-kapaċità żejda disponibbli fiċ-Ċina, li hija ikbar sewwa mill-konsum totali tal-Unjoni, id-differenza sinifikanti fil-prezzijiet imħallsa fl-Unjoni u f'pajjiżi terzi u l-attraenza riżultanti tas-suq tal-Unjoni, kif jidher fil-premessa (41) hawn fuq, għall-produtturi esportaturi Ċiniżi, huwa konkluż li hemm probabbiltà kbira ta' iktar importazzjonijiet oġġett ta' dumping fl-Unjoni jekk il-miżuri jitħallew jiskadu.

D. **DEFINIZZJONI TAL-INDUSTRIJA TAL-UNJONI**

(48) Bħal fl-investigazzjoni oriġinali, hemm produttur wieħed biss tal-AF fl-Unjoni: TransFurans Chemicals BVBA, il-Belġju ("TFC"). B'konsegwenza ta' dan, il-produzzjoni ta' TFC tikkostitwixxi l-produzzjoni totali tal-Unjoni fit-tifsira tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament bażiku.

(49) Il-produzzjoni tal-Unjoni hija integrata bis-sħiħ f'entità eknomika waħda li tikkonsisti fi tliet kumpaniji u topera kif ġej:

(50) TFC tittrasforma l-materja prima, il-furfural, fornut mill-kumpanija ewlenija Central Romana Corporation ("CRC"), fir-Repubblika Dominikana, fil-prodott ikkonċernat. International Furan Chemicals ("IFC") li tinsab fl-Olanda taġixxi bħala l-aġent dinji tal-bejgħ tal-prodott ikkonċernat manifatturat minn TFC. TFC, IFC u CRC huma relatati minn sjieda komuni.

(51) Għalhekk, fuq il-bażi ta' hawn fuq u skont it-tifsira tal-Artikoli 5(4) u 4(1) tar-Regolament bażiku, ġie kkunsidrat li TFC u l-kumpanija relatata tagħha IFC, jikkostitwixxu l-industrija tal-Unjoni. Ta' min jinnota li, sabiex issir stima sinifikanti ta' ċerti indikaturi tal-ħsara, kien neċessarju li jittieħed ukoll kont ta' xi data minn CRC.

E. **IQAGĦDA FIS-SUQ TAL-UNJONI**

### 1. Rimarka preliminari

(52) Billi l-industrija tal-Unjoni fiha biss kumpanija waħda, id-data speċifika marbuta mal-industrija tal-Unjoni, kif irrappurtata fit-tweġibiet ivverifikati tal-kwestjonarju, il-konsum u s-sehem mis-suq tal-produtturi esportaturi Ċiniżi kif ukoll importazzjonijiet oħra ta' pajjiżi terzi ġew indiċjati sabiex tinżamm il-kunfidenzjalità tad-data mogħtija skont l-Artikolu 19 tar-Regolament bażiku.

### 2. Konsum tal-Unjoni

(53) Il-konsum tal-Unjoni kien ikkalkulat fuq il-bażi tal-volum kombinat ta' bejgħ mill-industrija tal-Unjoni fl-Unjoni tal-AF manifatturat minnha u l-importazzjonijiet taċ-Ċina kif ukoll importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra.

(54) Fir-rigward tal-volumi tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat, u bħal fl-investigazzjoni oriġinali, intużat l-istatistika uffiċjali Ċiniża dwar l-esportazzjonijiet minflok l-istatistika tal-Eurostat dwar l-importazzjonijiet, billi l-ewwel waħda dehret aktar preċiża billi ċerta data tal-Eurostat li tikkonċerna dan il-prodott kienet ikklassifikata bħala 'sigrieta' u għalhekk ma kinitx disponibbli għall-pubbliku. Sa fejn għandhom x'jaqsmu l-volumi ta' pajjiżi terzi oħra, intużat l-istatistika tal-Eurostat billi ma kienx hemm informazzjoni affidabbli oħra disponibbli.

**Tabella 1 Konsum tal-Unjoni (skont il-volum tal-bejgħ)**

| | 2005 | 2006 | 2007 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Indiċi | 100 | 108 | 158 | 166 |
| Xejra S/S | | 8 % | 47 % | 5 % |

*Sors: tweġibiet ivverifikati tal-kwestjonarju tal-industrija tal-Unjoni, l-Eurostat u l-istatistka uffiċjali Ċiniża dwar l-esportazzjoni*

(55) Fuq din il-bażi u kif muri fit-tabella 1 hawn fuq, il-konsum tal-Unjoni żdied sewwa matul il-perijodu meqjus, jiġifieri b'66 %.

(56) Ta' min jinnota li l-iżvilupp ta' hawn fuq jista' jiġi affettwat mill-eżistenza possibbli ta' data sigrieta dwar importazzjonijiet tat-Tajlandja kif imsemmi fil-premessa (61).

### 3. Volum, sehem mis-suq u prezzijiet tal-importazzjonijiet miċ-Ċina

**Tabella 2 Importazzjonijiet miċ-Ċina bil-volum, is-sehem mis-suq u l-prezz tal-importazzjoni**

| | 2005 | 2006 | 2007 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Importazzjonijiet f'tunnellati | 16 010 | 10 635 | 19 245 | 21 002 |
| Indiċi | 100 | 66 | 120 | 131 |
| Sehem mis-suq (indiċi) | 100 | 62 | 76 | 79 |
| Prezz tal-importazzjoni CIF EUR/tunnellata | 887 | 738 | 893 | 1 210 |
| Indiċi | 100 | 83 | 101 | 136 |

*Sors: Statistika uffiċjali Ċiniża tal-esportazzjoni*

(57) Il-volum tal-importazzjoni miċ-Ċina żdied b'31 % matul il-perijodu meqjus, minn 16 010 tunnellati fl-2005 għal 21 002 tunnellati fil-PIR, filwaqt li s-sehem mis-suq naqas għal 21 % matul il-perijodu meqjus. Wieħed għandu jħares lejn dan l-iżvilupp fl-isfond taż-żieda sinifikanti tal-konsum tal-Unjoni b'66 % matul l-istess perijodu.

(58) Ta' min jinnota li l-industrija tal-Unjoni kienet hi stess qed timporta bejn 5 000 u 9 000 tunnellata matul il-PIR tal-prodott ikkonċernat miċ-Ċina li mbagħad reġgħet biegħet fis-suq tal-Unjoni. L-industrija tal-Unjoni kienet għalhekk l-importatur ewlieni tal-prodott ikkonċernat miċ-Ċina. L-importazzjonijiet saru mill-industrija tal-Unjoni billi diġà kienet qed tipproduċi fil-kapaċità sħiha tagħha (ara l-premessi (64) u (65) hawn taħt), u ma kinitx qed tlaħħaq mad-domanda fis-suq tal-Unjoni.

(59) Il-prezzijiet medji tal-importazzjoni miċ-Ċina żdiedu matul il-perijodu meqjus b'36 %, jiġifieri minn EUR 887/tunnellata fl-2005 għal EUR 1 210/tunnellata matul il-PIR.

(60) It-tqabbil tal-prezz tal-importazzjoni CIF fuq il-fruntiera tal-Unjoni mħallas mill-klijenti indipendenti, inkluż l-ispejjeż wara l-importazzjoni, mal-prezzijiet ex-works tal-industrija tal-Unjoni, għall-istess tipi tal-prodott, wera li l-prezzijiet Ċiniżi tal-importazzjoni ma kinux orħos mill-prezz tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni matul il-PIR.

## 4. **Volum, sehem mis-suq u prezzijiet tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra**

**Tabella 3 Importazzjonijiet minn swieq ta' pajjiżi terzi oħra**

| | 2005 | 2006 | 2007 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| **It-Tajlandja** | | | | |
| Tunnellati | 673 | 208 | 10 660 | 11 450 |
| Indiċi | 100 | 31 | 1 584 | 1 701 |
| Is-sehem mis-suq indiċjat | 100 | 28 | 1 017 | 1 044 |
| Prezz tal-importazzjoni f'EUR/tunnellata | 1 059 | 822 | 1 086 | 1 302 |
| Indiċi | 100 | 78 | 103 | 123 |
| **L-Afrika t'Isfel** | | | | |
| Tunnellati | 890 | 0 | 123 | 2 695 |
| Indiċi | 100 | 0 | 14 | 303 |
| Is-sehem mis-suq indiċjat | 100 | 0 | 8 | 183 |
| Prezz tal-importazzjoni f'EUR/tunnellata | 682 | 0 | 930 | 1 301 |
| Indiċi | 100 | 0 | 136 | 191 |
| **Pajjiżi terzi oħra** | | | | |
| Tunnellati | 160 | 11 | 193 | 239 |
| Indiċi | 100 | 7 | 120 | 149 |
| Is-sehem mis-suq indiċjat | 100 | 0 | 75 | 100 |
| Prezz tal-importazzjoni f'EUR/tunnellata | 1 790 | 7 500 | 3 051 | 3 368 |
| Indiċi | 100 | 419 | 170 | 188 |

*Sors: Eurostat*

(61) Ta' min jinnota li d-data tal-Eurostat għat-Tajlandja wriet żieda fil-volum tal-importazzjoni minn kwantitajiet insinifikanti fl-2005 u l-2006 għal 10 660 tunnellata fl-2007 u 11 450 tunnellata matul il-PIR, b'żieda sinifikanti fis-sehem mis-suq minn indiċi ta' 100 għal 1 044 matul il-perijodu meqjus. Madankollu, ta' min jinnota li d-data tal-Eurostat fiha xi data sigrieta fir-rigward tal-importazzjonijiet Tajlandiżi matul l-2005 u l-2006 u ż-żieda fl-importazzjonijiet u s-sehem mis-suq fil-fatt kienet inqas minn kif jidher hawn fuq. Il-prezzijiet tal-importazzjoni mit-Tajlandja żdiedu bi 23 % fil-perijodu meqjus u kienu ogħla mill-prezzijiet Ċiniżi kif ukoll ogħla mill-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni matul il-PIR.

(62) Għalkemm l-importazzjonijiet mill-Afrika t'Isfel żdiedu matul il-perijodu meqjus, baqgħu f'livell relattivament baxx b'livelli ta' prezz simili għall-importazzjonijiet Tajlandiżi.

(63) L-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra ma kinux jirrappreżentaw volumi sinifikanti.

## 5. **Qagħda ekonomika tal-industrija tal-Unjoni**

### 5.1. *Produzzjoni, kapaċità tal-produzzjoni u użu tal-kapaċità*

(64) Il-volum ta' produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni żdied bi 8 % matul il-perijodu meqjus. Matul dan il-perijodu, il-kapaċità ta' produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni baqgħet stabbli.

(65) L-utilizzazzjoni tal-kapaċità żdiedet bi 8 % fil-perijodu meqjus, u b'hekk laħqet il-kapaċità sħiha. Mill-2006 'l quddiem, l-industrija tal-Unjoni pproduċiet iktar mill-kapaċità installata teoretika tagħha.

**Tabella 4 Produzzjoni tal-Unjoni**

| | 2005 | 2006 | 2007 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Indiċi | 100 | 104 | 106 | 108 |
| Xejra S/S | | 4 % | 1 % | 2 % |

*Sors: It-tweġibiet verifikati tal-kwestjonarju tal-industrija tal-Unjoni*

**Tabella 5 Kapaċità tal-produzzjoni tal-Unjoni**

| | 2005 | 2006 | 2007 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Indiċi | 100 | 100 | 100 | 100 |
| Xejra S/S | | 0 % | 0 % | 0 % |

*Sors: It-tweġibiet verifikati tal-kwestjonarju tal-industrija tal-Unjoni*

**Tabella 6 Użu tal-kapaċità**

| | 2005 | 2006 | 2007 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Indiċi | 100 | 104 | 106 | 108 |
| Xejra S/S | | 4 % | 1 % | 2 % |

*Sors: It-tweġibiet verifikati tal-kwestjonarju tal-industrija tal-Unjoni*

5.2. *Inventarji*

(66) L-istokks naqsu b'50 % fil-perijodu meqjus minħabba d-domanda kbira matul dan iż-żmien, partikolarment fir-RIP, u n-nuqqas ta' kapaċità tal-industrija tal-Unjoni li tlaħħaq mas-suq tal-Unjoni. B'riżultat ta' dan, l-istokks naqsu kontinwament.

**Tabella 7 Inventarji**

| | 2005 | 2006 | 2007 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Indiċi | 100 | 81 | 89 | 50 |
| Xejra S/S | | – 19 % | 10 % | – 44 % |

*Sors: It-tweġibiet verifikati tal-kwestjonarju tal-industrija tal-Unjoni*

5.3. *Bejgħ, sehem mis-suq u prezzijiet*

**Tabella 8 Volumi u valuri tal-bejgħ:**

| | 2005 | 2006 | 2007 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Volum ta' bejgħ - indiċi | 100 | 151 | 147 | 134 |
| Xejra S/S | | 51 % | – 2 % | 9 % |
| Valur ta' bejgħ - indiċi | 100 | 127 | 156 | 175 |
| Xejra S/S | | 27 % | 23 % | 12 % |

*Sors: It-tweġibiet verifikati tal-kwestjonarju tal-industrija tal-Unjoni*

(67) Il-volum tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni żdied b'51 % mill-2005 sal-2006, u b'hekk laħaq quċċata fl-2006, iżda mbagħad naqas kontinwament. Fl-istess ħin, is-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni naqas b'19 %. Dan minħabba li d-domandi lill-industrija tal-Unjoni żdiedu b'iktar miż-żieda totali fil-volum tal-bejgħ. Kif imsemmi hawn fuq, billi l-industrija tal-Unjoni diġà pproduċiet bil-kapaċità sħiħa tagħha, ma setgħetx iżżid il-volum tal-bejgħ tagħha bl-istess ammont bħaż-żieda fil-konsum.

**Tabella 9 Sehem mis-suq tal-Industrija tal-Unjoni**

| | 2005 | 2006 | 2007 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Indiċi | 100 | 140 | 93 | 81 |
| Xejra S/S | | 40 % | – 34 % | – 13 % |

*Sors: tweġibiet ivverifikati tal-kwestjonarju tal-industrija tal-Unjoni, l-Eurostat u l-istatistka Ċiniża dwar l-esportazzjoni*

(68) Il-prezzijiet unitarji tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni l-ewwel naqsu b'16 % mill-2005 sal-2006, u wara żdiedu kontinwament. B'hekk, matul il-perijodu totali kkunsidrat, il-prezzijiet medji tal-industrija tal-Unjoni żdiedu b'31 %.

**Tabella 10 Prezz tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni**

| | 2005 | 2006 | 2007 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Indiċi | 100 | 84 | 106 | 131 |
| Xejra S/S | | – 16 % | 26 % | 23 % |

*Sors: It-tweġibiet verifikati tal-kwestjonarju tal-industrija tal-Unjoni*

5.4. *Fatturi li jaffetwaw il-prezzijiet tal-Unjoni*

(69) Il-pressjoni mid-domanda matul il-perijodu kkunsidrat wasslet biex il-prezzijiet żdiedu ferm. Id-domanda kbira matul il-PIR anki kkawżat nuqqasijiet temporanji fis-suq tal-Unjoni.

(70) Il-livelli tal-prezz fis-suq tal-Unjoni kienu ġeneralment għoljin matul il-perijodu meqjus. L-importazzjonijiet oġġett ta' dumping miċ-Ċina ma kellhomx pressjoni sinifikanti fuq il-prezz matul dan il-perijodu. Għalhekk, l-istess tendenza ta' żieda tista' tiġi osservata għall-importazzjonijiet Ċiniżi u l-importazzjonijiet mill-pajjiżi terzi l-oħra, bl-eċċezzjoni tal-2006, meta kemm il-volumi kif ukoll il-prezzijiet naqsu.

(71) Il-marġnijiet tal-bejgħ kienu inqas influwenzati mill-ispiża sħiħa tal-produzzjoni u ż-żidiet fil-prezz kienu l-aktar minħabba żviluppi fis-suq. Wieħed jista' jara evidenza ta' dan ukoll fiż-żieda fl-ispiża fl-2006 (minħabba żieda eċċezzjonali fl-ispiża taż-żejt għall-produzzjoni tal-FF) li ma kellhiex impatt dirett fuq il-prezz tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni li żdied matul din l-istess sena.

5.5. *Impjiegi, produttività u pagi*

(72) L-impjiegi baqgħu ġeneralment stabbli matul il-perijodu meqjus, filwaqt li l-produttività żdiedet b'6 % matul l-istess perijodu minħabba ż-żieda fil-volum tal-produzzjoni. L-ipproċessar ta' FF f'AF huwa proċess pjuttost sempliċi u għalhekk ma jirrikjedix ħafna ħaddiema. Il-pagi medji naqsu b'4 % matul il-perjodu meqjus.

**Tabella 11 Impjiegi**

| | 2005 | 2006 | 2007 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Indiċi | 100 | 106 | 105 | 102 |
| Xejra S/S | | 6 % | – 1 % | – 3 % |

*Sors: It-tweġibiet verifikati tal-kwestjonarju tal-industrija tal-Unjoni*

**Tabella 12 Produttività**

| | 2005 | 2006 | 2007 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Indiċi | 100 | 98 | 100 | 106 |
| Xejra S/S | | – 2 % | 2 % | 6 % |

*Sors: It-tweġibiet verifikati tal-kwestjonarju tal-industrija tal-Unjoni*

**Tabella 13 Pagi**

| | 2005 | 2006 | 2007 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Indiċi | 100 | 102 | 95 | 96 |
| Xejra S/S | — | 2 % | – 6 % | 1 % |

*Sors: It-tweġibiet verifikati tal-kwestjonarju tal-industrija tal-Unjoni*

5.6. *Profittabilità*

(73) Il-profittabbiltà tal-industrija tal-Unjoni żdiedet ġeneralment b'mod sinifikanti mill-2005 sal-PIR jiġifieri bi 43 % u laħqet livell għoli ħafna matul il-PIR, li qabeż ferm il-mira għall-profitt stabbilita fl-investigazzjoni oriġinali (15,17 %). Ta' min jinnota li l-profittabbiltà tal-industrija tal-Unjoni laħqet livelli għolja matul il-perijodu meqjus bl-eċċezzjoni tal-2006. Fl-2006, l-ispejjeż eċċezzjonalment għolja għaż-żejt li huwa wieħed mill-fatturi ewlenin fl-ispiża għall-produzzjoni tal-FF, flimkien mal-prezzijiet baxxi tal-bejgħ, wasslu għal telf lill-industrija tal-Unjoni.

**Tabella 14 Profittabilità**

| | 2005 | 2006 | 2007 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Indiċi | 100 | – 27 | 125 | 143 |
| Xejra S/S | — | – 127 % | 562 % | 14 % |

*Sors: It-tweġibiet verifikati tal-kwestjonarju tal-industrija tal-Unjoni*

5.7. *Investimenti, qligħ fuq l-investimenti u kapaċità għall-ġbir ta' kapital*

(74) L-investimenti żdiedu matul il-perijodu meqjus għalkemm l-ammont totali ma kienx sinifikanti, u b'hekk kien ekwivalenti għal perċentwal żgħir biss tal-profitti miksuba. L-industrija tal-Unjoni ma investietx f'kapaċitajiet ġodda iżda dawn l-investimenti kienu f'tiswijiet u manutenzjoni. L-investigazzjoni wriet ukoll li d-dħul mill-investimenti jiġifieri l-profitt nett qabel it-taxxa tal-prodott simili espress f'perċentwal tal-valur nett deprezzat tal-assi fissi allokati lill-prodott simili, żdied notevolment matul il-perijodu meqjus.

**Tabella 15 Investimenti**

| | 2005 | 2006 | 2007 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Indiċi | 100 | 116 | 150 | 187 |
| Xejra S/S | | 16 % | 29 % | 25 % |

*Sors: It-tweġibiet verifikati tal-kwestjonarju tal-industrija tal-Unjoni*

**Tabella 16 Redditu fuq l-investimenti**

| | 2005 | 2006 | 2007 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| ROI | 4,3 % | – 6,1 % | 8,3 % | 18,4 % |

*Sors: It-tweġibiet verifikati tal-kwestjonarju tal-industrija tal-Unjoni*

(75) L-investigazzjoni ma kixfitx evidenza li l-industrija tal-Unjoni għandha problemi kbar biex tiġbor il-kapital.

5.8. *Likwidità*

(76) Il-likwidità segwa xejra simili bħall-profittabbiltà, u żdied ferm matul il-perijodu meqjus.

**Tabella 17 Likwidità**

| | 2005 | 2006 | 2007 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Indiċi | 100 | – 167 | 294 | 661 |
| Xejra S/S | | – 267 % | 276 % | 125 % |

*Sors: It-tweġibiet verifikati tal-kwestjonarju tal-industrija tal-Unjoni*

5.9. *Tkabbir*

(77) L-industrija tal-Unjoni ma bbenefikatx direttament mit-tkabbir tas-suq matul il-perijodu meqjus, billi filwaqt li żiedet il-volum tal-bejgħ tagħha, tilfet is-sehem totali mis-suq. Madankollu, din is-sitwazzjoni hija dovuta għad-deċiżjoni tal-industrija tal-Unjoni li żżomm il-kapaċità tal-produzzjoni tagħha fl-istess livelli matul il-perijodu meqjus. Tabilħaqq, għalkemm il-profittabbiltà kienet kbira, u d-domanda kienet qed tiżdied, ma sar ebda investiment biex tiżdied il-kapaċità.

5.10. *Daqs tal-marġini tad-dumping*

(78) Matul il-PIR, minkejja l-miżuri fis-seħħ, id-dumping kompla f'livelli sostanzjali, għalkemm f'livelli iktar baxxi milli stabbilit fl-investigazzjoni oriġinali, abbażi kemm tad-data mogħtija mill-uniku produttur esportatur li kkoopera kif ukoll tal-kalkoli bbażati fuq il-fatti disponibbli (l-istatistika Ċiniża).

5.11. *Irkuprar mill-effetti tad-dumping fl-imgħoddi*

(79) Anki jekk l-industrija tal-Unjoni kellha l-opportunità li tirkupra mid-dumping fl-imgħoddi, partikolarment f'termini tal-volumi tal-bejgħ, tal-prezzijiet tal-bejgħ u tal-profittabbiltà, madankollu, il-marġnijiet tad-dumping għadhom kbar.

5.12. *Attività tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni*

**Tabella 18 Volum tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni**

| | 2005 | 2006 | 2007 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Indiċi | 100 | 82 | 78 | 96 |
| Xejra S/S | — | – 18 % | – 5 % | 23 % |

*Sors: It-tweġibiet verifikati tal-kwestjonarju tal-industrija tal-Unjoni*

(80) Is-suq ewlieni tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni huwa l-Istati Uniti. Għalkemm kienu qed jonqsu fl-2006 u l-2007, il-livelli tal-esportazzjoni tal-2005 kważi ntlaħqu fil-PIR. Ta' min jinnota li l-volum esportat lill-Istati Uniti kien wieħed sinifikanti, u kien jikkorrispondi għal 25 % tal-volum totali tal-produzzjoni matul il-PIR, filwaqt li min-naħa l-oħra, ġew importati wkoll volumi kbar tal-prodott ikkonċernat mill-industrija tal-Unjoni miċ-Ċina biex jissodisfaw id-domanda tal-klijenti tagħhom fl-Unjoni. Il-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni ta' AF ġiet esportata lis-suq tal-Istati Uniti li jħalli iktar qligħ u fejn il-prezzijiet kienu f'livelli saħansitra ogħla minn dawk tas-suq tal-Unjoni.

6. **Konklużjoni dwar il-qagħda tal-industrija tal-Unjoni**

(81) Il-miżuri anti-dumping kellhom impatt pożittiv ċar fuq is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni. L-indikaturi ewlenin kollha tal-ħsara, bħall-produzzjoni (+ 8 %) u l-volum tal-bejgħ (+ 34 %), il-valur tal-bejgħ (+ 75 %), il-prezz medju tal-bejgħ (+ 31 %), l-investiment (+ 87 %), il-profittabbiltà (+ 43 %), il-fluss tal-likwidità (+ 561 %), l-istokks (– 50 %) u l-produttività (+ 6 %) wrew żviluppi pożittivi. Partikolarment, il-livell tal-profitti tal-industrija tal-Unjoni kien għoli matul il-perjodu meqjus bl-eċċezzjoni tal-2006.

(82) F'dak li għandu x'jaqsam mas-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni, it-tendenza negattiva ma setgħetx titqies li tirriżulta mill-ħsara. Tabilħaqq, l-industrija tal-Unjoni, li diġà kienet qed tipproduċi fil-kapaċità massima, ma setgħetx tissodisfa d-domanda dejjem ikbar, li, minkejja l-volumi ikbar tal-bejgħ, kellu effett negattiv fuq is-sehem mis-suq tagħha.

(83) B'konklużjoni, fid-dawl tal-iżvilupp pożittiv tal-indikaturi marbuta mal-industrija tal-Unjoni, din titqies li hi f'sitwazzjoni tajba u ma setax jiġi stabbilit li l-ħsara materjali ssoktat. Għalhekk, ġie eżaminat jekk kienx hemm il-probabbiltà tar-rikorrenza tal-ħsara li kieku l-miżuri kellhom jitħallew jiskadu.

F. **PROBABBILTÀ TAR-RIKORRENZA TAL-ĦSARA**

1. **Sommarju tal-analiżi tal-probabbilità tat-tkomplija tad-dumping u r-rikorrenza tal-dumping bi ħsara**

(84) Ta' min ifakkar li anki bil-miżuri fis-seħħ, il-produtturi esportaturi fiċ-Ċina kienu għadhom qed ibiegħu f'livelli irħas b'mod sinifikanti, kif spjegat fil-premessa (31) hawn fuq. It-tneħħija tal-miżuri tista' twassal għal marġnijiet tad-dumping saħansitra ogħla jekk il-prezzijiet tal-esportazzjoni jitnaqqsu bl-istess ammont.

(85) Kif imsemmi fuq, l-inċentiv biex jiżdiedu l-volumi tal-esportazzjoni lejn l-Unjoni huwa kbir, billi s-suq ewlieni l-ieħor għall-esportazzjoni miċ-Ċina, jiġifieri l-Istati Uniti, għandu miżuri għolja fis-seħħ kontra ċ-Ċina b'karattru projbittiv u dan is-suq għalhekk prattikament mhux aċċessibbli għall-esportazzjonijiet Ċiniżi.

(86) Barra minn hekk, instab li l-produtturi Ċiniżi kellhom kapaċitajiet żejda sinifikanti minħabba kapaċità żejda strutturali fiċ-Ċina kkawżata minn tnaqqis fid-domanda domestika fiċ-Ċina minħabba li s-suq qed jiċkien wara l-Logħob Olimpiku fl-2008 u l-effett tal-kriżi ekonomika globali.

(87) Barra minn hekk, instab ukoll li l-prezzijiet Ċiniżi tal-esportazzjoni lill-pajjiżi terzi kienu f'livelli inqas minn dawk lill-Unjoni.

(88) Għalhekk, ġie konkluż li hemm probabbiltà tat-tkomplija tad-dumping u riskju ta' żieda fil-volum tal-importazzjonijiet li jpoġġu pressjoni negattiva fuq il-prezzijiet fl-Unjoni, għallinqas fit-terminu l-qasir, jekk il-miżuri jiġu revokati.

(89) Normalment, żieda fl-importazzjonijiet oġġett ta' dumping teżerċita pressjoni negattiva fuq il-livell tal-prezz tal-bejgħ u taffettwa negattivament il-profittabbiltà tal-industrija tal-Unjoni kif ukoll l-irkupru finanzjarju tagħha li ġie osservat fil-PIR.

### 2. Impatt tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping fuq l-industrija tal-Unjoni – indikazzjonijiet u l-iżvilupp probabbli matul il-perijodu wara l-PIR

(90) Is-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni diġà naqas mill-2006 'l hawn, u dan matul perjodu ta' żieda fil-konsum, filwaqt li fl-istess sena, is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet Ċiniżi żdied. Fid-dawl ta' dawn l-indikaturi mħallta (jiġifieri l-irkupru kumplessiv tal-industrija tal-Unjoni, iżda telf mis-sehem mis-suq), l-iżviluppi wara l-PIR ġew eżaminati biex ikun hemm stampa aktar ċara tat-tendenzi futuri probabbli. Ta' min ifakkar ukoll li l-probabbiltà tar-rikorrenza tal-ħsara kkawżata minn pressjoni negattiva fuq il-prezzijiet tista' tiġi influwenzata jew aċċentwata mill-evoluzzjoni tal-ekonomija globali u l-effetti tagħha fuq id-domanda u l-konsum.

(91) Inġabret informazzjoni addizzjonali sabiex jiġi ddeterminat jekk baqgħux validi wara l-PIR il-konklużjonijiet misluta abbażi tal-analiżi tal-perjodu meqjus u aktar partikolarment il-PIR. F'dan ir-rigward, l-industrija tal-Unjoni bagħtet informazzjoni dwar l-iżvilupp tal-prezzijiet tal-bejgħ tagħha fl-Unjoni li tkopri l-perjodu bejn Ottubru 2008 u April 2009 kif ukoll dwar il-volumi tal-importazzjonijiet Ċiniżi u l-prezzijiet medji tal-importazzjoni matul l-istess perjodu.

(92) Fuq din il-bażi, setgħet tiġi osservata tendenza negattiva ċara u kontinwa tal-prezzijiet tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni, jiġifieri l-prezzijiet tal-bejgħ f'April 2009 naqsu b'35 % meta mqabbel mal-prezz medju tal-bejgħ matul il-PIR. F'dak li għandu x'jaqsam mal-volumi tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni, filwaqt li m'hemmx tendenza negattiva kontinwa, il-bejgħ f'April 2009 kien 33 % inqas milli f'Marzu 2009. Kien hemm indikazzjonijiet li l-ordnijiet lill-industrija tal-Unjoni kienu qed jonqsu.

(93) F'dak li għandu x'jaqsam mal-profittabbiltà tal-industrija tal-Unjoni, l-iżvilupp negattiv kien sinifikanti. B'hekk, il-livelli tal-profitti naqsu kontinwament u waqgħu bi kważi 80 % f'April 2009 meta mqabbel mal-livell tal-profitti li ntlaħaq matul il-PIR. B'hekk, il-livelli tal-profitti tal-industrija tal-Unjoni ma laħqux il-mira stabbilita għall-profitti fl-investigazzjoni oriġinali minn Marzu 2009 'l hawn u f'April 2009 waqgħu sewwa taħtha.

(94) F'dak li għandu x'jaqsam mal-importazzjonijiet Ċiniżi, il-prezzijiet tal-importazzjonijiet Ċiniżi segwew tendenza negattiva kontinwa, li madankollu kienet inqas aċċentwata milli t-tnaqqis fil-volumi tal-importazzjoni u t-tnaqqis fil-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni. Il-prezzijiet tal-importazzjonijiet Ċiniżi, filwaqt li kienu għadhom ħarira ogħla mill-prezz tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni, f'ċerti xhur kienu orħos sewwa minnhom, u dan juri li l-pressjoni fuq il-prezzijiet fis-suq minn dawn l-importazzjonijiet żdiedet. Bl-istess mod, fit-tmiem ta' dan il-perjodu, il-prezzijiet Ċiniżi nstabu li kienu orħos ferm mill-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni.

(95) Fuq il-bażi ta' hawn fuq, u fid-dawl tat-tendenza negattiva ċara tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-industrija tal-Unjoni, ġie konkluż li aktarx ikun hemm rikorrenza tal-ħsara jekk il-miżuri jitħallew jiskadu.

(96) Ta' min jinnota li minħabba l-kriżi ekonomika globali, id-domanda fl-Unjoni naqset b'mod sinifikanti u dan kellu impatt negattiv fuq il-volum tal-bejgħ, il-prezzijiet tal-bejgħ u l-profittabbiltà tas-suq tal-Unjoni. Il-pożizzjoni finanzjarja tal-industrija tal-Unjoni marret lura u l-industrija tal-Unjoni b'hekk saret partikolarment vulnerabbli u għalhekk tiġi affettwata iktar faċilment mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping miċ-Ċina. Din is-sitwazzjoni aktarx tkompli tmur għall-agħar f'każ ta' żieda f'daqqa ta' dawn l-importazzjonijiet jekk il-miżuri jitħallew jiskadu.

### 3. Konklużjoni dwar il-probabbiltà tar-rikorrenza tal-ħsara

(97) Fil-qosor, jitqies li fil-każ li l-miżuri jiġu revokati, hemm probabbiltà fit-terminu l-qasir ta' żieda sinifikanti fl-importazzjonijiet oġġett ta' dumping miċ-Ċina fl-Unjoni bi pressjoni fuq il-prezzijiet b'konsegwenza u rikorrenza tal-ħsara lill-industrija tal-Unjoni.

(98) Ta' min jinnota, madankollu, li ġeneralment is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni matul il-perijodu meqjus kienet pożittiva - u setgħet kollox ma' kollox tirkupra mid-dumping fil-passat u tagħmel profitti sostanzjali lejn tmiem il-perjodu. Għalhekk, huwa meqjus li jista' jinħtieġ inqas żmien mill-istandard ta' ħames snin biex l-industrija tal-Unjoni tirkupra mis-sitwazzjoni prekarja attwali, li fi kwalunkwe każ tista' tkun fenomenu temporanju, u tipprevjeni l-ħsara milli terġa' sseħħ jekk il-miżuri jitħallew jiskadu. Fit-terminu l-medju, id-domanda fuq l-industrija tal-Unjoni tista' tiżdied għal darb'oħra. Jekk dan ikun il-każ, u fuq il-bażi tal-ispeċifiċitajiet tas-suq tal-Unjoni u partikolarment il-ħtieġa tal-utenti tal-Unjoni għal provvista malajr u affidabbli, jitqies li l-industrija tal-Unjoni tista', fit-terminu l-medju, tirkupra minn kull ħsara jew li r-rikorrenza tal-ħsara ma tkunx iktar probabbli. Din is-sitwazzjoni tista' tiġi riveduta iktar 'il quddiem.

## G. INTERESS TAL-UNJONI

### 1. Rimarka preliminari

(99) Skont l-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku, ġie eżaminat jekk l-issuktar tal-miżuri anti-dumping eżistenti imurx kontra l-interess tal-Unjoni b'mod ġenerali. L-interess tal-Unjoni ġie stabbilit fuq il-bażi ta' stima tad-diversi interessi l-oħra involuti kollha, jiġifieri dawk tal-industrija tal-Unjoni, tal-importaturi/negozjanti kif ukoll tal-utenti tal-prodott ikkonċernat.

(100) Ta' min ifakkar li, fl-investigazzjoni oriġinali, l-impożizzjoni tal-miżuri tqieset li ma kinitx kontra l-interess tal-Unjoni. Barra minn hekk, l-investigazzjoni preżenti hija reviżjoni tal-iskadenza, u għalhekk tanalizza sitwazzjoni fejn il-miżuri anti-dumping huma fis-seħħ.

(101) Abbażi ta' dan kien mistħarreġ jekk kienx hemm raġunijiet b'saħħithom li jistgħu jwasslu għall-konklużjoni li mhuwiex fl-interess tal-Unjoni li l-miżuri jinżammu f'dan il-każ partikolari, minkejja l-konkużjonijiet ta' hawn fuq dwar il-probabbiltà tat-tkomplija tad-dumping u r-rikorrenza tal-ħsara.

### 2. L-interess tal-industrija tal-Unjoni

(102) Huwa mfakkar li d-dumping matul il-PIR kien għadu preżenti u li teżisti probabbiltà li d-dumping tal-prodott ikkonċernat li joriġina fiċ-Ċina jkompli u l-probabbiltà li l-ħsara lill-industrija tal-Unjoni terġa' sseħħ.

(103) L-industrija tal-Unjoni wriet li hija industrija vijabbli u kompetittiva, u dan huwa kkonfermat mill-iżvilupp pożittiv tal-indikaturi ewlenin tal-ħsara matul il-perjodu meqjus. Il-miżuri anti-dumping imposti qabel ikkontribwixxew għal-livell tal-prezz kif stabbilit matul il-PIR li ppermetta lill-industrija tal-Unjoni biex terġa' tagħmel profitt.

(104) Għalhekk, huwa fl-interess tal-industrija tal-Unjoni li żżomm il-miżuri kontra l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping fiċ-Ċina.

### 3. Interess ta' importaturi/negozjanti li mhumiex relatati

(105) Il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarji lill-importaturi/kummerċjanti kollha magħrufa. Importatur/negozjant wieħed biss ikkoopera ma' din l-investigazzjoni.

(106) L-investigazzjoni wriet li l-volumi nnegozjati mill-importatur mhux relatat li kkoopera matul il-perijodu meqjus ma kienx sinifikanti, u l-bejgħ tal-prodott ikkonċernat jirrappreżenta biss parti żgħira tal-bejgħ totali tiegħu.

(107) Jitqies li t-tkomplija tal-miżuri ma taffettwax il-qagħda attwali tal-importaturi/negozjanti. Jidher ċar li l-importaturi għandhom għejun oħra ta' forniment, kif jista' jidher mis-sehem sinifikanti mis-suq li għandhom pajjiżi terzi oħra, partikolarment it-Tajlandja, li juri li l-kompetizzjoni fis-suq tal-Unjoni hija żgurata.

(108) Fid-dawl ta' li ntqal hawn fuq, tqies li l-issuktar bil-miżuri ma jkollux effett sinifikanti fuq l-importaturi/negozjanti.

### 4. Interess tal-utenti

(109) Il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarji lill-utenti kollha mhux relatati magħrufa. Tmien utenti kkooperaw mal-investigazzjoni, u dawn jirrappreżentaw 44 % tal-importazzjonijiet totali miċ-Ċina. L-investigazzjoni wriet li dawn l-utenti kienu qed jimportaw il-prodott ikkonċernat direttament miċ-Ċina. Barra minn hekk, żewġ assoċjazzjonijiet tal-utenti wieġbu billi bagħtu l-kummenti tagħhom.

(110) L-utenti industrijali ewlenin ta' AF fl-Unjoni huma l-manifatturi tar-reżina furan. L-investigazzjoni wriet li minkejja l-miżuri fis-seħħ, uħud mill-utenti xorta waħda lahqu marġnijiet ta' profitt pjuttost kbar matul il-PIR.

(111) L-utenti qalu wkoll li l-industrija tal-Unjoni għandha tibqa' sors importanti ta' forniment sabiex toffri disponibbiltà tal-prodott ikkonċernat u ċerta affidabilità u konsistenza fil-provvista.

(112) Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, tqies li l-issuktar tal-miżuri ma jkollux effett negattiv sinifikanti fuq l-utenti industrijali.

5. **Konklużjoni dwar l-interess tal-Unjoni**

(113) Meta wieħed iqis dan kollu, huwa konkluż li ma teżisti ebda raġuni b'saħħitha, f'termini ta' interess tal-Unjoni, kontra l-estensjoni tal-miżuri anti-dumping.

## H. MIŻURI ANTI-DUMPING

(114) Il-partijiet kollha ġew infurmati bil-fatti u bil-konsiderazzjonijiet essenzjali li fuq il-bażi tagħhom kien maħsub li jiġi rakkomandat li l-miżuri eżistenti jinżammu. Ingħataw ukoll perijodu ta' żmien biex jibagħtu l-kummenti u r-rikjesti tagħhom wara l-kxif.

(115) Jidher ċar li l-industrija tal-Unjoni kienet kapaċi tapprofitta mill-miżuri fis-seħħ u l-qagħda tagħha tjiebet sewwa fil-perijodu meqjus fir-rigward tal-biċċa l-kbira tal-indikaturi tal-ħsara. L-industrija tal-Unjoni għamlet marġni kbar ta' profitti matul il-PIR u l-volumi tal-bejgħ u l-produzzjoni laħqu l-livelli massimi tagħhom. Fuq il-bażi tal-iżvilupp ekonomiku pożittiv tal-industrija tal-Unjoni matul il-perijodu meqjus, ma setax jiġi stabbilit li kompla jkun hemm ħsara materjali.

(116) Madankollu, l-investigazzjoni wriet minn naħa waħda li, minkejja żieda fil-konsum, l-industrija tal-Unjoni tilfet sehem mis-suq filwaqt li l-importazzjonijiet Ċiniżi żiedu s-sehem tagħhom mis-suq. Min-naħa l-oħra, l-investigazzjoni wriet ukoll li jeżistu kapaċitajiet mhux utilizzati fiċ-Ċina u li d-dumping għoli kompla matul il-PIR.

(117) Barra minn hekk, l-investigazzjoni dwar il-probabbiltà tar-rikorrenza tal-ħsara wriet li l-qagħda tal-industrija tal-Unjoni marret għall-agħar wara l-PIR u wasslet għal ħsara lejn il-bidu tat-tieni trimestru tal-2009. Uriet ukoll li kien hemm kapaċitajiet sinifikanti mhux utilizzati li kienu disponibbli fiċ-Ċina u li l-inċentiv biex dawn il-kapaċitajiet mhux utilizzati jiġu indirizzati lejn l-Unjoni jekk il-miżuri jiskadu kien kbir. Din iż-żieda mistennija fl-importazzjonijiet oġġett ta' dumping aktarx iżżid il-pressjoni fuq il-prezz fl-Unjoni b'effett negattiv fuq il-prezz u l-livelli tal-profitt tal-industrija tal-Unjoni. Għalhekk, ġie stabbilit li kien hemm probabbiltà ta' rikorrenza tal-ħsara, jekk il-miżuri jitħallew jiskadu, għallinqas fit-terminu l-qasir.

(118) Dan kien ikollu impatt saħansitra iktar negattiv fil-kuntest tal-kriżi ekonomika attwali, li wasslet biex jonqos il-konsum wara l-PIR. F'dan ix-xenarju, l-impatt taż-żieda fl-importazzjonijiet oġġett ta' dumping jimmultiplika l-effetti negattivi tiegħu fuq l-industrija tal-Unjoni.

(119) Fl-aħħar nett, qed jitqies li jekk l-ekonomija tirkupra fit-terminu l-medju, id-domanda għal FA fl-Unjoni tiżdied. F'dawn iċ-ċirkostanzi, l-industrija tal-Unjoni ser tkun kapaċi żżid il-volumi tal-bejgħ tagħha skont dan.

(120) Għalhekk, milli ntqal qabel, skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, il-miżuri anti-dumping li japplikaw fuq l-importazzjoni ta' AF miċ-Ċina, imposti mir-Regolament (KE) Nru 1905/2003, għandhom jinżammu għal perijodu addizzjonali ta' sentejn mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra tal-Artikolu 11 tar-Regolament bażiku.

(121) Wara l-kxif, l-industrija tal-Unjoni talbet biex il-miżuri definittivi jiġu estiżi għal ħames snin bl-argument li l-bidla f'daqqa fil-kundizzjonijiet tas-suq wara l-PIR turi li kull żvilupp fis-suq fil-ġejjieni huwa inċert u diffiċli biex wieħed ibassru. Għalhekk, l-istima tal-Istituzzjonijiet tal-Unjoni, jiġifieri li l-ekonomija tista' tirkupra wara perjodu medju ta' żmien u li d-domanda għal AF fl-Unjoni tista' titjieb konsegwentement, ma tkunx preċiża biżżejjed. Madankollu, kif imsemmi fuq fil-premessi minn (117) sa (119), tqies li l-iżviluppi wara l-PIR, inkluż l-effetti tal-kriżi ekonomika, aktarx ikunu ta' natura dewwiema li tkun tirrikjedi l-impożizzjoni ta' miżuri għal mhux iktar minn sentejn. Għalhekk, ir-rikjesta tal-industrija tal-Unjoni f'dan ir-rigward kellha tiġi miċħuda.

(122) Sabiex jitnaqqsu kemm jista' jkun ir-riskji ta' ċirkonvenzjoni minħabba d-differenza għolja fir-rati tad-dazju, huwa meqjus li jinħtieġu miżuri speċjali f'dan il-każ biex jiżguraw l-applikazzjoni xierqa tad-dazji anti-dumping. Dawn il-miżuri speċjali jinkludu dan li ġej:

Il-preżentazzjoni lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri ta' fattura kummerċjali valida li tkun f'konformità mar-rekwiżiti stipulati fl-Anness ta' dan ir-Regolament. L-importazzjonijiet li ma jkunux akkumpanjati b'fattura bħal din għandhom ikunu suġġetti għad-dazju anti-dumping residwu li japplika għall-produtturi esportaturi l-oħrajn kollha.

(123) Jekk l-esportazzjonijiet ta' kumpanija waħda mill-erbgħa li jibbenefikaw minn rati individwali aktar baxxi ta' dazju jiżdiedu b'mod sinifikanti fil-volum wara l-impożizzjoni tal-miżuri kkonċernati, din iż-żieda fil-volum tista' titqies li tikkostitwixxi fiha nnifisha bidla fil-mudell tal-kummerċ dovuta għall-impożizzjoni tal-miżuri skont it-tifsira tal-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku. F'dawn iċ-ċirkostanzi u bil-kondizzjoni li jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet, jista' jingħata bidu għal investigazzjoni kontra ċ-ċirkonvenzjoni. Din l-investigazzjoni tista', fost l-oħrajn, teżamina l-ħtieġa għat-tneħħija tar-rati tad-dazju individwali u għall-impożizzjoni konsegwenti tad-dazju għall-pajjiż kollu.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

1. Dazju anti-dumping definittiv huwa b'dan impost fuq l-importazzjonijiet ta' alkoħol furfuriliku, li bħalissa jaqa' taħt il-kodiċi NM ex 2932 13 00 (Kodiċi TARIC 2932 13 00 90), li joriġina fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina.

2. Ir-rata tad-dazju anti-dumping definittiv li hija applikabbli għall-prodott deskritt fil-paragrafu 1 għandha tkun kif ġej:

| Kumpaniji | Rata definittiva tad-dazju anti-dumping (EUR kull tunellata) | Kodiċi addizjonali TARIC |
|---|---|---|
| Gaoping Chemical Industry Co. Ltd | 160 | A442 |
| Linzi Organic Chemical Inc. | 84 | A440 |
| Zhucheng Taisheng Chemical Co. Ltd | 97 | A441 |
| Henan Huilong Chemical Industry Co. Ltd | 156 | A484 |
| Il-kumpaniji l-oħrajn kollha | 250 | A999 |

3. F'każijiet fejn l-oġġetti ġarrbu ħsara qabel ma daħlu fiċ-ċirkolazzjoni ħielsa u, għalhekk, il-prezz li tħallas attwalment jew li għandu jitħallas huwa allokat għad-determinazzjoni tal-valur doganali skont l-Artikolu 145 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi il-Kodiċi Doganali Komunitarju ([1]), l-ammont tad-dazju anti-dumping, maħdum abbażi tal-paragrafu 2 hawn fuq, irid jitnaqqas b'perċentwal li jikkorrispondi mal-allokazzjoni tal-prezz imħallas attwalment jew li għandu jitħallas.

4. L-applikazzjoni tar-rati tad-dazju individwali speċifikati għall-erba' kumpaniji msemmija fil-paragrafu 2 għandha tiddependi fuq il-preżentazzjoni lill-awtoritajiet tad-dwana tal-Istati Membri ta' fattura kummerċjali valida, li għandha tikkonforma mar-rekwiżiti mniżżla fl-Anness għal dan ir-Regolament. Jekk ma tiġix ippreżentata din il-fattura, għandha tapplika r-rata tad-dazju applikabbli għall-kumpaniji l-oħra kollha.

5. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ li jikkonċernaw id-dazji doganali.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Għandu jiskadi fl-10 ta' Diċembru 2011.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Diċembru 2009

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

C. MALMSTRÖM

([1]) ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1.

*ANNESS*

Il-fattura kummerċjali valida msemmija fl-Artikolu 1(4) ta' dan ir-Regolament għandha tinkludi dikjarazzjoni ffirmata minn uffiċjal tal-kumpanija, fil-format li ġej:

1. L-isem u l-funzjoni tal-uffiċjal tal-kumpanija li ħarġet il-fattura kummerċjali;

2. Id-dikjarazzjoni li ġejja: "Jien, hawn taħt iffirmat, niċċertifika li l-[volum] ta' alkoħol furfuriliku li bħalissa jista' jkun ikklassifikat bil-kodiċi NM ex 2932 13 00 (kodiċi addizzjonali TARIC) mibjugħ għall-esportazzjoni lill-Unjoni Ewropea u kopert minn din il-fattura ġie manifatturat minn [isem u indirizz tal-kumpanija] fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina; Niddikjara li l-informazzjoni mogħtija f'din il-fattura hija sħiħa u korretta."

3. Data u firma.

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1203/2009

## tad-9 ta’ Diċembru 2009

## li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta’ dħul ta’ ċertu frott u ħaxix

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta’ Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta’ swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1580/2007 tal-21 ta’ Diċembru 2007 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2001/96 u (KE) Nru 1182/2007 fis-settur tal-frott u ħxejjex ([2]), u b’mod partikolari l-Artikolu 138(1) tiegħu,

Billi:

Fl-applikazzjoni tal-konklużjonijiet tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-Regolament (KE) Nru 1580/2007 jistipula l-kriterji għall-istabbiliment mill-Kummissjoni tal-valuri fissi tal-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi msemmijin fl-Anness XV, it-Taqsima A tar-Regolament imsemmi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri fissi tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 138 tar-Regolament (KE) Nru 1580/2007 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-10 ta’ Diċembru 2009.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta’ Diċembru 2009.

*Għall-Kummissjoni,*
*f’isem il-President,*
Jean-Luc DEMARTY
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 350, 31.12.2007, p. 1.

*ANNESS*

**il-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi NM | Kodiċi tal-pajjiż terz (1) | Valur fiss tal-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | AL | 37,7 |
| | MA | 48,4 |
| | TN | 81,6 |
| | TR | 64,4 |
| | ZZ | 58,0 |
| 0707 00 05 | MA | 52,9 |
| | TR | 78,0 |
| | ZZ | 65,5 |
| 0709 90 70 | MA | 48,2 |
| | TR | 131,1 |
| | ZZ | 89,7 |
| 0805 10 20 | AR | 70,4 |
| | MA | 49,0 |
| | TR | 49,3 |
| | ZA | 57,8 |
| | ZZ | 56,6 |
| 0805 20 10 | MA | 71,9 |
| | ZZ | 71,9 |
| 0805 20 30, 0805 20 50, 0805 20 70, 0805 20 90 | CN | 132,8 |
| | HR | 55,6 |
| | IL | 75,3 |
| | TR | 73,7 |
| | ZZ | 84,4 |
| 0805 50 10 | TR | 73,4 |
| | ZZ | 73,4 |
| 0808 10 80 | AU | 161,8 |
| | CA | 65,1 |
| | CN | 81,4 |
| | MK | 24,5 |
| | US | 92,9 |
| | ZZ | 85,1 |
| 0808 20 50 | CN | 45,0 |
| | US | 242,2 |
| | ZZ | 143,6 |

(1) In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "oriġini oħra".

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1204/2009

## tal-4 ta' Diċembru 2009

## li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 968/2006 li jistipula regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 320/2006 li jistabbilixxi skema temporanja għar-ristrutturar tal-industrija taz-zokkor fil-Komunità

Il-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 320/2006 tal-20 ta' Frar 2006 li jistabbilixxi skema temporanja għar-ristrutturar tal-industrija taz-zokkor fil-Komunità u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1290/2005 dwar il-finanzjament tal-politika agrikola komuni ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 12 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 968/2006 ([2]) iffissa xi dati ta' skadenza għall-implimentazzjoni ta' miżuri fil-qafas tal-pjanijiet ta' ristrutturar u l-programmi nazzjonali ta' diversifikazzjoni. Minn dak iż-żmien sar evidenti li hemm il-bżonn li jiġi definit kalendarju ġdid għall-iskema temporanja għar-ristrutturar tal-industrija taz-zokkor sabiex jitqiesu l-konsegwenzi tal-kriżi finanzjarja globali fuq l-ekonomiji ta' ċerti Stati Membri u l-bidliet importanti ta' f'daqqa fil-programmi nazzjonali ta' ristrutturar li bdew fl-2008 u għadhom għaddejjin.

(2) It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 1(3) tar-Regolament (KE) Nru 320/2006 jipprovdi li kwalunkwe ammont li jifdal fil-fond tar-ristrutturar temporanju wara l-finanzjament tal-miżuri jiġi ttrasferit fil-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija. Sabiex tkun żgurata ġestjoni soda finanzjarja u tal-baġit tal-fondi li jibqgħu, huwa xieraq li jiġu postposti d-dati finali eżistenti għall-eliġibbiltà tal-ħlasijiet li saru taħt il-fond ta' ristrutturar fil-każ li l-impriżi kkonċernati jaġġornaw il-pjanijiet ta' ristrutturar tagħhom.

(3) Ir-Regolament (KE) Nru 968/2006 għandu, għalhekk, jiġi emendat skont dan.

(4) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat għall-Fondi Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 968/2006 huwa emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 6(1), jiġi miżjud it-tieni subparagrafu li ġej:

"B'deroga mill-punt (b) tal-ewwel subparagrafu, fuq talba motivata tal-impriża kkonċernata, l-Istati Membri jistgħu jagħtu estensjoni tad-data ta' skadenza ffissata f'dak il-punt sat-30 ta' Settembru 2011 l-iktar tard. F'dan il-każ, l-impriża għandha tressaq pjan emendat tar-ristrutturar skont l-Artikolu 11."

(2) Fl-Artikolu 14, il-paragrafu 3 jinbidel b'dan li ġej:

"3. L-azzjonijiet u l-miżuri pprovduti fil-programm nazzjonali ta' ristrutturar għandhom jiġu implimentati sat-30 ta' Settembru 2011."

(3) Fl-Artikolu 17, il-paragrafu 2 jinbidel b'dan li ġej:

"2. L-ewwel ħlas jista' jsir f'Settembru 2007. L-għajnuna għad-diversifikazzjoni, l-għajnuna addizzjonali għad-diversifikazzjoni u l-għajnuna tranżitorja għal ċerti Stati Membri ma għandiex titħallas iktar tard mit-30 ta' Settembru 2012."

(4) Fl-Artikolu 22, il-paragrafu 3 jinbidel b'dan li ġej:

"3. Bl-eċċezzjoni ta' każ ta' forza maġġuri, is-sigurtà tintilef jekk il-kundizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 1 ma ġewx sodisfatti sat-30 ta' Settembru 2012 l-iktar tard."

(5) Fl-Artikolu 24, l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 2 jinbidel b'dan li ġej:

"Sat-30 ta' Ġunju 2012, l-Istat Membru għandu jressaq lill-Kummissjoni rapport finali ta' progress li jqabbel l-azzjonijiet jew il-miżuri implimentati u l-ispejjeż imġarrba ma' dawk previsti fil-pjanijiet ta' ristrutturar, il-programmi nazzjonali ta' ristrutturar u l-pjanijiet tal-kummerċ u l-ispjegazzjoni tar-raġunijiet għad-devjazzjonijiet."

(6) Fil-Kapitolu V jidħol Artikolu 22b ġdid:

*"L-Artikolu 22b*

**L-eliġibbiltà tal-ħlasijiet**

In-nefqa għandha tkun eliġibbli biss għall-finanzjament Komunitarju jekk tħallset mill-Istati Membru lill-benefiċjarju sat-30 ta' Settembru 2012 l-iktar tard."

([1]) ĠU L 58, 28.2.2006, p. 42.
([2]) ĠU L 176, 30.6.2006, p. 32.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Diċembru 2009.

*Għall-Kummissjoni*

José Manuel BARROSO

*Il-President*

# ATTI LI L-PUBBLIKAZZJONI TAGĦHOM MHIJIEX OBBLIGATORJA

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

**tas-7 ta' Diċembru 2009**

**dwar l-estensjoni tal-perjodu ta' disponibilità tal-assistenza finanzjarja Komunitarja eċċezzjonali lill-Kosovo**

(2009/918/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/880/KE tat-30 ta' Novembru 2006 li tipprovdi assistenza finanzjarja Komunitarja eċċezzjonali lill-Kosovo [1] u b'mod partikolari l-Artikolu 1(3).

Billi:

(1) Id-disponibilità tal-assistenza finanzjarja Komunitarja eċċezzjonali lill-Kosovo [2] skont id-Deċiżjoni 2006/880/KE msemmija hawn, fuq tiskadi fil-11 ta' Diċembru 2009.

(2) L-Artikolu 1(3) tad-Deċiżjoni 2006/880/KE jipprevedi l-possibbiltà għall-Kummissjoni li testendi il-perjodu ta' disponibilità b'massimu ta' sena.

(3) Id-disponibilità għandha tkun estiża b'sena sabiex jitlesta l-programm ta' assistenza finanzjarja.

(4) Il-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju kien ikkonsultat kif inhu xieraq dwar din l-estensjoni,

ADDOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-perjodu ta' disponibilità assistenza finanzjarja Komunitarja eċċezzjonali lill-Kosovo tkun estiża b'sena addizzjonali sal-11 ta' Diċembru 2010.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara li tiġi pubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Diċembru 2009.

*Għall-Kummissjoni*

José Manuel BARROSO

*Il-President*

---

(1) ĠU L 339, 6.12.2006, p. 36.

(2) Skont ir-Riżoluzzjoni tanl-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti Nru 1244/1999 (UNSCR 1244/99) tal-10.6.1999.

V *Atti adottati mill-1 ta' Diċembru 2009 taħt it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u t-Trattat Euratom*

ATTI LI L-PUBBLIKAZZJONI TAGĦHOM HIJA OBBLIGATORJA

★ **Regolament ta' implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1202/2009 tas-7 ta' Diċembru 2009 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq importazzjonijiet tal-alkoħol furfuriliku li joriġina fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina wara reviżjoni tal-iskadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 384/96** ..... 48

Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1203/2009 tad-9 ta' Diċembru 2009 li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix ..... 62

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1204/2009 tal-4 ta' Diċembru 2009 li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 968/2006 li jistipula regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 320/2006 li jistabbilixxi skema temporanja għar-ristrutturar tal-industrija taz-zokkor fil-Komunità** ..... 64

ATTI LI L-PUBBLIKAZZJONI TAGĦHOM MHIJIEX OBBLIGATORJA

2009/918/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta' Diċembru 2009 dwar l-estensjoni tal-perjodu ta' disponibilità tal-assistenza finanzjarja Komunitarja eċċezzjonali lill-Kosovo** ..... 66

MT

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2009 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 1 000 EUR fis-sena (*) |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 100 EUR fix-xahar (*) |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, stampati + CD-ROM annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 1 200 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 700 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 70 EUR fix-xahar |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 400 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 40 EUR fix-xahar |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, CD-ROM fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 500 EUR fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, CD-ROM, żewġ edizzjonijiet fil-ġimgħa | multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE | 360 EUR fis-sena (= 30 EUR fix-xahar) |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni | 50 EUR fis-sena |

(*) Il-prezz kull kopja:

| | |
|---|---|
| bi 32 paġna: | 6 EUR |
| minn 33 sa 64 paġna: | 12 EUR |
| aktar minn 64 paġna: | Prezz fiss għal kull każ |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Komunikazzjoni u Informazzjoni).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (Serje S – Appalti u Swieq Pubbliċi) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'CD-ROM waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

## Bejgħ u Abbonamenti

Il-pubblikazzjonijiet bil-ħlas editjati mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT